# Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 655/2014

## Xi tkun?

L-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (EAPO) tippermetti li qorti f’pajjiż tal-UE **tiffriża l-fondi** fil-kont bankarju tad-debitur f’ **pajjiż ieħor tal-UE**. Il-proċedura tista’ tintuża biss għal każijiet transfruntiera, fejn il-qorti li qed tmexxi l-proċedura jew il-pajjiż tad-domiċilju tal-kreditur jridu jkunu fi Stat Membru differenti minn dak fejn jinsab il-kont bankarju tad-debitur.

Hija tiffaċilità l-**irkupru tad-dejn** fl-UE.

Il-proċedura biex tinkiseb EAPO hija prevista fir-Regolament (UE) Nru 655/2014.

Hija **alternattiva** għall-proċeduri legali eżistenti f’kull pajjiż tal-UE.

Tapplika mit-18 ta’ Jannar 2017.

## Vantaġġi

Il-proċedura hija **rapida** u sseħħ **mingħajr ma jiġi nfurmat id-debitur** (*ex parte*).

Dan l-‘**effett sorpriża”**’ jwaqqaf lid-debitur milli *jċaqlaq*, *jaħbi* jew *jonfoq* flusu.

## Tapplika fil-pajjiżi kollha tal-UE?

Le. Ir-Regolament ma japplikax fid-Danimarka. Dan ifisser li:

il-krudituri bbażati fid-Danimarka **jistgħux japplikaw** għal EAPO

ma tistax **tikseb EAPO** fuq kont bankarju Daniż.

## Kif għandek tapplika

Issib il-formoli tal-applikazzjoni kollha u aktar informazzjoni hawnhekk.

Tista’ **timla l-formoli kollha onlajn**.

**Ftakar**: Ma *għandekx għalfejn tagħti dettalji preċiżi* dwar il-kont li jrid jiġi ffriżat (pereżempju n-numru tal-kont) **jekk mhumiex disponibbli** – tista’ tagħti biss l-**isem tal-bank** fejn hu miżmum il-kont. Jekk ma tafx l-isem tal-bank fejn id-debitur għandu l-kont, skont ir-Regolament tista’ titlob lill-qorti biex issir taf.

Il-kontenut tal-formoli kollha relatati mal-EAPO jinsab fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1823.

## Ħolqa relatata

Gwida għaċ - Ċittadini dwar il-Litigazzjoni Ċivili Transkonfinali fl-Unjoni Ewropea PDF (725 Kb) mt

L-aħħar aġġornament: 21/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f’din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f’dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

# Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Belġju

## Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

L-imħallef tas-sekwestri (*juge des saisies*/*beslagrechter*) fil-qorti tal-prim’istanza (*tribunal de première instance*/*Rechtbank van eerste aanleg*, l-Artikolu 1395/2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire*/*Gerechtelijk Wetboek*)).

## Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet

L- Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Belġju (*Chambre nationale des huissiers de justice*/*Nationale Kamer van Gerechtsdeurwaarders*, l-Artikolu 555/1, §1, is-subparagrafu 1, 25° tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta’ informazzjoni dwar il-kontijiet

L-Artikolu 555/1, §2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2019 wara li ttieħdu għadd ta’ miżuri ta’ implimentazzjoni ulterjuri, jipprevedi kombinazzjoni tal-opzjonijiet (a) u (b) fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-UE.

Għalhekk, fi stadju inizjali wara t-talba ġudizzjarja, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tista’ titlob lill-punt ta’ kuntatt fil-bank ċentrali Belġjan (*Banque nationale de Belgique*/*Nationale Bank van België*) sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba hemmhekk, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tista’, jekk ikun meħtieġ, titlob lil bank wieħed jew aktar biex jipprovdu d-*data*.

## Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

Il-Qorti tal-Appell (*Cour d’appel*/*Hof van Beroep*, l-Artikolu 602, is-subparagrafu 1, 6° tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra

Uffiċjal ġudizzjarju (*huissier de justice*/*gerechtsdeurwaarder*, l-Artikolu 196 tal-Att tat-18 ta’ Ġunju 2018 li jistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet dwar id-dritt ċivili u dispożizzjonijiet li jippromwovu forom alternattivi ta’ soluzzjoni tat-tilwim).

## Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

Uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 519, §1, 1° tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati

Il-preservazzjoni tal-kontijiet fil-Belġju hija regolata mill-Kodiċi Ġudizzjarju (il-Parti 5, it-Titolu II, il-Kapitolu IV ( http://www.ejustice.just.fgov.be/eli/loi/1967/10/10/1967101056/justel). L-ordnijiet ta' preservazzjoni tal-kontijiet jistgħu jinħarġu għal kontijiet konġunti. Jekk il-bank tal-persuna soġġetta għal mandat ta' sekwestru jkun jaf bl-ammonti attribwibbli lid-detenturi individwali ta’ kont konġunt, l-ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet tkun tikkonċerna biss l-ammont dovut mid-debitur soġġett għal ordni ta' sekwestru, fin-nuqqas ta’ dan, l-ammont sħiħ tal-bilanċ ta’ kreditu jiġi indikat fid-dikjarazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-persuna soġġetta għal mandat ta' sekwestru. F’dak il-każ, kwalunkwe detentur ta’ kont li ma jkunx soġġett għas-sekwestru jista’ jagħmel rikors biex is-sekwestru jitneħħa parzjalment jekk ikun jista’ jipprovdi evidenza tas-sehem tiegħu mill-assi.

- Dan ir-rikors jista’ jiġi ppreżentat lill-imħallef tas-sekwestri fil-qorti tal-prim’istanza (l-Artikolu 1395 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).
- Fir-rigward tal-kontijiet fiduċjarji (*comptes de qualité*/*kwaliteitsrekeningen* u *comptes de tiers*/*derdenrekeningen*), għandha ssir id-distinzjoni li ġejja:

Id-debitur huwa d-detentur tal-kont

Minkejja l-Artikolu 8/1 tal-Att dwar l-Ipoteki (*loi hypothécaire*/*Hypotheekwet*), li jirrikonoxxi b'mod espliċitu li xi kontijiet fiduċjarji li huma obbligatorji skont il-liġi (jiġifieri l-kontijiet miżmuma minn avukati, uffiċjali ġudizzjarji, nutara u aġenti tal-proprjetà) huma separati mill-assi tad-detentur tal-kont, u li din is-separazzjoni jista' jsir affidament fuqha kontra partijiet terzi, il-korp leġiżlattiv fil-fatt ma pprovdiex li l-fondi miżmuma f'dawk il-kontijiet fiduċjarji jkunu immuni minn sekwestru mill-kredituri privati tad-detentur tal-kont. Għalhekk, fil-prinċipju, bank jista' jingħata struzzjonijiet biex jippreserva dawk il-fondi. Meta bank jingħata struzzjonijiet biex jippreserva l-fondi, huwa jrid jindika n-natura speċifika tal-kont (l-Artikolu 1452 tal-Kodiċi Ġudizzjarju); madankollu, jistgħu jitqajmu oġġezzjonijiet mal-imħallef tas-sekwestri. Id-debitur soġġett għal ordni ta' sekwestru jista', għalhekk, jagħmel rikors biex l-ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet titneħħa.

Id-debitur huwa l-benefiċjarju tal-kont fiduċjarju

Il-benefiċjarju tal-kont fiduċjarju għandu pretensjoni kontra d-detentur tal-kont fir-rigward tal-fondi ġestiti f'ismu. It-talba tista' tiġi soġġetta għal ordni ta' sekwestru mill-kredituri tal-benefiċjarju: dan minħabba li kwalunkwe kreditur jista' jitlob il-preservazzjoni tal-fondi dovuti minn parti terza lid-debitur tal-kreditur (l-Artikolu 1445 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-ordni ta' preservazzjoni tal-kont trid tinħareġ lid-detentur tal-kont (= il-fiduċjarju), u mhux lill-bank. Dan minħabba li f' dan ix-xenarju, il-bank għandu djun biss fil-konfront tad-detentur tal-kont, u mhux fil-konfront tal-benefiċjarju.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-immunità mis-sekwestru ta' ċerti ammonti hija regolata fil-Belġju mill-Artikoli 1409, 1409bis u 1410 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (http://www.ejustice.just.fgov.be/eli/loi/1967/10/10/1967101056/justel). Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu restrizzjonijiet fuq is-sekwestru ta' ċerti oġġetti ta' introjtu u l-immunità minnhom, fosthom: pagi, introjtu ta' sostituzzjoni, benefiċċji soċjali u manteniment. Taħt ċertu limitu, il-pagi u l-introjtu ta' sostituzzjoni huma immuni mis-sekwestru.

Bil-għan li jgħin lill-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni u, fejn ikun xieraq, lill-individwi soġġetti għal mandat ta' sekwestru jiddeterminaw jekk l-ammonti f'kont jistgħux jiġu sekwestrati, l-Artikolu 1411bis §3 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi obbligu - infurzat mil-liġi kriminali - biex l-impjegaturi u l-aġenziji tal-pagamenti jindikaw kodiċi speċifiku meta jagħmlu l-pagamenti. Il-kodiċi jvarja skont it-tip ta' introjtu protett imħallas fil-kont.

Dan ir-rekwiżit biex jiġi indikat kodiċi huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' debitur li jipprova bil-mezzi legali kollha li l-ammonti kreditati fil-kont kurrenti tiegħu huma immuni mis-sekwestru (l-Artikolu 1411bis §2, is-subparagrafu 1 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Barra minn hekk, l-Artikolu 1411bis §2, is-subparagrafu 2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi suppożizzjoni konfutabbli li l-ammonti mħallsa mill-impjegatur tad-debitur fil-kont kurrenti tiegħu huma parzjalment immuni mis-sekwestru. Il-preżunzjoni tapplika esklussivament għat-tranżazzjonijiet bejn id-debitur u l-kredituri tiegħu.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Skont l-Artikolu 1454 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, l-ispejjeż tad-dikjarazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn persuna soġġetta għal mandat ta' sekwestru jitħallsu mid-debitur. Ma hemm ebda provvediment għall-irkupru ta' spejjeż oħra li jagħmel il-bank b'rabta mal-eżekuzzjoni jew it-tneħħija (parzjali) ta' ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet.

Skont l-Artikolu 555/1, §2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019, ordni ffirmata mir-Re għandha tistabbilixxi t-tariffi għall-ipproċessar tat-talbiet għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ġbir. Meta jkun xieraq, parti minn dawn l-ispejjeż għandha titħallas mill-bank li pprovda l-informazzjoni fuq talba tal-awtorità maħtura mill-Belġju (ara l-Artikolu 50(l)(b) hawn fuq), sakemm ikun ġie konkluż ftehim bil-miktub dwar l-arranġamenti ta' kumpens mal-banek jew rappreżentant tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43(3) tar-Regolament (ara l-Artikolu 3, 2° tal-Ordni Rjali (*Arrêté Royal*/*Koninklijk besluit*) tat-22 ta' April 2019 li tistabbilixxi t-tariffi għall-ipproċessar tat-talbiet għall-informazzjoni dwar il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 555/1, §2, is-subparagrafu 6 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ġbir (http://www.ejustice.just.fgov.be/eli/arrete/2019/04/22/2019030412/justel). Attwalment, ma ġie konkluż l-ebda ftehim dwar l-arranġamenti ta' kumpens mal-banek.

Dawn it-tariffi se japplikaw għat-talbiet għall-informazzjoni domestiċi skont l-Artikoli 1447/1 u 1447/2 il-ġodda tal-Kodiċi Ġudizzjarju (li probabbilment ser jidħlu fis-seħħ matul l-2020) u għat-talbiet għall-informazzjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Fir-rigward tal-eżekuzzjoni minn uffiċjal ġudizzjarju, ir-rati huma stabbiliti mill-Ordni Rjali tat-30 ta' Novembru 1976 li tistabbilixxi r-rati għall-miżuri meħuda mill-uffiċjali ġudizzjarji f'kawżi ċivili u kummerċjali u r-rati għal ċerti benefiċċji.

Rigward l-għoti ta' informazzjoni, skont l-Artikolu 555/1, §2 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019, ordni ffirmata mir-Re għandha tistabbilixxi t-tariffi għall-ipproċessar tat-talbiet għall-informazzjoni dwar il-kontijiet u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ġbir. L-Ordni Rjali tat-22 ta' April 2019 li tistabbilixxi t-tariffi għall-ipproċessar tat-talbiet għall-informazzjoni dwar il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 555/1, §2, is-subparagrafu 6 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ġbir (http://www.ejustice.just.fgov.be/eli/arrete/2019/04/22/2019030412/justel) daħlet fis-seħħ b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2019.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Skont il-liġi Belġjana, il-preservazzjoni ta' kont ma tagħtix status preferenzjali lil dejn. Skont l-Artikoli 17 u 19, 1° tal-Att dwar l-Ipoteki, dawk l-ispejjeż legali biss imġarrba b'riżultat dirett tal-preservazzjoni tal-kont jirċievu status preferenzjali.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Kontra ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet: l-imħallef tas-sekwestri fil-qorti tal-prim'istanza (l-Artikolu 1395/2, 2° tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Kontra l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet: l-imħallef tas-sekwestri (*juge des saisies*/*beslagrechter*) fil-qorti tal-prim'istanza (l-Artikolu 1395/2, 2° tal-Kodiċi Legali).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-Qorti tal-Appell (*Cour d'appel*/*Hof van Beroep*, l-Artikolu 602, l-ewwel paragrafu, 7° tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Skont l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, fil-prinċipji l-appelli jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien xahar mid-data tal-għoti jew tan-notifika tas-sentenza.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

L-ispejjeż tal-proċeduri ta' qorti ċivili huma regolati mill-Artikoli 1017-1022 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

L-ispejjeż legali jvarjaw minn kawża għall-oħra u jistgħu jiġu determinati b'referenza għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża.

L-Artikolu 1017 jistabbilixxi, bħala regola ġenerali, li anki meta ma jsir l-ebda rikors, is-sentenza finali tordna lill-parti telliefa tkopri l-ispejjeż, sakemm leġiżlazzjoni speċifika ma tipprevedix arranġamenti oħra u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehim milħuq bejn il-partijiet u li jiġi inkorporat fis-sentenza. Madankollu, kwalunkwe spiża mhux meħtieġa, inkluża t-tariffa proċedurali msemmija fl-Artikolu 1022, titħallas mill-parti li tkun iġġeneratha, anki meta ma jsir l-ebda rikors.

L-Artikolu 1018 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistabbilixxi l-ispejjeż ikkonċernati:

1° Diversi tariffi tal-qorti u tar-reġistrazzjoni u t-taxxa tal-boll imħallsa qabel ma tħassar il-Kodiċi dwar it-Taxxa tal-Boll; it-tariffi tal-qorti jinkludu t-tariffi ta' elenkar, it-tariffi tat-tfassil u t-tariffi tal-kopji (l-Artikolu 268 et seq. tal-Kodiċi tat-Tariffi tar-Reġistrazzjoni, tal-Ipoteki u tal-Qorti (*Code des droits d' enregistrement, d'hypothèque et de greffe*/*Wetboek registratie-, hypotheek- en griffierechten*)).

Fil-prinċipju, hija imposta tariffa ta' elenkar (*droit de mise au rôle*/*rolrecht*) li tvarja minn EUR 100 sa EUR 500 (imħallef tas-sekwestri) jew minn EUR 210 sa EUR 800 (Qorti tal-Appell), skont il-valur tar-rikors (l-Artikolu 269/1 tal-Kodiċi). Din it-tariffa trid titħallas meta jiġi elenkat il-każ.

Fil-prinċipju, hija imposta tariffa tat-tfassil (*droit de rédaction/opstelrecht*) ta' EUR 35 fuq id-dokumenti tar-reġistratur tal-qorti jew id-dokumenti ppreżentati lilu mingħajr intervent ġudizzjarju (l-Artikolu 270/1 tal-Kodiċi).

Fil-prinċipju, hija imposta tariffa tal-kopji (*droit d'expédition*/*expeditierecht*) li tvarja bejn EUR 0.85 u EUR 3 kull paġna fuq kopji jew siltiet maħruġa minn reġistru tal-qorti (l-Artikoli 271 u 272 tal-Kodiċi).

Huma imposti tariffi tar-reġistrazzjoni (3% tal-kapital) fuq deċiżjonijiet li jikkonċernaw somma prinċipali ta' aktar minn EUR 12 500 (esklużi l-ispejjeż legali).

2° L-ispiża tad-dokumenti ġudizzjarji u l-emolumenti u s-salarji relatati.

3° L-ispiża biex tingħata kopja ta' sentenza: bejn EUR 0.85 u EUR 3 kull paġna.

4° L-ispejjeż ta' kwalunkwe miżura ta' inkjesta, b'mod partikolari t-tariffi tax-xhieda u tal-esperti.

5° L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' sussistenza għall-imħallfin, għar-reġistraturi u għall-partijiet li jkunu meħtieġa li jivvjaġġaw b'ordni tal-qorti, u l-ispejjeż tad-dokumenti li jitħejjew biss għall-proċedimenti.

6° It-tariffa proċedurali msemmija fl-Artikolu 1022; fil-prinċipju, din titħallas mill-parti telliefa u tirrappreżenta kumpens għat-tariffi u l-ispejjeż tal-avukat li tkun ġarrbet il-parti rebbieħa. L-ammont ta' din it-tariffa proċedurali jiġi kkalkulat skont il-valur tat-talba. L-Ordni Rjali tas-26 ta' Ottubru 2007 jistabbilixxi ammont bażiku, ammont minimu u ammont massimu. L-imħallef jista' jnaqqas jew iżid l-ammont bażiku soġġett għall-ammonti massimi u minimi. Dawn l-ammonti huma marbuta mal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur.

7° It-tariffi, l-emolumenti u l-ispejjeż ta' medjatur maħtur skont l-Artikolu 1734.

8° Il-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 4 §2 tal-Att tad-19 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi fond baġitarju għall-assistenza legali tat-tieni linja (*aide juridique de deuxième ligne*/*juridische tweedelijnsbijstand*).

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

L-ebda lingwa addizzjonali.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Iċ-Ċekja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 (skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin).

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 hija kompetenti li tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet (skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin).

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-Artikolu 128 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*občanský soudní řád*), kif emendat, jeħtieġ li kull persuna, fuq talba, tinforma lil qorti mingħajr ħlas bi kwalunkwe fatt li jkun sinifikanti għall-proċedimenti u għat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

L-appelli għandhom jiġu ppreżentati permezz tal-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi kkontestata (l-Artikolu 204(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif emendat). Il-ġuriżdizzjoni *ratione materiae* hija tal-**qrati reġjonali** (*krajské soudy*). Il-ġuriżdizzjoni territorjali hija tal-qorti reġjonali li fir-reġjun tagħha tinsab il-qorti distrettwali li ddeċidiet fil-prim'istanza. Il-ġuriżdizzjoni territorjali għall-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 fil-prim'istanza hija tal-Qorti Muniċipali ta' Praga (*Městský soud v Praze*), skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Il-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 (skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin).

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 (skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin).

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Kont konġunt jista' jiġi ppreservat biss fir-rigward tas-sehem tad-debitur fil-fondi (l-Artikolu 311a tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat). Fil-każ ta' kont stabbilit għal diversi persuni, ir-regola hija li kollha għandhom ishma ugwali fil-fondi (l-Artikolu 2663 tal-Att Nru 89/2012, il-Kodiċi Ċivili, (*občanský zákoník*), kif emendat).

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Dawn ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikoli 304a, 304b, 310 u 317 sa 319 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat. Il-fondi huma eżentati mill-qbid jekk, pereżempju, ikunu maħsuba għal ħlas ta' pagi, ħlas tal-vaganzi u benefiċċji oħra minflok ir-remunerazzjoni għax-xogħol. Dan japplika wkoll għal fondi sa ammont ta' darbtejn il-paga tal-għajxien, il-benefiċċji soċjali u l-benefiċċji tat-tbatija.

Għal fondi maħsuba għal ħlas ta' pagi, ħlas tal-vaganzi u benefiċċji oħra minflok ir-remunerazzjoni għax-xogħol, il-persuna obbligata (jiġifieri d-debitur) għandha tissottometti lill-istituzzjoni finanzjarja (fejn jinżamm il-kont) dikjarazzjoni bil-miktub li fiha tiddikjara l-iskop tal-ħlas, l-ammont totali li għandu jitħallas b'dan il-mod u, fuq kollox, l-ismijiet tal-impjegati kollha li jiddikjaraw l-ammont eżatt tal-benefiċċju li għandu jitħallas lilhom. Il-firma tal-persuna obbligata fuq id-dikjarazzjoni trid tiġi ċċertifikata. Peress li dan huwa att proċedurali mill-persuna obbligata, dan irid jiġi ffirmat fil-bini tal-persuna obbligata (persuna ġuridika) minn xi ħadd awtorizzat jaġixxi f'isem dik il-persuna ġuridika quddiem qorti, f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. L-istituzzjoni finanzjarja mhijiex obbligata jew awtorizzata li teżamina d-dikjarazzjoni u ma teżaminax jekk il-benefiċċji mħallsa kinux effettivament użati għal skop partikolari; hija tħallas it-talbiet tal-impjegati tal-persuna obbligata skont il-bilanċ tal-fondi fil-kont (inklużi fondi li jaslu fil-kont wara, jekk l-ammont oriġinali ma jkunx biżżejjed biex isir il-pagament). Dan japplika wkoll għal fondi sa ammont ta' darbtejn il-paga tal-għajxien. F'dan il-każ, l-istituzzjoni finanzjarja trid tagħmel ukoll il-pagament, abbażi ta' talba mill-persuna obbligata, indipendentement u mingħajr intervent minn qorti (jekk il-persuna obbligata tibgħat it-talba lil qorti, il-qorti ma tieħu l-ebda tip ta' deċiżjoni dwarha. Hija tibgħatha biss lill-istituzzjoni finanzjarja sabiex tissodisfa l-obbligu inkwistjoni abbażi tagħha). Ma hemmx bżonn li jiġi eżaminat l-iskop tal-fondi mħallsa f'każ bħal dan. L-istituzzjoni finanzjarja sempliċiment tinnotifika lill-qorti li ħallset l-ammont inkwistjoni lill-persuna obbligata. Imbagħad iridu jittieħdu passi biex il-benefiċjarju jiġi infurmat b'dan il-fatt, li nkella setgħu jiġuh dubji raġonevoli dwar jekk l-istituzzjoni finanzjarja aġixxietx skont l-ordni tal-qorti jekk sar pagament mhux komplut tal-ammont mitlub. Madankollu, jekk dan il-pagament ma jikkonċernax lill-benefiċjarju bl-ebda mod, ma hemmx bżonn li jiġi infurmat bih. Fil-każijiet l-oħra kollha, dawn l-ammonti huma esklużi skont il-liġi (eż. benefiċċji soċjali jew pretensjonijiet magħmula mill-awturi u minn oriġinaturi oħra).

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Iva. Il-banek huma intitolati li jitolbu tariffi għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti f'konformità mal-iskala tat-tariffi tagħhom. L-iskala tat-tariffi hija ddeterminata bi ftehim bejn id-debitur u l-bank skont il-liġi, peress li hemm limiti statutorji dwar x'jista' jiġi maqbul bejn bank u debitur.

Il-Banek huma intitolati wkoll li jitolbu tariffi għall-għoti ta' informazzjoni, jekk ikunu waslu għal arranġament mal-klijent biex jagħmlu dan. Dan se jiddependi fuq l-iskala speċifika tat-tariffi, u d-detentur tal-kont se jkun responsabbli għall-ħlas provviżorju u finali tat-tariffi.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

It-tariffi tal-qorti huma rregolati mill-Att Nru 549/1991 dwar it-tariffi tal-qorti. Ir-rati tat-tariffi għall-proċeduri huma stabbiliti fil-forma ta' somma fissa jew perċentwal fil-każ ta' tariffi fejn il-bażi hija espressa fil-forma ta' somma finanzjarja. Il-perċentwal tat-tariffa jiġi kkalkolat bħala l-prodott tal-bażi tat-tariffa u r-rata tat-tariffa. Ir-rati individwali huma stabbiliti fi skala tat-tariffi annessi mal-Att. L-Att japplika kemm għall-proċedimenti tal-prim'istanza kif ukoll għall-appelli.

It-tariffi jsiru dovuti ladarba jinħoloq l-obbligu ta' ħlas, jiġifieri, pereżempju, meta jiġi ppreżentat rikors biex jinbdew proċedimenti.

Għat-tariffi bankarji, l-iskala tat-tariffi hija ddeterminata bi ftehim bejn id-debitur u l-bank skont il-liġi, peress li hemm limiti statutorji dwar x'jista' jiġi maqbul bejn bank u debitur.

L-iskala tat-tariffi hija ddeterminata bi ftehim bejn id-debitur u l-bank skont il-liġi, peress li hemm limiti statutorji dwar x'jista' jiġi maqbul bejn bank u debitur.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

L-ebda klassifikazzjoni ma tingħata lil ordnijiet nazzjonali ekwivalenti skont il-liġi nazzjonali.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-Qorti Distrettwali ta' Praga 1 hija kompetenti għad-deċiżjonijiet (skont l-Artikolu 37 tal-Att Nru 6/2002 dwar il-qrati u l-imħallfin).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-appelli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi kkontestata mhux aktar tard minn 15-il jum wara li d-deċiżjoni tiġi nnotifikata bil-miktub (l-Artikolu 204(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), kif emendat.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

It-tariffi tal-qorti huma rregolati mill-Att Nru 549/1991 dwar it-tariffi tal-qorti, kif emendat. Ir-rati tat-tariffi għall-proċeduri huma stabbiliti fil-forma ta' somma fissa jew perċentwal fil-każ ta' tariffi fejn il-bażi hija espressa fil-forma ta' somma finanzjarja. Il-perċentwal tat-tariffa jiġi kkalkolat bħala l-prodott tal-bażi tat-tariffa u r-rata tat-tariffa. Ir-rati individwali huma stabbiliti fi skala tat-tariffi annessi mal-Att. L-Att japplika kemm għall-proċedimenti tal-prim'istanza kif ukoll għall-appelli.

It-tariffi jsiru dovuti ladarba jinħoloq l-obbligu ta' ħlas, jiġifieri, pereżempju, meta jiġi ppreżentat rikors biex jinbdew proċedimenti.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi **l-Islovakk** bħala lingwa barranija aċċettabbli.

L-aħħar aġġornament: 10/06/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Ġermanja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti b'kompetenza territorjali biex toħroġ Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet f'każijiet fejn il-kreditur ikun diġà kiseb strument awtentiku hija l-qorti li fid-distrett tagħha tfassal l-istrument.

Il-kompetenza *ratione materiae* ssegwi d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi Ġermaniża dwar l-organizzazzjoni tal-qrati u l-kodiċi tal-proċedura ġudizzjarja applikabbli. Il-qorti b'ġuriżdizzjoni f'każ partikolari tinstab bl-użu tal-għodda ta' tiftix fil-bidu ta' dan is-sit web.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorità maħtura bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 hija l-Bundesamt für Justiz (l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja).

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja huma kif ġej:

Bundesamt für Justiz

Adenauerallee 99-103

53113 Bonn

Il-Ġermanja

Tel.: +49-228 99 410-40

Email: EU-Kontenpfaendung@bfj.bund.de

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Biex jikseb informazzjoni dwar il-kontijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja jista' jitlob lill-Bundeszentralamt für Steuern (l-Uffiċċju Federali Ċentrali tat-Taxxa) biex jaċċessa d-*data* li ġejja fl-istituzzjonijiet ta' kreditu:

in-numru tal-kont;

id-data li fiha nfetaħ u ngħalaq il-kont;

l-isem u d-data tat-twelid tad-detentur tal-kont; u

l-ismijiet tal-utenti awtorizzati.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Appell kontra rifjut li tinħareġ Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet jista' jitressaq quddiem il-qorti li tkun ċaħdet ir-rikors jew, jekk il-qorti li tkun ċaħdet ir-rikors tkun qorti tal-prim'istanza, quddiem qorti superjuri.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Il-qrati lokali (Amtsrete) imsemmija fl-Artikolu 50(1)(a) huma kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu u jinnotifikaw l-Ordni u dokumenti oħra.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti lokali kompetenti għall-eżekuzzjoni skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hija kompetenti biex teżegwixxi Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Madankollu, jekk l-Ordni tkun inħarġet minn qorti Ġermaniża, dik il-qorti tkun kompetenti biex teżegwixxi l-Ordni.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Fir-rigward tal-preservazzjoni ta' fondi miżmuma f'kontijiet konġunti, japplika dan li ġej:

Jekk, skont ir-rekords tal-bank li miegħu jinżamm il-kont, l-utenti awtorizzati jitħallew jiddisponu mill-bilanċi ta' kreditu tal-kont b'mod konġunt biss ("Und-Konten"), l-ordni tas-sekwestru għandha tiġi indirizzata lid-detenturi kollha tal-kont.

Jekk id-debitur jitħalla jiddisponi mill-bilanċ ta' kreditu tal-kont waħdu ("Oder-Konto"), il-fondi fil-kont huma soġġetti għal preservazzjoni bħal fondi miżmuma f' kont individwali tad-debitur.

Il-bilanċi ta' kreditu f'kontijiet ta' mandatarju li d-debitur jista' jiddisponi minnhom f'isem parti terza huma soġġetti għal sekwestru kontra d-debitur skont id-dritt nazzjonali Ġermaniż. F'każijiet bħal dawn, l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet trid tkun diretta kontra t-trustee (id-debitur).

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Il-protezzjoni mis-sekwestru fil-kontijiet tal-ħlas tingħata permezz ta' kont eżentat mis-sekwestru (Pfändungsschutzkonto) (l-Artikolu 850k tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-effetti tal-kont eżentat mis-sekwestru huma rregolati mill-Artikoli 899 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-ammonti msemmija fl-Artikolu 850c(1) u (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jinsabu fl-Avviż dwar il-limiti eżentati mis-sekwestru (Pfändungsfreigrenzenbekanntmachung). L-ammonti huma aġġustati fl-1 ta' Lulju ta' kull sena. Ir-regoli jistgħu jiġu aċċessati jew ikkonsultati fis-sit web http://www.gesetze-im-internet.de/.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Skont id-dritt Ġermaniż, il-banek ma jistgħux jimponu tariffi għall-implimentazzjoni tal-ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

It-tariffi imposti mill-qrati involuti fl-ipproċessar jew fl-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 huma stabbiliti fil-Liġi dwar l-ispejjeż tal-qorti (Gerichtskostengesetz) u fil-Liġi dwar l-ispejjeż tal-qorti fi kwistjonijiet tal-familja (Gesetzüber Gerichtskosten in Familiensachen). Il-liġijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu aċċessati u kkonsultati mingħajr ħlas fuq http://www.gesetze-im-internet.de/bundesrecht/gkg_2004/gesamt.pdf u http://www.gesetze-im-internet.de/bundesrecht/famgkg/gesamt.pdf.

Għal sommarju tat-tariffi imposti skont il-liġijiet imsemmija hawn fuq, nirreferuk għat-tweġiba tagħna għall-Artikolu 50(1)(n).

It-tariffi imposti mill-aġenti tal-eżekuzzjoni involuti fl-ipproċessar jew fl-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 huma stabbiliti fil-Liġi dwar l-aġenti tal-eżekuzzjoni (Gerichtsvollzieherkostengesetz, GvKostG). Il-liġi msemmija hawn fuq tista' tiġi aċċessata u kkonsultata mingħajr ħlas fuq http://www.gesetze-im-internet.de/bundesrecht/gvkostg/gesamt.pdf.

Jiġu imposti tariffi għan-notifika ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet maħruġa fil-Ġermanja lill-bank jekk aġent tal-eżekuzzjoni jkollu jinnotifikaha fil-Ġermanja. Jekk l-aġent tal-eżekuzzjoni jinnotifika Ordni ta' Preservazzjoni personalment, titħallas tariffa ta' EUR 11 skont il-Punt 100 tal-iskeda tal-ispejjeż fil-Liġi dwar l-ispejjeż tal-aġenti tal-eżekuzzjoni (Kostenverzeichnis zum Gerichtsvollzieherkostengesetz, KV GvKostG), kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar abbażi tad-distanza vvjaġġata mill-aġent tal-eżekuzzjoni: EUR 3.25 sa 10 km, EUR 6.50 għal bejn 10 km u 20 km, EUR 9.75 għal bejn 20 km u 30 km, EUR 13 għal bejn 30 km u 40 km u EUR 16.25 għal aktar minn 40 km (il-Punt 711 KV GvKostG). Jekk l-aġent tal-eżekuzzjoni jinnotifika l-Ordni b'mezzi oħra, titħallas tariffa ta' EUR 3.30 (il-Punt 101 KV GvKostG). L-ispejjeż postali jitħallsu kollha għan-notifika bi prova tan-notifika (skont il-Punt 701 KV GvKostG). Tiġi imposta somma sħiħa li tkopri kwalunkwe spiża oħra fi flus fl-ammont ta' 20 % tat-tariffi imposti għal kull Ordni, iżda li ma tkunx inqas minn EUR 3.00 u mhux aktar minn EUR 10.00 (skont il-Punt 716 KV GvKostG).

Dan japplika f'każijiet fejn il-qorti li tkun ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni fil-Ġermanja titlob lis-servizzi ta' aġent tal-eżekuzzjoni sabiex jinnotifika l-Ordni lid-debitur bl-instigazzjoni tal-kreditur.

L-ebda tariffa ma tiġi imposta għall-attivitajiet tal-awtorità tal-informazzjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, mingħajr preġudizzju għat-tweġiba rigward l-Artikolu 50(1)(n) li tispeċifika ż-żieda fit-tariffi tal-qorti imposti fi proċeduri għall-kisba ta' Ordni ta' Preservazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Il-klassifikazzjoni tas-sekwestri tal-kontijiet abbażi ta' deċiżjonijiet skont id-dritt nazzjonali li huma ekwivalenti għad-deċiżjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 hija ddeterminata mid-data li fiha jiġu nnotifikati lill-bank, bl-ordnijiet ta' sekwestru bl-aktar data antika jieħdu preċedenza fuq dawk aktar riċenti.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti li tkun ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni hija kompetenti fir-rigward tar-rimedji skont l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

Fil-każ tar-rimedji tad-debitur skont l-Artikolu 34(1) jew (2) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, il-qorti kompetenti biex teżegwixxi l-ordni hija l-qorti lokali kompetenti skont it-termini tad-dispożizzjonijiet ġenerali.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-appell kontra deċiżjonijiet dwar ir-rimedji legali previsti fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 jista' jitressaq quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni dwar rimedju jew, jekk dik il-qorti tkun qorti tal-prim'istanza, quddiem qorti superjuri.

L-appell għandu jitressaq fi żmien xahar.

It-terminu għall-preżentata ta' appell jibda jiddekorri mid-data li l-persuna kkonċernata tiġi notifikata bid-deċiżjoni li għandha tiġi appellata.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Fil-proċeduri skont l-Artikolu 5(a) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014:

L-ammont tat-tariffa jiġi ddeterminat kull darba abbażi tal-ammont inkwistjoni u r-rata tat-tariffa rilevanti bl-użu tal-metodu ta' kalkolu stabbilit fl-Artikolu 34 tal-Liġi dwar l-ispejjeż tal-qorti (GKG) u/jew l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar l-ispejjeż tal-qorti fi kwistjonijiet tal-familja (FamGKG).

(a) Għall-proċedura għall-kisba ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea skont l-Artikolu 5(a) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, f'konformità mal-Punt 1410 tal-lista tat-tariffi fil-Liġi dwar it-tariffi tal-qorti (Kostenverzeichnis Gerichtskostengesetz, KV GKG), fil-prinċipju tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 1.5. F'ċerti każijiet li fihom l-ammont ta' xogħol ta' pproċessar għall-qorti jkun anqas, tiġi applikata rata tat-tariffa mnaqqsa ta' 1.0 (il-Punt 1411 KV GKG). Jekk tinħareġ ordni skont it-tielet sentenza tal-Artikoli 91a jew 269(3) ZPO, normalment tiġi applikata rata tat-tariffa ogħla ta' 3.0 (il-Punt 1412 KV GKG).

It-tariffa għall-proċedura tkopri wkoll ir-rikorsi mid-debitur għal rimedji fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 fid-dawl tar-revoka jew tal-immodifikar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Għal notifika bi prova tan-notifika, ittra rreġistrata b'konferma tal-wasla jew ipproċessar mill-persunal ġudizzjarju, titħallas tariffa b'rata fissa ta' EUR 3.50 għal kull notifika jekk l-istess livell ta' ġuriżdizzjoni jinvolvi aktar minn 10 każijiet ta' notifika jew in-notifika tiġi instigata mill-kreditur (il-Punt 9002 KV GvKostG).

Fil-proċedura ta' appell, tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 1.5 (il-Punt 1430 KV GKG). Meta l-proċedura kollha tintemm bl-irtirar tal-appell, ir-rata tat-tariffa titnaqqas għal 1.0 (il-Punt 1431 KV GKG).

Il-valur tat-talba jiġi ddeterminat kull darba skont id-diskrezzjoni tal-qorti (l-Artikolu 53 tal-GKG flimkien mal-Artikolu 3 ZPO).

It-tariffa tapplika hekk kif ir-rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jew talba titressaq quddiem il-qorti (l-Artikolu 6 GKG).

(b) Meta fil-prim'istanza, qorti lokali tagħti deċiżjoni bħala qorti tal-familja, ġeneralment tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 1.5, f'konformità mal-Punt 1420 tal-lista tat-tariffi fil-Liġi dwar it-tariffi tal-qorti fi kwistjonijiet tal-familja (KV FamGKG). Meta l-proċedura kollha tintemm mingħajr sentenza finali, ir-rata tat-tariffa titnaqqas għal 0.5 (il-Punt 1421 KV GKG).

It-tariffa għall-proċedura tkopri wkoll ir-rikorsi mid-debitur għal rimedji fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 fid-dawl tar-revoka jew tal-immodifikar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Għal notifika bi prova tan-notifika, ittra rreġistrata b'konferma tal-wasla jew ipproċessar minn uffiċjal tal-qorti, titħallas tariffa ta' EUR 3.50 għal kull notifika jekk l-istess livell ta' ġuriżdizzjoni jinvolvi aktar minn 10 każijiet ta' notifika jew in-notifika tiġi instigata mill-kreditur (il-Punt 2002 KV FamGKG).
Fil-proċedura ta' appell, tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 2.0 (il-Punt 1422 KV GKG). Meta l-proċedura kollha tintemm bl-irtirar tal-appell qabel ma l-qorti tirċievi d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' appell, ir-rata tat-tariffa titnaqqas għal 0.5 (il-Punt 1423 KV FamGKG). F'każijiet oħra fejn il-proċedura tintemm mingħajr sentenza, ir-rata tat-tariffa tkun 1.0 (il-Punt 1424 KV FamGKG).
Il-valur tat-talba jiġi ddeterminat f'kull każ fuq bażi ekwa (l-Artikolu 42(1) FamGKG).
It-tariffa tapplika hekk kif tittieħed deċiżjoni mingħajr kundizzjonijiet dwar l-ispejjeż jew il-proċedura tiġi terminata b'mod ieħor (l-Artikolu 11 FamGKG).
(c) Meta qorti tax-xogħol (Arbeitsgericht) tittieħed deċiżjoni fil-prim'istanza, ġeneralment tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 0.4 (il-Punt 8310 KV GKG). Jekk tinħareġ ordni skont it-tielet sentenza tal-Artikoli 91a jew 269(3) ZPO, fil-prinċipju r-rata tat-tariffa tiżdied għal 2.0 (il-Punt 8311 KV GKG).
It-tariffa għall-proċedura tkopri wkoll ir-rikorsi mid-debitur għal rimedji fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 fid-dawl tar-revoka jew tal-immodifikar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Għal notifika bi prova tan-notifika, ittra rreġistrata b'konferma tal-wasla jew ipproċessar minn uffiċjal tal-qorti, titħallas tariffa ta' EUR 3.50 għal kull notifika jekk l-istess livell ta' ġuriżdizzjoni jinvolvi aktar minn 10 każijiet ta' notifika jew in-notifika tiġi instigata mill-kreditur (il-Punt 9002 KV GKG).
Fi proċedura ta' appell, tiġi applikata rata tat-tariffa ta' 1.2 (il-Punt 8330 KV GKG). Meta l-proċedura kollha tintemm bl-irtirar tal-appell, ir-rata tat-tariffa titnaqqas għal 0.8 (il-Punt 8331 KV GKG).
Il-valur tat-talba jiġi ddeterminat kull darba skont id-diskrezzjoni tal-qorti (l-Artikolu 53 tal-GKG flimkien mal-Artikolu 3 ZPO).
It-tariffa tapplika hekk kif tittieħed deċiżjoni mingħajr kundizzjonijiet dwar l-ispejjeż jew il-proċedura tiġi terminata b'mod ieħor (l-Artikolu 9 GKG).
Fil-proċedura skont l-Artikolu 5(b) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 u fil-proċeduri kollha li jikkonċernaw rikorsi biex tiġi limitata jew terminata l-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni:
Titħallas tariffa ta' EUR 22 fi proċedura għall-kisba ta' Ordni ta' Preservazzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(b) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 (il-Punt 2111 KV GKG). Jekk, tul il-proċedura, isir rikors biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kontijiet, it-tariffa tiżdied għal EUR 37 (il-Punt 2112 KV GKG).
It-tariffa għall-proċedura tkopri wkoll ir-rikorsi mid-debitur għal rimedji fis-sens tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 fid-dawl tar-revoka jew tal-immodifikar tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea.
Titħallas tariffa ta' EUR 33 għal rikorsi biex tiġi terminata jew limitata l-eżekuzzjoni (il-Punt 2119 KV GKG).
Titħallas tariffa ta' EUR 33 għal appelli li jiġu rrifjutati jew miċħuda (il-Punt 2121 KV GKG). Jekk l-appell jiġi rrifjutat jew miċħud parzjalment biss, il-qorti tista', fuq bażi ekwa, tnaqqas it-tariffa bin-nofs jew tiddeċiedi li ma timponix it-tariffa.
It-tariffa tapplika hekk kif il-qorti tirċievi r-rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, jew għat-terminazzjoni jew għal-limitazzjoni tal-eżekuzzjoni, jew talba (l-Artikolu 6 GKG).

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

L-ebda lingwa oħra għajr il-Ġermaniż ma hija permessa għal dokumenti indirizzati lil qorti jew awtorità kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 655/2014.

L-aħħar aġġornament: 29/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Estonja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Qrati tal-kontej.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Chamber of Bailiffs and Trustees in Bankruptcy
Tartu mnt 16, 10117 Tallinn
Telefown: +372 64 63 773
Posta elettronika: info@kpkoda.ee

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-Artikolu 14(5)(a) – obbligu fuq il-banek kollha fit-territorju tagħha li jiddivulgaw, fuq talba mingħand l-awtorità tal-informazzjoni, jekk id-debitur għandux kont magħhom.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

L-appelli lill-qrati distrettwali jsiru permezz tal-qorti tal-kontea li s-sentenza tagħha tiġi kkontestata fl-appell.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-Artikolu 10(2) – il-qorti tal-kontea li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet
L-Artikolu 10(2), it-tielet subparagrafu – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 23(3) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 23(5) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 23(6) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 25(3) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 27(2) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 28(3) – uffiċjali ġudizzjarji
L-Artikolu 36(5), it-tieni subparagrafu – uffiċjali ġudizzjarji

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Uffiċjali ġudizzjarji.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Talba għal ħlas f'kont li jkun il-proprjetà konġunta ta' konjuġi hija permessa bil-kunsens tal-persuna miżżewġa li ma tkunx id-debitur jew jekk ikun hemm strument ta' infurzar li jkun jeħtieġ li ż-żewġ konjuġi jwettqu l-obbligu.
L-Artikolu 626(3) tal-Att dwar il-Liġi tal-Obbligi jiddikjara: "talbiet u beni mobbli li takkwista persuna li tkun irċeviet mandat meta twettaq mandat f'isimha stess iżda għall-persuna li ħarġet il-mandat, u talbiet u beni mobbli li l-persuna li toħroġ il-mandat tittrasferixxi lill-persuna li tirċievi l-mandat għall-eżekuzzjoni tal-

mandat ma jiġux inklużi fil-patrimonju fallut tal-persuna li tirċievi l-mandat u ma jistgħux ikunu soġġetti għal talba kontra l-persuna li tirċievi l-mandat fi proċedura ta' infurzar."

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ma tistax isir talba għal pagament fuq l-introjtu li ġej:

benefiċċji tal-familja mill-Istat;

benefiċċji soċjali għal persuni b'diżabbiltà;

benefiċċji soċjali fit-tifsira tal-Att dwar il-Benefiċċji Soċjali;

gratifiki tal-qgħad, għotjiet, benefiċċji tat-trasport u tal-akkomodazzjoni u sussidji tal-bidu ta' negozju mħallsa permezz tal-Fond Estonjan tal-Assigurazzjoni tal-Qgħad;

kumpens imħallas minħabba l-ikkawżar ta' offiżi fuq il-persuna jew diżordni tas-saħħa, ħlief kumpens għal introjtu mitluf u kumpens għal ħsara mhux finanzjarja;

pensjoni għall-kapaċità għax-xogħol;

pensjoni tal-manteniment statutorja;

benefiċċji finanzjarji tal-assigurazzjoni medika fit-tifsira tal-Att dwar l-Assigurazzjoni Medika, ħlief benefiċċji għal inkapaċità temporanja għax-xogħol;

pensjonijiet Statali sal-limitu pprovdut bil-liġi;

appoġġ mal-ħelsien mill-ħabs.

gratifika tal-persuna ripressa mħallsa abbażi tal-Att tal-Persuni Ripressi minn Awtoritajiet Okkupanti.

L-introjtu mhuwiex sekwestrat jekk ma jaqbiżx il-paga minima fix-xahar jew il-proporzjon korrispondenti tal-introjtu għal ġimgħa jew jum. Mill-1 ta' Jannar 2020, il-paga minima fix-xahar għal persuna li taħdem full-time kienet ta' €584.

Jekk talba għal ħlas fuq assi oħrajn ta' debitur ma tkunx wasslet jew mhix mistennija li twassal għal sodisfazzjoni kompleta ta' talba ta' rikorrent, u jekk ikun ġustifikat sekwestru fid-dawl tat-tip ta' talba u l-livell tal-introjtu, tista' ssir talba għal ħlas fuq l-introjtu msemmi fil-punti 5-7 ta' hawn fuq b'rikors mir-rikorrent.

Jekk talba għal ħlas fuq assi oħrajn ta' debitur ma tkunx wasslet jew mhix mistennija li twassal għal sodisfazzjoni kompleta ta' talba għal manteniment ta' minorenni, jista' jiġi sekwestrat sa massimu ta' nofs l-introjtu speċifikat fl-Artikolu 132(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Eżekuzzjoni. Jekk l-ammont sekwestrat mill-introjtu tad-debitur biex tiġi ssodisfata talba għal manteniment għal minorenni jkun inqas minn nofs il-paga minima, jista' jiġi sekwestrat sa massimu ta' terz mill-introjtu tad-debitur.

Jekk, skont il-liġi, debitur imantni persuna oħra jew iħallas manteniment lil dik il-persuna, l-ammont li mhuwiex soġġett għal sekwestru jiżdied b'terz mill-paga minima fix-xahar għal kull persuna dipendenti sakemm it-talba għal manteniment għal minorenni ma tkunx soġġetta għal eżekuzzjoni obbligatorja.

Jista' jiġi sekwestrat sa massimu ta' żewġ terzi ta' ammont ekwivalenti għal ħames darbiet il-paga minima, u l-introjtu kollu li jaqbeż ammont ekwivalenti għal ħames darbiet il-paga minima jista' jiġi sekwestrat mill-proporzjon tal-introjtu li jaqbeż l-ammont mhux soġġett għal sekwestru, diment li l-ammont soġġett għal sekwestru ma jaqbiżx żewġ terzi mill-introjtu totali. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax jekk talba għal manteniment tkun soġġetta għal eżekuzzjoni obbligatorja.

Abbażi ta' applikazzjoni ppreżentata mid-debitur, uffiċjal ġudizzjarju jannulla s-sekwestru ta' kont fi żmien tlett ijiem ta' xogħol sal-limitu li jiggarantixxi lid-debitur l-introjtu mhux soġġett għal sekwestru.

Jekk l-introjtu ta' aktar minn xahar jiġi trasferit f'kont ta' debitur, l-uffiċjal ġudizzjarju, abbażi ta' applikazzjoni ppreżentata mid-debitur, jannulla s-sekwestru tal-kont fi żmien tlett ijiem ta' xogħol sal-limitu li jiggarantixxi lid-debitur l-introjtu mhux soġġett għal sekwestru għal kull xahar imħallas bil-quddiem. Jekk il-perjodu għall-użu tal-introjtu trasferit fil-kont tad-debitur ma jistax jiġi determinat, l-uffiċjal ġudizzjarju jittrasferixxi l-introjtu mhux sekwestrabbli għal xahar.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Le.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Skont l-Artikolu 781(4) tal-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji, il-persuna li tagħmel it-talba trid tħallas € 20 meta tiġi ppreżentata talba prevista fl-Artikolu 14. Skont l-Artikolu 38(6) tal-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji, il-miżata bażika li titħallas lill-Uffiċjal Ġudizzjarju għall-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni hija ta' €92.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Dritt għall-garanzija fuq assi sekwestrati li jkunu ġew sekwestrati matul sekwestru preċedenti jieħu preċedenza fuq dritt maħluq matul sekwestru aktar tard. Dritt għall-garanzija fuq assi sekwestrati li jkunu ġew sekwestrati abbażi ta' talba għal manteniment ta' minorenni jieħu preċedenza fuq drittijiet oħra għall-garanzija fuq assi sekwestrati irrispettivament miż-żmien tas-sekwestru. Drittijiet għall-garanzija fuq assi sekwestrati li jkunu ġew sekwestrati abbażi ta' talba għal manteniment ta' minorenni huma ta' importanza ugwali.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

L-Artikolu 33(1) – qrati tal-kontej

L-Artikolu 34(1)(a) - l-uffiċjal ġudizzjarju li jkun nieda proċedimenti ta' infurzar u ssekwestra l-kont abbażi ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Hemm lista ta' uffiċjali ġudizzjarji fuq is-sit web tal-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tar-Riċeventi f'Falliment.

L-Artikolu 34(1)(b)

i) uffiċjali ġudizzjarji

ii) uffiċjali ġudizzjarji

iii) uffiċjai ġudizzjarji

iv) uffiċjali ġudizzjarji

L-Artikolu 34(2) – qrati tal-kontej

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-Artikolu 33

L-appelli għall-qrati distrettwali jitressqu permezz tal-qorti tal-kontea li s-sentenza tagħha tkun ġiet ikkontestata fl-appell fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tkun inqatgħet is-sentenza.

L-Artikolu 34

- Jekk is-sentenza tkun inqatgħet minn qorti tal-kontea, l-appelli lill-qrati distrettwali jiġu rreġistrati permezz tal-qorti tal-kontea li s-sentenza tagħha tiġi kkontestata fl-appell. L-appelli jitressqu fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tinqata' s-sentenza.

- Parteċipanti fi proċedimenti ta' infurzar jistgħu jressqu lment quddiem uffiċjal ġudizzjarju rigward deċiżjoni li tkun inqatgħet mill-uffiċjal ġudizzjarju jew azzjoni li tkun ittieħdet minnu hu u jeżegwixxi strument ta' infurzar jew jirrifjuta li jwettaq azzjoni ta' infurzar, fi żmien għaxart ijiem mid-data li fiha l-ilmentatur ikun sar

konxju jew kellu jsir konxju mid-deċiżjoni jew azzjoni, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor bil-liġi. Parteċipant fi proċediment jista' jressaq appell kontra deċiżjoni li tkun ittieħdet minn uffiċjal ġudizzjarju rigward ilment quddiem il-qorti tal-kontea tal-ġurisdizzjoni li fiha jkun jinsab l-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun ittieħdet. Appell kontra deċiżjoni li tkun ittieħdet jew azzjoni li tkun ittieħdet minn uffiċjal ġudizzjarju ma jistax jitressaq mingħajr ma l-qorti l-ewwel tressaq ilment quddiem l-uffiċjal ġudizzjarju. Il-parteċipanti fi proċedimenti u l-uffiċjali ġudizzjarji jistgħu jressqu appell kontra sentenza tal-qorti tal-kontea rigward deċiżjoni li ttieħdet mill-uffiċjal ġudizzjajru. L-appelli jitressqu fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tinqata' s-sentenza.

L-Artikolu 35

- Jekk is-sentenza tkun inqatgħet minn qorti tal-kontea, l-appelli lill-qrati distrettwali jiġu rreġistrati permezz tal-qorti tal-kontea li s-sentenza tagħha tiġi kkontestata fl-appell. L-appelli jitressqu fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tinqata' s-sentenza (l-Artikolu 35(1)).

- Parteċipanti fi proċedimenti ta' infurzar jistgħu jressqu lment quddiem uffiċjal ġudizzjarju rigward deċiżjoni li tkun inqatgħet mill-uffiċjal ġudizzjarju jew azzjoni li tkun ittieħdet minnu hu u jeżegwixxi strument ta' infurzar jew jirrifjuta li jwettaq azzjoni ta' infurzar, fi żmien għaxart ijiem mid-data li fiha l-ilmentatur ikun sar konxju jew kellu jsir konxju mid-deċiżjoni jew azzjoni, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor bil-liġi. Parteċipant fi proċediment jista' jressaq appell kontra deċiżjoni li tkun ittieħdet minn uffiċjal ġudizzjarju rigward ilment quddiem il-qorti tal-kontea tal-ġurisdizzjoni li fiha jkun jinsab l-uffiċċju tal-uffiċjal ġudizzjarju mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun ittieħdet. Appell kontra deċiżjoni li tkun ittieħdet jew azzjoni li tkun ittieħdet minn uffiċjal ġudizzjarju ma jistax jitressaq mingħajr ma l-qorti l-ewwel tressaq ilment quddiem l-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 35(3)-(4)). Il-parteċipanti fi proċedimenti u l-uffiċjali ġudizzjarji jistgħu jressqu appell kontra sentenza tal-qorti tal-kontea rigward deċiżjoni li ttieħdet mill-uffiċjal ġudizzjajru. L-appelli jitressqu fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tinqata' s-sentenza.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Il-miżata tal-Istat kemm biex tirċievi kif ukoll biex tikkontesta sentenza hija ta' €50, u din għandha titħallas meta titressaq l-applikazzjoni.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

L-Estonjan, l-Ingliż.

L-aħħar aġġornament: 14/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Irlanda

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Fid-dritt tal-Irlanda ma hemmx strumenti awtentiċi u għaldaqstant din id-dispożizzjoni ma tapplikax fl-Irlanda.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Fl-Irlanda

Ministru għall-Ġustizzja,

Bishop's Square,

Redmond's Hill,

Dublin 2,

l-Irlanda

EAPOIA@justice.ie

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Fl-Irlanda japplika l-Artikolu 14(5)(a), jiġifieri, obbligu fuq il-banek kollha tal-Irlanda li jiddivulgaw, fuq talba mill-awtorità tal-informazzjoni, jekk id-debitur għandux kont magħhom.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Fl-Irlanda

fil-każijiet li fihom il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni tkun tal-Qorti Distrettwali, lill-Imħallef tal-Qorti taċ-Ċirkwit (Circuit Court) li l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun inħarġet fiċ-Ċirkwit tiegħu.

fil-każijiet li fihom il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni tkun tal-Qorti taċ-Ċirkwit, lill-Qorti Superjuri

fil-każijiet li fihom il-ġurisdizzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni tkun tal-Qorti Superjuri, lill-Qorti tal-Appell (madankollu, għandu jiġi nnutat li, f' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Irlandiża, il-Qorti Suprema għandu jkollha l-ġurisdizzjoni ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti Superjuri jekk hi tkun issodisfata li hemm ċirkostanzi ta' eċċezzjoni li jiġġustifikaw appell dirett minnha. Prekundizzjoni biex il-Qorti Suprema tkun daqshekk issodisfata hija li d-deċiżjoni kkonċernata tkun tinvolvi materja ta' importanza għall-pubbliku ġenerali u/jew jekk l-interessi tal-ġustizzja jkunu jeħtieġu hekk.)

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Fl-Irlanda

Ministru għall-Ġustizzja,

Bishop's Square,

Redmond's Hill,

Dublin 2,

l-Irlanda

EAPOCA@justice.ie

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Fl-Irlanda

Ministru għall-Ġustizzja,

Bishop's Square,

Redmond's Hill,

Dublin 2,

l-Irlanda

EAPOCA@justice.ie

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Il-punt sa liema l-kontijiet konġunti u ta' mandatarji jistgħu jiġu preservati skont il-liġi Irlandiża jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-kawża inkwistjoni. Fir-rigward tal-kontijiet konġunti, ir-regola ġenerali hija li inġunzjoni tat-tip Mareva li tingħata kontra konvenut waħdu ma għandhiex tipprevjeni lil detentur ta' kont konġunt milli jiġbed mill-kont bankarju dment li dan ma jkunx speċifikament previst fl-ordni.

Fir-rigward tal-kontijiet ta' mandatarji, meta parti terza jkollha assi għan-nom tal-konvenut f'kont ta' mandatarju, dawk l-assi jkunu suxxettibbli li jintlaqtu minn inġunzjoni Mareva diretta għall-konvenut għaliex dan tal-aħħar ikun is-sid f'ekwità jew benefiċjarju ta' dawk l-assi.

Detentur ta' kont konġunt jew ta' mandatarju li l-kont tiegħu jkun soġġett għal inġunzjoni bħal din jista' jressaq rikors quddiem il-qorti rilevanti bl-għan li jiġu emendati t-termini tal-inġunzjoni.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Fil-każ ta' proċedimenti nazzjonali ekwivalenti, il-Qorti tiddetermina l-ammont disponibbli għad-debitur abbażi tal-każ individwali wara li tkun qieset iċ-ċirkostanzi tal-parti kkonċernata. Ir-rikors rilevanti jsir mid-debitur u ma hemm l-ebda regola dwar l-ammont li jista' jkun disponibbli.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-banek ma jitolbux ħlas għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-qrati f'każ ta' proċedimenti nazzjonali ekwivalenti. Fil-każ li kellha tintalab informazzjoni dwar kont, ma hemm l-ebda regola fis-seħħ li timpedixxi lill-banek milli jitolbu ħlas ta' tariffa għall-forniment ta' tali informazzjoni. Bħala prinċipju ġenerali, il-kreditur ikun responsabbli għall-ispejjeż imġarrba mill-bank, minkejja li l-qorti tista' eventwalment tikkundanna lid-debitur iħallas tali spejjeż.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Mhuwiex previst li l-awtoritajiet kompetenti u ta' informazzjoni jitolbu l-ħlas ta' tariffa ta' amministrazzjoni. Madankollu, in-notifika personali tad-dokumenti tinvolvi ħlas ta' madwar EUR 100 sa EUR 200, skont id-diffikultà fit-twettiq tan-notifika.

Nota: in-notifika personali tad-dokumenti sseħħ minn kumpanija tas-settur privat f'dan il-każ, u ma teżistix skala ta' tariffi disponibbli.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ma ssirx klassifikazzjoni ta' proċeduri simili bħall-inġunzjonijiet Mareva skont il-liġi Irlandiża billi l-kreditur ma jiksibx interessi proprjetarji fl-assi inkwistjoni.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Fl-Irlanda,

Sa fejn għandu x'jaqsam l-Artikolu 33(1), il-qorti b'kompetenza li tagħti rimedju hija l-qorti li tkun ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni li, skont iċ-ċirkostanzi, tista' tkun Qorti Distrettwali, Qorti taċ-Ċirkwit jew Qorti Superjuri*.

Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-Artikolu 34(1) u 34(2), il-qorti b'kompetenza li tagħti rimedju hija,

meta l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun inħarġet minn qorti fl-Istat, l-qorti li tkun ħarġet l-ordni ta' preservazzjoni;

meta l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun inħarġet minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat, il-Qorti Superjuri*.

*Il-Qorti Superjuri,

Four Courts,

Dublin 7.

HighCourtCentralOffice@courts.ie

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Fl-Irlanda, jista' jsir appell minn deċiżjoni maħruġa skont l-Artikoli 33, 34 jew 35, kif ġej –

meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet mill-Qorti Distrettwali, jista' jitressaq appell quddiem l-Imħallef tal-Qorti taċ-Ċirkwit li l-Ordni ta' Preservazzjoni tkun ħarġet fiċ-Ċirkwit tiegħu fi żmien 14-il jum mid-data li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata (l-Artikoli 35.1 u 35.3 biss). http://www.courts.ie/rules.nsf/0/e7bc3303e9b0464a80256d2b0046a095?OpenDocument

meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet mill-Qorti taċ-Ċirkwit, jista' jitressaq appell quddiem il-Qorti Superjuri fi żmien 10 ijiem mid-data li fiha s-sentenza jew l-ordni li tkun qed tiġi appellata tkun inqrat fi smigħ pubbliku (l-Artikoli 35.1 u 35.3 biss). http://www.courts.ie/rules.nsf/d7ed4ce54d2bd0c680256e5400502ec7/d5629e64d4c7cae680256d2b0046b3ae?OpenDocument

meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet mill-Qorti Superjuri, jista' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell fi żmien 28 jum mill-ipperfezzjonar tal-Ordni. (Madankollu, għandu jiġi nnutat li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Irlandiża, il-Qorti Suprema għandu jkollha l-ġurisdizzjoni ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti Superjuri jekk hi tkun issodisfata li hemm ċirkostanzi ta' eċċezzjoni li jiġġustifikaw appell dirett minnha. Prekundizzjoni biex il-Qorti Suprema tkun daqshekk issodisfata hija li d-deċiżjoni kkonċernata tkun tinvolvi materja ta' importanza għall-pubbliku ġenerali u/jew jekk l-interessi tal-ġustizzja jkunu jeħtieġu hekk.) http://www.courts.ie/rules.nsf/8652fb610b0b37a980256db700399507/6805f0acd71dd40f80256f900064bdeb?OpenDocument

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, it-tariffi tal-qorti fi proċedimenti biex tinkiseb Ordni ta' Preservazzjoni jew rimedju fil-konfront ta' Ordni, jistgħu jvarjaw minn madwar EUR 80 sa EUR 200. L-informazzjoni rilevanti tinsab hawnhekk:

http://www.irishstatutebook.ie/eli/2014/si/491/ (SI 491/2014)

http://www.irishstatutebook.ie/eli/2014/si/492/ (SI 492/2014)

http://www.irishstatutebook.ie/eli/2014/si/22/ (SI 22/2014)

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

L-ebda lingwa (l-Irlanda taċċetta l-Irlandiż u l-Ingliż biss).

L-aħħar aġġornament: 15/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Greċja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qrati Ċivili Distrettwali (*Eirinodikeía*) u l-Qrati tal-Ewwel Istanza (*Protodikeía*).

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Id-Direttorat għall-Ippjanar tal-Operat tal-Awditjar (Diéfthynsi Epicheirisiakoú Schediasmoú Eléngchon - DIESEL) tad-Direttorat Ġenerali għall-Operazzjonijiet Fiskali (Genikí Diéfthynsi Forologikón Leitourgión) tal-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku (Anexártiti Archí Dimosíon Esódon – AADE) Email: diesel@aade.gr / tel.:+30 2104802000,+30 2104802530.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Is-Sistema tar-Reġistri tal-Kontijiet Bankarji u l-Kontijiet tal-Ħlas tal-Ministeru tal-Finanzi nħolqot biex jiġu trażmessi talbiet għall-informazzjoni mill-awtoritajiet, is-servizzi, il-korpi tas-settur pubbliku u korpi oħrajn għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn it-talbiet jintbagħtu b'mod elettroniku permezz ta' entità terza sikura (Tiresias) lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jibagħtu t-tweġibiet tagħhom bid-dettalji tal-kont permezz tal-istess kanal (l-Artikolu 14(5)(a)).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Ċaħda min-naħa tal-imħallef tal-Qorti Ċivili Distrettwali tista' tiġi appellata lill-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Membru Wieħed (*Monomelés Protodikeío*), u ċaħda min-naħa tal-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Membru Wieħed tista' tiġi appellata lill-Qorti tal-Appell (*Efeteío*).

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità kompetenti għat-trażmissjoni hija l-Qorti tal-Ewwel Istanza. L-uffiċjali ġudizzjarji (*dikastikoí epimelités*) huma responsabbli li jirċievu u jinnotifikaw l-ordni ta' preservazzjoni u dokumenti oħrajn.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-uffiċjali ġudizzjarji.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Kontijiet konġunti biss jistgħu jiġu ppreservati, kontijiet b'mandatarju le. Ma tapplika l-ebda kundizzjoni oħra għall-preservazzjoni ta' kontijiet konġunti.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-Artikolu 982(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Kódikas Politikís Dikonomías*) jistipula li talbiet għal manteniment, salarji, pensjonijiet, benefiċċji tal-assigurazzjoni, eċċ. huma eżentati mis-sekwestru. Ma hemm l-ebda ħolqa għall-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fuq l-internet. L-ammonti ta' hawn fuq huma eżenti mis-sekwestru mingħajr bżonn li d-debitur iressaċ rikors.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika li tirregola l-kwistjoni ta' kemm jinżamm għall-ispejjeż u t-tariffi tal-preservazzjoni jew tas-sekwestru ta' kont bankarju jew l-għoti tad-dettalji tal-kont. Madankollu, l-Assoċjazzjoni Bankarja Ellenika (*Ellinikí Énosi Trapezón*) tqis li l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma intitolati jitolbu l-pagament tal-ispejjeż kif stipulat espliċitament, *mutatis mutandis*, fl-Artikoli 30A u 30B tal-Kodiċi tal-Ġbir ta' Introjtu Pubbliku (*Kódikas Eispráxeos Dimosíon Esódon (KEDE)* - Digriet Leġiżlattiv Nru 356/1974, kif emendat u fis-seħħ).

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

L-Awtorità Indipendenti għall-Introjtu Pubbliku (*Anexártiti Archí Dimosíon Esódon*) ma titlob l-ebda ħlas għall-involviment tagħha fl-ipproċessar tal-Ordni ta' Preservazzjoni. Billi l-eżekuzzjoni tal-Mandat issir mill-uffiċjali ġudizzjarji, jitolbu ħlas direttament mingħand kull wieħed mill-prinċipali tagħhom. Ma hemm l-ebda ħolqa għal sit fuq l-internet li jikkonċerna t-tariffi tal-uffiċjali ġudizzjarji. Il-Ministeru tal-Finanzi ma jżommx flus biex jipprovdi informazzjoni dwar kontijiet skont l-Artikolu 14.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

L-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tiġi ttrattata bħala ekwivalenti tal-miżura kawtelatorja (*asfalistikó métro*) skont il-liġi nazzjonali. Ma hemm l-ebda klassifikazzjoni applikata għall-mandati nazzjonali ekwivalenti.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti kompetenti li tagħti rimedju hija l-qorti li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet; jiġifieri l-imħallef tal-Qorti Ċivili Distrettwali għal talbiet li huma kompitu tal-Qorti Ċivili Distrettwali u l-imħallef tal-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Membru Wieħed għal kull talba oħra. Fir-rigward tar-rimedji legali msemmija fl-Artikolu 34(1) u (2), il-qorti kompetenti għal ammonti ta' sa EUR 20 000 hija l-Qorti Ċivili Distrettwali. Il-qorti kompetenti għal ammonti 'l fuq minn EUR 20 000 hija l-Qorti tal-Ewwel Istanza.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Ċaħda min-naħa tal-imħallef tal-Qorti Ċivili Distrettwali tista' tiġi appellata lill-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Membru Wieħed, u ċaħda min-naħa tal-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Membru Wieħed tista' tiġi appellata lill-Qorti tal-Appell. L-appelli jridu jiġu ppreżentati fi żmien 30 jum min-notifika tad-deċiżjoni dwar id-debitur.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

It-tariffi tal-qorti jiġu kkalkulati bħala madwar erba' minn kull elf tal-ammont mitlub. Dan il-kalkolu japplika kemm għal kawżi biex jinkiseb mandat u kemm għal kawżi għal kull rimedju legali kontra l-mandat.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Id-dokumenti jiġu aċċettati bil-Grieg biss.

L-aħħar aġġornament: 26/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Spanja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qrati tal-Ewwel Istanza (*Juzgados de Primera Instancia*).

Il-qorti bil-ġuriżdizzjoni fit-territorju partikolari jkun iddeterminat mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 545(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (*Ley de Enjuiciamiento Civil*) relatata mal-eżekuzzjoni bbażata fuq strumenti nonġudizzjarji.

Dan ifisser li bħala regola, il-qorti kompetenti tkun il-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-post iddeterminat skont l-Artikoli 50 u 51 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. L-eżekuzzjoni tista' tintalab ukoll mill-parti li titlob l-eżekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-post tal-prestazzjoni tal-obbligu, kif speċifikat fil-mandat, jew fi kwalunkwe post fejn ikun hemm beni sekwestrabbli tal-parti li qed tintalab l-eżekuzzjoni kontriha. Ir-regoli dwar sottomissjoni espliċita jew taċita għall-ġuriżdizzjoni qatt ma japplikaw hawnhekk. Jekk l-eżekuzzjoni tkun qed tintalab kontra bosta partijiet, il-qorti kompetenti tkun il-qorti bil-ġuriżdizzjoni għal kwalunkwe waħda minn dawk il-partijiet, bl-għażla tkun tal-parti li tkun qed titlob l-eżekuzzjoni.

Jekk il-mandat eżekuttiv ikun jikkonċerna beni speċifikatament ipotekati jew oġġetti ta' rahan, il-qorti kompetenti tkun iddeterminata skont l-Artikolu 684 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Is-Sottodirettorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Subdirección General de Cooperación Jurídica Internacional*). Il-Ministeru tal-Ġustizzja.

Dettalji ta' kuntatt:

paula.monge@mjusticia.es

telefown: +34 91 390 4411

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Aċċess mill-awtorità tal-informazzjoni għall-informazzjoni rilevanti meta dik l-informazzjoni tinżamm mill-awtoritajiet jew mill-amministrazzjonijiet pubbliċi f'reġistri jew b'xi mod ieħor.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Irid jiġi **ppreżentat** appell mal-qorti li tkun ċaħdet it-talba għall-mandat. Jekk id-deċiżjoni tkun ittieħdet minn Qorti tal-Ewwel Istanza jew minn Qorti Kummerċjali (*Juzgado de lo Mercantil*), l-appell **jinstema'** mill-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*). Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn qorti tat-tieni istanza, l-appell jinstema' mill-istess qorti.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Il-qorti kompetenti li teżegwixxi l-mandat skont l-Artikolu 50(f).

Għall-finijiet tal-Artikolu 28(3), il-qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Ewwel Istanza tad-domiċilju tad-debitur.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-post fejn jinstab il-kont bankarju u, jekk il-kontijiet jinstabu f'bosta postijiet, il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'ġuriżdizzjoni fi kwalunkwe wieħed minn dawk il-postijiet.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Ordni ta' preservazzjoni tista' tinħareġ biss fil-konfront ta' kontijiet konġunti li d-debitur ikun kodetentur tagħhom u ta' kontijiet li d-debitur ikun innominat għalihom f'isem terzi. Madankollu, ordni ta' preservazzjoni ma tistax tinħareġ fil-konfront ta' kontijiet miżmuma minn terzi nominati f'isem debitur.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ir-regoli li jirrigwardaw is-salarji u l-pensjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 607 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

https://www.boe.es/buscar/act.php?id=BOE-A-2000-323&tn=1&p=20151028&vd=#a607

Jekk l-awtoritajiet pubbliċi jkunu involuti fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali għal raġunijiet mhux relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità tagħhom, il-fondi depożitati minnhom fil-kontijiet bankarji jkunu eżenti mis-sekwestru meta dawn il-fondi jkunu effettivament ġew allokati għal servizz jew għan pubbliku.

Dawk l-ammonti huma eżenti minn sekwestru mingħajr ebda bżonn li ssir talba għaliha.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni għat-tariffi mitluba għal dawn il-finijiet.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ma jintalab l-ebda ħlas.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Il-mandati jiġu kklassifikati kronoloġikament, mill-mument li l-bank jirċievi dak il-mandat.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti li tkun ħarġet jew eżegwiet il-mandat.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-appell jiġi **ppreżentat** fl-istess qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni.

Jekk id-deċiżjoni tkun ttieħdet minn Qorti tal-Ewwel Istanza jew minn Qorti Kummerċjali, **it-terminu** biex jiġi ppreżentat appell huwa ta' 20 jum u l-appell jinstema' mill-Qorti Provinċjali. Jekk id-deċiżjoni tittieħed minn qorti oħra, l-appell irid jiġi ppreżentat fi żmien ħamest ijiem u jinstema' mill-istess qorti.

**It-terminu** għall-preżentazzjoni ta' appell **jibda** meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Ma hemm l-ebda tariffa tal-qorti, ħlief fil-mument tal-preżentazzjoni ta' appell meta jintalab depożitu fil-każijiet u fil-manjiera stipulati fid-Dispożizzjoni Addizzjonali 15 tal-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura (*Ley Orgánica del Poder Judicial*, "LOPJ").

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Franza

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Imħallef tal-eżekuzzjoni (*juge de l'exécution*) fil-Qorti Reġjonali (*tribunal de grande instance*).Meta kreditur jikseb strument awtentiku, huwa l-imħallef tal-eżekuzzjoni li jkollu l-kompetenza biex jiddeċiedi dwar Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-marixxall tal-qorti.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-marixxall tal-qorti huwa awtorizzat jikkonsulta r-reġistru FICOBA (reġistru li jiċċentralizza l-kontijiet bankarji kollha u simili miżmuma minn individwu fit-territorju Franċiż).

L-Artikolu 14(5)(a) u (b) japplikaw: il-banek għandhom l-obbligu li jirrapportaw jekk id-debitur għandux kont magħhom ladarba ssirilhom talba mill-awtorità inkarigata mill-ksib tal-informazzjoni; l-istess awtorità tingħata aċċess għall-informazzjoni kkonċernata meta dik l-informazzjoni tinżamm minn awtoritajiet jew amministrazzjonijiet pubbliċi f'reġistri jew b'xi mod ieħor.

Il-liġi Franċiża diġà tipprevedi dan l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet tad-debitur meta l-kreditur ikollu titolu eżekuttiv (l-Artikoli L. 152–1 u L. 152–2 tal-Kodiċi ta' Proċedura ta' Eżekuzzjoni Ċivili, *code des procédures civiles d'exécution - CPCE*).

Il-FICOBA (ir-reġistru nazzjonali tal-kontijiet bankarji u simili, *Fichier national des comptes bancaires et assimilés*), ġie stabbilit fl-1971 u ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi Pubbliċi (*Direction générale des finances publiques*); huwa jelenka kontijiet ta' kull tip (bankarji, postali, tfaddil, eċċ.) u jipprovdi informazzjoni dwar kontijiet li jkollha persuna jew kumpanija lill-persuni awtorizzati.

Meta jinfetaħ kont tiddaħħal entrata f'dan ir-reġistru. Malli jinfetaħ il-kont, it-titulari tal-kont jiġi infurmat mill-istituzzjoni finanzjarja li l-kont ġie rreġistrat fil-FICOBA. Dikjarazzjonijiet li jkun infetaħ, ingħalaq jew ġie mmodifikat kont jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li jkun qed jinżamm il-kont għandha;

in-numru, it-tip u l-karatteristiċi tal-kont;

id-data u n-natura tat-tranżazzjoni rapportata (ftuħ, għeluq jew modifika);

il-kunjom, l-isem, id-data u l-post tat-twelid, l-indirizz tat-titulari tal-kont, flimkien man-numru SIRET għal negozjanti individwali;

l-ismijiet, il-forma ġuridika, in-numru SIRET u l-indirizz għall-persuni ġuridiċi.

Ir-reġistru ma jipprovdi l-ebda informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa fil-kont jew dwar il-bilanċ tiegħu.

Malli jirċievi d-dikjarazzjoni mill-bank li fetaħ, għalaq jew immodifika l-kont, id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi Pubbliċi (DGFIP) jdaħħal l-entrata fir-reġistru. Id-dettalji tal-istat ċivili tal-persuni jiġu ċċertifikati mill-INSEE (l-Istitut Nazzjonali tal-istatistika u l-Istudji Ekonomiċi, *Institut national de la statistique et des études économiques*) u d-DGFIP juża s-sistema SIRENE biex jiċċertifika u jaġġorna l-elementi ta' identifikazzjoni tal-persuni ġuridiċi.

Sib marixxall

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti tal-Appell

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Il-marixxall tal-qorti

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-marixxall tal-qorti

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Meta l-kont issekwestrat ikun kont konġunt, irid jiġi infurmat kull titulari tal-kont. Jekk il-marixxall ma jkunx jaf l-identità u l-indirizz tat-titulari konġunti, huwa jitlob lill-bank jinfurmahom bis-sekwestru u bl-ammont pretiż biex jekk ikun il-każ, ikunu jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom fil-kont, u b'mod partikolari jiksbu r-rilaxx għall-parti tagħhom mill-patrimonju konġunt.

Iż-żmien għall-kontestazzjoni ta' dik il-miżura ma jibdiex jgħodd qabel ma t-titulari konġunt jiġi infurmat bis-sekwestru.

L-Artikolu R. 162–9 CPCE jipprevedi li meta kont, inkluż kont konġunt, li d-dħul u s-salarju ta' konjuġi bil-komunità tal-akkwisti jitħallas fih, jiġi ssekwestrat biex jiggarantixxi dejn maħluq mill-konjuġi l-ieħor, minnufih jitħalla ammont għall-konjuġi fil-komunità tal-akkwisti, li jkun ekwivalenti għas-salarju jew dħul iddepożitat ix-xahar ta' qabel is-sekwestru jew ammont ekwivalenti għad-dħul u s-salarju medju ta' xahar iddepożitati matul it-tnax-il xahar ta' qabel is-sekwestru, skont x'jippreferi.

Huwa l-kreditur li jitlob is-sekwestru li jrid jidentifika d-dħul tal-konjuġi debitur fil-kont li beħsiebu jissekwestra.  Naturalment, il-kont jista' jiġi ssekwestrat kollu meta jkun iffinanzjat biss mid-dħul tal-konjuġi debitur, anki jekk ikun kont konġunt.

Il-liġi Franċiża ma tirrikonoxxix il-kunċett ta' kont ta' mandatarju.

Il-prinċipju legali tar-rahan (*principe du droit de gage général*) jipprojbixxi s-sekwestru ta' kontijiet bankarji miżmuma mid-debitur f'isem partijiet terzi, u li ma jappartjenux lilu personalment jew li kienu ġew fdati lilu.

Jekk jiddaħħlu fondi f'kont speċjali miżmum minn intermedjarju li jaġixxi f'kapaċità professjonali, u jista' jiġi ppruvat mingħajr dubju li huma l-proprjetà ta' terzi, dawn il-fondi ma jistgħux jiġu ssekwestrati mill-kredituri, minkejja l-fatt li l-intermedjarju jkun it-titulari tal-kont u l-unika persuna li tista' titlob li l-fondi jitħallsu lura. Dan japplika għal ammonti ddepożitati minn nutar f'kont speċjali mal-Caisse des dépôts et consignations, jew minn aġent tal-proprjetà immobbli jew minn ġestjonarju tal-binja.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Fil-liġi Franċiża hemm żewġ mekkaniżmi li jaqdu l-istess għan iżda li joperaw b'mod differenti: il-bilanċ bankarju insekwestrabbli (*solde bancaire insaisissable*) — li huwa awtomatikament eżenti mis-sekwestri; u t-trasferiment tal-insekwestrabilità — li teħtieġ talba mid-debitur u l-provi li l-kont huwa ffinanzjat minn beni insekwestrabbli.

1) Il-bilanċ bankarju insekwestrabbli

Skont l-Artikolu L.162-2 CPCE, meta d-debitur ikun persuna fiżika, il-bank irid jagħtih aċċess, fil-limitu tal-bilanċ tal-kreditu tal-kont jew kontijiet ta' dakinhar tas-sekwestru, għal somma għall-manteniment ugwali għall-ammont tal-benefiċċju tad-dħul minimu bażiku (*RSA socle*) għal persuna waħedha kif imsemmi fl-Artikolu L.262–2 tal-Kodiċi tal-Azzjoni Soċjali u l-Familji (*code de l'action sociale et des familles*) (l-ammont tal-benefiċċju tad-dħul minimu bażiku = EUR 524,68 skont id-Digriet 2016-538 tas-27 ta' April 2016).

Skont l-Artikoli R. 162–2 tal-Kodiċi, id-debitur mhuwiex meħtieġ li jitlob l-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu: il-bank jinforma immedjatament lid-debitur li għandu aċċess għall-ammont eżentat mis-sekwestru. Meta jkun hemm diversi kontijiet, id-debitur jista' jingħata aċċess għal fondi minn kull bilanċi tal-kreditu, u l-ammont l-ewwel jitnaqqas mill-kontijiet kurrenti. Il-bank jinnotifika wkoll lill-marixxall mingħajr dewmien bil-fondi għad-dispożizzjoni tad-debitur u bil-kont jew kontijiet minn fejn jista' jaċċessahom. Fil-każ ta' sekwestru ta' kontijiet miftuħa ma' banek differenti, il-marixxall jidentifika t-terzi li jridu jieħdu l-"benefiċċju tad-dħul minimu bankarju" (*RSA bancaire*) u jiddetermina l-arranġamenti biex dan isir.

Skont l-Artikoli R. 162-3 tal-Kodiċi, dak l-ammont jitwarrab għad-debitur għal perjodu ta' xahar wara s-sekwestru.

2) it-trasferiment tal-insekwestrabilità

Talba mid-debitur għal dak l-effett tagħmel sens biss jekk l-ammonti insekwestrabbli jaqbżu l-ammont insekwestrabbli tal-bilanċ bankarju.

Skont l-Artikolu L.112-4 CPCE, meta ammont mill-flejjes insekwestrabbli jiġu ddepożitati f'kont huma jibqgħux xorta insekwestrabbli. L-Artikolu R. 112-5 tal-Kodiċi jispeċifika li meta kont jiġi kkreditat b'ammont li jkun kompletament jew parzjalment insekwestrabbli, l-insekwestrabilità tiġi ttrasferita għall-bilanċ tal-kont sa dak l-ammont.

L-Artikolu R. 162-4 tal-Kodiċi jipprevedi li "meta l-ammonti insekwestrabbli jkunu somom ikkreditati f'intervalli regolari, bħall-pagi, il-pensjonijiet jew ammonti mħallsa bħala benefiċċji tal-familja jew tal-qgħad, it-titulari tal-kont, ladarba juri l-oriġini tal-fondi, jista' jitlob li jkollu aċċess għalihom immedjatament, ħlief għal kull ammont iddebitat lill-kont wara l-aħħar ħlas ta' ammont insekwestrabbli." Dan jikkonċerna żewġ tipi ta' somom: introjtu kompletament insekwestrabbli, bħall-l-benefiċċju tad-dħul minimu bażiku, u d-dħul li jista' jiġi sekwestrat biss fil-limiti u bil-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sekwestru tar-rimunerazzjonijiet previsti fil-Kodiċi tax-Xogħol (*code du travail*). Il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*) tqis li l-insekwestrabilità tinkludi l-fondi kollha akkumulati fil-kont bankarju, u mhux biss l-aħħar depożitu li sar (Il-Qorti tal-Kassazzjoni, is-Sekond'Awla Ċivili, il-11 ta' Mejju 2000, Nru 98.11-696). Mil-lat tal-prattiċità, din ir-regola diffiċli biex tiġi implimentata meta l-kont ikun iffinanzjat ukoll minn somom kompletament jew parzjalment sekwestrabbli.

Meta jiġi ddeterminat l-ammont kopert mit-trasferiment tal-insekwestrabilità, it-tranżazzjonijiet pendenti rregolarizzati fi żmien 15-il jum mis-sekwestru ma jiġux ikkunsidrati (is-subparagrafu 2 tal-Artikolu R. 162-4 CPCE).

Id-debitur jista' fi kwalunkwe mument jitlob l-aċċess għall-ammonti insekwestrabbli, anke qabel l-iskadenza ta' 15-il jum għar-regolarizzazzjoni; l-ammonti jiġu ttrasferiti lilu immedjatament. Il-kreditur ma jiġix infurmat li l-fondi huma aċċessibbli sakemm ma jippreżentax talba għall-ħlas: imbagħad ikollu 15-il jum biex jikkontesta l-ammont aċċessibbli għad-debitur u l-entrata fil-kontijiet (l-aħħar sentenza tal-Artikolu R. 162–4 CPCE).

Fir-rigward tas-somom insekwestrabbli ġġenerati minn somom ikkreditati fuq bażi ta' darba (*créances instantanées*), l-Artikolu R. 162-5 CPCE jipprevedi li d-debitur, ladarba jagħti prova tal-oriġini tal-fondi, jista' jitlob li jingħata aċċess għalihom immedjatament, ħlief għal kull ammont ddebitat fil-kont wara dakinhar li jkun iddaħħal id-dejn. Eżempji tat-tip ta' fondi kkonċernati huma ħlas ta' salarju b'lura (*rappel de salaires*) jew għotja f'każ ta' ta' mewt (*capital-décès*) (insekwestrabbli skont l-Artikolu L. 361–5 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, *code de la sécurité sociale*). Dawn l-ammonti ma jkunux jistgħu jiġu aċċessati qabel ma jgħaddi t-terminu ta' 15-il jum previst mill-Artikolu L. 162-1 CPCE għas-saldu ta' tranżazzjonijiet pendenti. Id-debitur dejjem jista' jitlob lill-imħallef tal-eżekuzzjoni biex l-ammonti miżmuma aċċessibbli qabel, bil-kundizzjoni li jipprovdi l-provi li dawn huma insekwestrabbli. F'każijiet bħal dawn, il-kreditur jinstema' jew jiġi mħarrek.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-liġi Franċiża ma għandhiex dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ħlasijiet għall-eżekuzzjoni tal-mandati ta' sekwestru. Madankollu, il-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju (*code monétaire et financier*) jipprevedi li t-tariffi għas-sekwestru (*frais par saisie-attribution*) imposti fuq titulari ta' kont iridu jkunu indikati fil-lista tat-tariffi li l-banek iridu jipprovdu lill-klijenti tagħhom (l-Artikolu D. 312-1-1).

Barra minn hekk, il-klijenti jridu jingħataw informazzjoni minn qabel u mingħajr ħlas dwar dawn it-tariffi (l-Artikolu R. 312-1-2), f'konformità mal-Artikolu L. 312-1-5 li jipprevedi li din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta fir-rendikonti bankarji tat-titulari tal-kont u li jrid jgħaddi perjodu ta' 14-il jum mid-data tar-rendikont bankarju qabel ma l-ammonti jiġu ddebitati. Jidher li dawn it-tariffi imposti mill-banek fuq id-debitur titulari tal-kont jiġu stabbiliti liberament minn kull bank u jvarjaw bejn wieħed u ieħor minn EUR 80 sa EUR 150.

Kull tariffa għall-forniment ta' informazzjoni dwar il-kontijiet imposta mill-bank lill-marixxall tal-qorti responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-miżura tkun inkluża fl-ispejjeż pagabbli fil-prinċipju mid-debitur (ara hawn fuq).

Pereżempju, l-ammont ta' tariffi mitluba mill-banek Franċiżi jvarja bejn EUR 78 u EUR 111.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Il-marixxalli jitolbu ħlas għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju abbażi tal-iskala nazzjonali eżistenti. Fil-qosor, din tiġi kif ġej: l-ispiża totali tal-proċedura (inkluża l-konverżjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju f'mandat ta' sekwestru eżekuttiv, *saisie-attribution*) tvarja bejn EUR 166,19 u EUR 397,88, skont l-ammont tat-talba inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jagħmel parti mis-servizzi msemmija fl-Artikolu A 444-16 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (*code de commerce*) u għalhekk jinkludi l-ħlas ta' dritt amministrattiv (*droit d'engagement de poursuites*). It-tariffa għal dan id-dritt hija stabbilita fl-Artikolu A 444-15 tal-Kodiċi. Jekk l-ammont tat-talba jkun inqas minn jew ugwali għal EUR 76, id-dritt amministrattiv jiġi stabbilit għal EUR 4,29, u jekk ikun ogħla mil-limitu ta' EUR 76, it-tariffa hija proporzjonata għall-ammont tat-talba, sa limitu ta' EUR 268,13, skont l-iskala li ġejja:

| TRANCHES D'ASSIETTE (l-ammont tat-talba) | RATI APPLIKABBLI |
|---|---|
| Minn EUR 0 sa EUR 304 | 5,64 % |
| Minn EUR 305 sa EUR 912 | 2,82 % |
| Minn EUR 913 sa EUR 3 040 | 1,41 % |
| Aktar minn EUR 3 040 | 0,28 % |

Id-dritt amministrattiv jista' jiġi impost darba biss għall-irkupru tal-istess dejn.

Dan jitħallas mid-debitur jekk ikun responsabbli għall-ispiża tal-att li l-ħlas ikun intalab minħabba fih u mill-kreditur fil-każijiet l-oħra kollha.

Dan irid jitħallas lill-marixxall irrispettivament mill-eżitu tal-proċedimenti tal-irkupru.

Dan l-ammont jiġi paċut mal-emolumenti stabbiliti fl-Artikolu A. 444-31 jew l-Artikolu 444-32 skont ikunx irid jitħallas mid-debitur jew mill-kreditur.

It-talbiet kollha ppreżentati skont l-Artikoli L. 152-1 u L. 152-2 tal-Kodiċi ta' Proċedura ta' Eżekuzzjoni Ċivili jiswew EUR 21,45 qabel it-taxxa (ara l-Artikolu A. 444-43 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, l-Att Nru 151). Dan jikkonċerna r-riċerki mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, dipartimentali u muniċipali, mill-intrapriżi liċenzjati jew kkontrollati mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, dipartimentali u muniċipali, mill-korpi pubbliċi jew korpi kkontrollati mill-awtorità amministrattiva jew mill-korpi awtorizzati mil-liġi biex iżommu kontijiet ta' depożitu. Din it-tariffa tapplika għall-konsultazzjoni tal-FICOBA.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma jipprojbix il-konkorrenza tal-kredituri, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' preferenza mogħti lill-ewwel kreditur li jingħata l-mandat. Il-fatt li l-ammont ġie ssekwestrat ma jipprekludix kreditur oħrajn milli jitolbu miżura eżekuttiva oħra, imma dik il-miżura sseħħ biss jekk l-ewwel miżura ma tiġi kkonvertita f'miżura ta' eżekuzzjoni finali. 6

Skont l-Artikolu L. 523-1 CPCE, meta l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jkun jikkonċerna talba ta' somma flus, l-effett prodott ikun tal-għoti ta' garanzija previst fl-Artikolu 2360 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri il-flus ikunu merfugħa għat-talba u l-kreditur jingħata dritt ta' preferenza skont l-Artikolu 2333 tal-Kodiċi Ċivili dwar ir-rahan (*gage*). Għalhekk is-sekwestru jikkonferixxi "privileġġ" ta' rahan fuq il-kreditur (jiġifieri d-dritt li jitħallas bi preferenza qabel il-kredituri l-oħrajn). Għalhekk, il-kreditur bid-dritt bil-mandat ta' sekwestru ma għandux x'jinkwieta mill-konkorrenza tal-kredituri mhux garantiti (jiġifieri mingħajr ebda garanzija partikolari) jew tal-kredituri bi grad inferjuri. Madankollu, huwa jinqabeż mill-kredituri bi dritt ta' preferenza superjuri, pereżempju s-"superprivileġġ" tal-impjegati, il-privileġġ tal-ispejjeż legali jew il-privileġġi ġenerali tat-Teżor).

Jekk fl-istess ġurnata jiġu ordnati iktar minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju wieħed, l-ammonti ssekwestrati jitqassmu proporzjonalment, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-privileġġi eventwali (l-opinjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni, l-24 ta' Mejju 1996, Nru 09-60.004).

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti kompetenti biex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li tiddeċiedi li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju trid tkun limitata jew tintemm, u li tiddeċiedi li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tmur kontra l-ordni pubbliku u trid tintemm minħabba f'hekk hija l-Qorti Reġjonali permezz tal-imħallef tal-eżekuzzjoni.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-qorti kompetenti li tisma' l-appelli kontra deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 33, 34 jew 35 hija l-Qorti tal-Appell. It-terminu għall-appelli huwa ta' 15-il jum. Iż-żmien jibda jiskorri mill-ġurnata tal-firma tal-konferma tal-irċevuta tal-ittra rreġistrata li jkun fiha d-deċiżjoni tal-imħallef tal-eżekuzzjoni u li tintbagħat mill-iskrivan tal-qorti lill-partijiet.

Jekk il-konferma tal-irċevuta ma tkunx ġiet iffirmata, id-deċiżjoni tal-imħallef tal-eżekuzzjoni trid tiġi nnotifikata mill-marixxall tal-qorti fuq it-talba tal-partijiet u ż-żmien imbagħad jibda jiskorri mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Ma hemmx spejjeż għall-preżentazzjoni ta' talba għal mandat ta' sekwestru kawtelatorju jew ta' appell.

L-Artikolu L. 512-2 CPCE jistipula li l-ispejjeż ikkawżati mill-miżura kawtelatorja jitħallsu mid-debitur, sakemm ma jiddeċidix mod ieħor l-imħallef fi tmiem il-proċedimenti. L-imħallef irid japprova lista tal-atti li jridu jiġu inklużi fl-ispejjeż dovuti u jiddetermina r-responsabbiltà għalihom.

L-Artikolu jistipula wkoll li meta l-imħallef jordna r-rilaxx mill-mandat ta' sekwestru, il-kreditur jista' jiġi kkundannat iħallas kumpens għad-dannu kkawżat mill-miżura kawtelatorja. Skont il-ġurisprudenza, dan l-obbligu ta' ħlas ta' kumpens jista' jiġi eżegwit mingħajr ma jenħtieġ li tiġi stabbilita ħtija (Il-Qorti tal-Kassazzjoni (Sekond'Awla Ċivili), id-29 ta' Jannar 2004, nru 01-17.161, u s-7 ta' Ġunju 2006, nru 05-18.038).

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Id-dokumenti jiġu aċċettati bil-Franċiż biss.

L-aħħar aġġornament: 01/06/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - il-Kroazja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qrati li huma kompetenti biex joħorġu Ordni ta' Preservazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament, huma l-qrati Kroati li huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-merti ta' kawża skont l-Att dwar il-Qrati (*Zakon o sudovima*) (*Narodne Novine* (NN; il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 28/13, 33/15, 82/15, 82/16, 67/18, 126/19, 130/20, 21/22, 60/22 u 16/23), l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (NN Nri 53/91, 91/92, 112/99, 129/00, 88/01, 117/03, 88/05, 2/07, 96/08, 84/08, 123/08, 57/11, 25/13, 89/14, 70/19, 80/22 u 114/22; minn hawn 'il quddiem iż-"ZPP") u regolamenti speċifiċi oħra. Fir-Repubblika tal-Kroazja dawk il-qrati huma l-qrati muniċipali (*općinski sudovi*; sing. *općinski sud*) u l-qrati kummerċjali (*trgovački sudovi*; sing. *trgovački sud*) fejn il-proċedimenti jsiru fil-livell tal-prim'istanza.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorità kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar kont jew kontijiet ta' debitur, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament, hija:

Aġenzija Finanzjarja (*Financijska agencija*)

Ulica grada Vukovara 70, 10000 Zagreb, Croatia

numru tat-telefown bla ħlas: +385 0 800 0080

indirizz tal-posta elettronika: info@fina.hr

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-informazzjoni tal-kont imsemmija fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament tinkiseb permezz ta' aċċess mogħti lill-awtorità ta' informazzjoni għall-informazzjoni rilevanti meta dik l-informazzjoni tinżamm minn awtoritajiet pubbliċi jew amministrazzjonijiet f'reġistri jew mod ieħor (l-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti kompetenti biex tiddeċiedi appell skont l-Artikolu 21 tar-Regolament li kreditur ikun ippreżenta quddiem qorti tal-prim'istanza kontra deċiżjoni li tiċħad, kompletament jew parzjalment, ir-rikors tal-kreditur għal Ordni ta' Preservazzjoni hija l-qorti superjuri li kienet kompetenti biex tiddeċiedi appell kontra deċiżjoni li tiċħad proposta għal garanzija (qorti tal-kontea (*županijski sud*) jew il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki trgovački sud Republike Hrvatske*) — l-Artikoli 34a u 34c ZPP, NN Nri 53/91, 91/92, 58/93, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 02/07, 84/08, 123/08, 57/11, 148/11, 25/13, 89/14, 70/19, 80/22 u 114/22 flimkien mal-Artikolu 21(1) tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon* — OZ)) – il-ħolqiet:

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2011_12_148_2993.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013_02_25_405.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2019_07_70_1447.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2022_07_80_1170.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2022_10_114_1713.html

Konsegwentement, jekk ir-rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni jiġi miċħud kompletament jew parzjalment b'deċiżjoni ta' qorti muniċipali, il-kreditur jippreżenta appell quddiem il-qorti tal-kontea permezz tal-qorti muniċipali, filwaqt li jekk tali deċiżjoni tiġi adottata minn qorti kummerċjali, il-kreditur jippreżenta appell kontra d-deċiżjoni quddiem il-Qorti Kummerċjali Għolja permezz tal-qorti kummerċjali kkonċernata.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità maħtura bħala kompetenti biex tirċievi, tittrażmetti u tinnotifika l-Ordni ta' Preservazzjoni u dokumenti oħra skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament hija:

Il-Qorti Ċivili Muniċipali ta' Zagreb (*Općinski građanski sud u Zagrebu*)

Ulica grada Vukovara 84

10000 Zagreb.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità kompetenti biex teżegwixxi l-Ordni ta' Preservazzjoni skont il-Kapitolu 3 tar-Regolament hija:

Aġenzija Finanzjarja (FINA)

Ulica grada Vukovara 70, 10000 Zagreb, Croatia

numru tat-telefown bla ħlas: +385 0 800 0080

indirizz tal-posta elettronika: info@fina.hr

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Kont ta' pagament li huwa ġestit minn fornitur tas-servizzi ta' pagament f'isem utent wieħed tas-servizzi ta' pagament jew aktar, u li jintuża biex isiru tranżazzjonijiet ta' pagamenti, jista' jiġi ppreservat kompletament.

Il-fondi miżmuma f'kont ta' mandatarju ma jistgħux jiġu ppreservati meta dan ikun ipprojbit bil-liġi.

L-Artikolu 42 tal-Att dwar il-Falliment tal-Konsumaturi (*Zakon o stečaju potrošača*) (NN Nri 100/15, 67/18 u 36/22; minn hawn 'il quddiem iż-"ZSP") jiddikjara li l-kummissarju għall-falliment għandu obbligu li jiftaħ kont kurrenti separat ma' istituzzjoni finanzjarja għal kull konsumatur individwali li fir-rigward tiegħu jkunu nfetħu proċedimenti ta' falliment skont inġunzjoni – il-ħolqiet:

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2015_09_100_1936.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2018_07_67_1364.html

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2022_03_36_432.html

Dan huwa kont kurrenti li l-kummissarju fil-proċedimenti ta' falliment tal-konsumatur jiftaħ ma' istituzzjoni finanzjarja f'ismu għan-nom tal-konsumatur ikkonċernat. Il-kummissarju jista' juża dak il-kont separat biss sabiex jirċievi u jagħmel pagamenti relatati mal-ġestjoni u d-disponiment tal-patrimonju fallut tal-konsumatur li jkun is-suġġett tal-proċedimenti ta' falliment, u l-kummissarju huwa obbligat li jżomm separat mill-assi tiegħu kwalunkwe pagament li jsir fil-kont relatat mal-ġestjoni u d-disponiment tal-patrimonju tal-falliment.

L-Artikolu 42(4) ZSP jipprevedi li l-fondi fil-kont separat ma jistgħux ikunu suġġetti għal eżekuzzjoni fir-rigward tal-kummissarju, u fil-każ tal-falliment jew il-mewt tal-kummissarju, dawn il-fondi ma jiffurmawx parti mill-patrimonju tal-falliment jew tal-patrimonju tiegħu.

Minħabba li, fil-każ ta' falliment ta' konsumatur, il-kummissarju jaġixxi bħala r-rappreżentant tiegħu, dan il-kont jista' jingħad li huwa kont ta' mandatarju, li jkun fih kemm il-fondi tal-kummissarju kif ukoll il-fondi ta' konsumatur wieħed jew aktar li fir-rigward tagħhom ikunu nfetħu proċedimenti ta' falliment, iżda l-fondi tal-konsumatur irrappreżentat mill-kummissarju ma jistgħux ikunu suġġetti għal eżekuzzjoni jew preservazzjoni ta' kont jekk il-proċedimenti jkunu jirrigwardaw lill-kummissarju.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-ammonti eżenti mis-sekwestru, kif imsemmi fl-Artikolu 31 tar-Regolament, huma stabbiliti fl-Artikolu 172 OZ (Eżenzjoni mill-eżekuzzjoni) u fl-Artikolu 173 OZ (Limitazzjoni tal-eżekuzzjoni).

Jekk debitur jirċievi remunerazzjoni u allowances kif imsemmi fl-Artikolu 172 OZ li huma eżenti minn eżekuzzjoni, jew ammonti msemmija fl-Artikolu 173 OZ (Limitazzjoni tal-eżekuzzjoni), huwa jkun obbligat li jinforma lill-FINA dwar dan, skont l-Artikolu 212 OZ.

Il-ħolqiet għall-Att dwar l-Eżekuzzjoni (NN Nri 112/12, 93/14, 73/17, 131/20 u 114/22) huma:

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012_10_112_2421.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2014_07_93_1877.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2017_07_73_1770.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2020_11_131_2487.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2022_10_114_1716.html

Skont l-Artikolu 173 OZ, l-ammonti huma esklużi mill-eżekuzzjoni kif ġej:

(1) Jekk is-salarju tad-debitur tal-eżekuzzjoni jkun suġġett għal eżekuzzjoni, l-ammont ugwali għal żewġ terzi mis-salarju nett medju fil-Kroazja għandu jkun eżenti mis-sekwestru. Jekk l-eżekuzzjoni ssir biex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn mard jew tnaqqis jew telf tal-kapaċità għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs is-salarju nett medju fil-Kroazja, ħlief meta l-eżekuzzjoni ssir biex jinġabru bil-forza l-flus dovuti bħala manteniment għat-tfal. F'dawn il-każijiet, l-ammont eżenti mis-sekwestru għandu jkun kwart mis-salarju nett medju għal kull persuna impjegata minn persuni ġuridiċi fil-Kroazja fis-sena preċedenti.

(2) Jekk id-debitur tal-eżekuzzjoni jirċievi salarju li jkun aktar baxx mis-salarju nett medju fil-Kroazja, l-ammont ta' tliet kwarti mis-salarju tad-debitur tal-eżekuzzjoni, iżda mhux aktar minn żewġ terzi tas-salarju nett medju fil-Kroazja, għandu jkun eżentat mis-sekwestru. Jekk l-eżekuzzjoni ssir biex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn mard jew tnaqqis jew telf tal-kapaċità għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs is-salarju nett tad-debitur tal-eżekuzzjoni, ħlief meta l-eżekuzzjoni ssir biex jinġabru bil-forza l-flus dovuti bħala manteniment għat-tfal. F'każijiet bħal dawn, l-ammont eżentat mis-sekwestru għandu jkun ta' kwart tas-salarju nett tad-debitur tal-eżekuzzjoni.

(3) It-terminu "salarju nett medju" fit-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jfisser l-ammont medju mħallas bħala s-salarju nett fix-xahar għal kull persuna impjegata mill-persuni ġuridiċi fil-Kroazja fil-perjodu bejn Jannar u Awwissu tas-sena kurrenti, li għandu jkun determinat mill-Uffiċċju Kroat tal-Istatistika (*Državni zavod za statistiku*) u ppubblikat fl-NN mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena kurrenti. L-ammont stabbilit b'dan il-mod għandu japplika fis-sena ta' wara.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-eżekuzzjoni meta kwalunkwe kumpens li jitħallas minflok salarju, kumpens għal ħin tax-xogħol imnaqqas, kumpens għal salarju mnaqqas, pensjoni, paga tas-servizz tal-persunal militari u paga għal persuni fil-forza tar-riżerva waqt li jkunu fis-servizz militari u kwalunkwe introjtu finanzjarju regolari ieħor imħallas lil persunal fiċ-ċivil jew fil-militar ikun suġġett għal sekwestru, bl-eċċezzjoni tal-introjtu msemmi fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

(5) L-eżekuzzjoni permezz tas-sekwestru tal-introjtu rċevut minn persuni b'diżabilità bħala benefiċċju finanzjarju għal diżabilità fiżika u bħala allowance għall-kura tista' titwettaq biss biex jinġabar kreditu ta' manteniment statutorju, jew talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minn mard jew tnaqqis jew telf tal-kapaċità għax-xogħol jew bħala kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-kreditur tal-manteniment, f'liema każ l-ammont għandu jiġi stabbilit bħala nofs dan l-introjtu.

(6) L-eżekuzzjoni permezz tas-sekwestru tal-introjtu li jiġi rċevut skont kuntratt ta' għajnuna sakemm iddum ħajja persuna u kuntratt ta' vitalizju, kif ukoll introjtu ġej minn kuntratt ta' assigurazzjoni tal-ħajja tista' ssir biss fuq dik il-parti tal-introjtu li teċċedi l-ammont prinċipali użat biex jiġi kkalkulat l-ammont għall-manteniment.

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll meta l-eżekuzzjoni titwettaq fuq introjtu li ma jkunx ġej minn salarju, pensjoni jew dħul indipendenti minn attivitajiet kummerċjali u artiġjanali, professjonijiet liberi, agrikultura u forestrija, proprjetà u drittijiet ta' proprjetà, kapital jew assigurazzjoni ("introjtu ieħor" skont regoli separati) jekk id-debitur tal-eżekuzzjoni jista' juri biċ-ċar permezz ta' dokument pubbliku li dan l-introjtu huwa l-uniku introjtu ta' flus regolari tiegħu.

Is-salarju nett medju fix-xahar imħallas lill-impjegati ta' persuni ġuridiċi fil-Kroazja fl-2022 kien ta' HRK 7 653. (https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2022_10_125_1909.html)

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-FINA u l-banek huma intitolati li jimponu miżata għall-implimentazzjoni tal-Ordnijiet ta' Preservazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-eżekuzzjoni u l-garanzija fir-rigward tal-fondi fil-kontijiet, skont ir-Regoli dwar it-tipi u ammont ta' miżati għall-prestazzjoni tal-kompiti stabbiliti fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi (NN Nri 105/10, 124/11, 52/12 u 6/13; minn issa 'l quddiem "ir-Regoli") – links:

https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2010_09_105_2831.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2011_11_124_2491.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2012_05_52_1278.html
https://narodne-novine.nn.hr/clanci/sluzbeni/2013_01_6_90.html

L-Artikolu 6 tar-Regoli jiddikjara li l-miżata għandha titħallas mid-debitur.

Ir-Regoli jistabbilixxu l-miżata għall-prestazzjoni tal-kompiti speċifikati fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi (NN Nri 91/10 u 112/12).

Ir-Regoli jistabbilixxu żewġ tipi ta' miżati:

1. għall-eżekuzzjoni fir-rigward tal-fondi tad-debitur tal-eżekuzzjoni, u
2. għall-konsultazzjoni u d-dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet.

Il-miżati għall-eżekuzzjoni fi-rigward tal-fondi tad-debitur tal-eżekuzzjoni jaqgħu f'erba' gruppi:

l-eżami tal-possibbiltà ta' eżekuzzjoni ta' strument ta' eżekuzzjoni

il-kalkolu tal-imgħax
l-eżekuzzjoni ta’ strument tal-eżekuzzjoni
id-dispożizzjoni tad-dejta, il-kopji u ċ-ċertifikati mir-Reġistru tal-ordni tal-istrumenti ta’ eżekuzzjoni.
Il-miżata għall-eżami tal-possibbiltà ta’ eżekuzzjoni ta’ strument ta’ eżekuzzjoni u l-miżata għall-kalkolu tal-imgħax huma imposti mill-FINA għar-riċeviment ta’ strumenti ta’ eżekuzzjoni (is-somma ta’ talbiet li d-debitur ikollu jħallas lill-kreditur skont id-deċiżjoni tal-qorti) u għad-dħul tagħhom fir-Reġistru. Hemm miżata imposta wkoll biex jiġi vverifikat jekk strument ta’ eżekuzzjoni jkunx fih id-dejta meħtieġa għall-eżekuzzjoni, u għall-ikkalkular tal-imgħax. Dawn iż-żewġ miżati, flimkien mal-miżata għall-eżekuzzjoni ta’ strument ta’ eżekuzzjoni, huma pagabbli bis-sħiħ mid-debitur.
Id-dħul mill-miżata għall-eżekuzzjoni ta’ strument ta’ eżekuzzjoni huwa maqsum bejn il-FINA (55 %) u l-banek (45 %). Id-dħul huwa distribwit lill-banek skont l-għadd totali ta’ kontijiet miżmuma mid-debitur f’bank partikulari fil-jum li fih tiġi imposta l-miżata, skont id-dejta fir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet.
Il-miżata għad-dispożizzjoni tad-dejta, ta’ kopji u ċertifikati mir-Reġistru tal-ordni ta’ strumenti ta’ eżekuzzjoni titħallas mill-applikant bil-quddiem abbażi ta’ talba għall-ħlas. Il-persuna li tippreżenta applikazzjoni lill-FINA trid tipprovdi evidenza ta’ ħlas, imbagħad dik il-persuna tirċievi id-dejta u l-kopji rikjesti, u tinħareġ riċevuta għas-servizz ipprovdut.
Il-FINA timponi miżati għall-konsultazzjoni u d-dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet billi timponi miżata għall-konsultazzjoni tad-dejta bl-użu ta’ sit web jew servizz onlajn, jew miżata għad-dispożizzjoni (jew it-tniżżil) tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet f’forma elettronika jew stampata.
Il-FINA tadotta lista tal-prezzijiet, l-ammonti tal-miżati, abbażi ta’ deċiżjoni tal-Bord Maniġerjali tagħha, u l-Ministeru tal-Finanzi japprova l-lista tal-prezzijiet proposta. Il-lista tal-prezzijiet hija ppubblikata fuq is-sit web uffiċjali tal-FINA. Il-VAT huwa impost fuq il-miżati kollha fil-lista tal-prezzijiet.
Link għal silta mil-lista tal-prezzijiet tal-FINA - miżati għall-prestazzjoni tal-kompiti speċifikati fl-Implimentazzjoni tal-Eżekuzzjoni fir-rigward tal-Att dwar il-Fondi.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta’ tariffi jew sett ieħor ta’ regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Għall-eżekuzzjoni ta’ Ordni ta’ Preservazzjoni, il-FINA u l-banek jimponu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament abbażi tar-Regoli. Il-FINA timponi miżata għad-dispożizzjoni tad-dejta, tal-kopji u ċ-ċertifikati mir-Reġistru jew id-dejta dwar il-kont. L-ammonti tal-miżati huma stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regoli.
L-ammonti tal-miżati indikati fl-Artikolu 3 tar-Regoli ġew stabbiliti kif ġej:

| Nru tas-Ser. | Deskrizzjoni tas-servizz | Bażi għall-kalkolu | Ammont f’HRK |
|---|---|---|---|
| | *Eżekuzzjoni fir-rigward tal-fondi* | | |
| 1. | Eżami tal-possibbiltà ta’ eżekuzzjoni ta’ strument ta’ eżekuzzjoni | strument ta’ eżekuzzjoni | 65.00 |
| 2. | Kalkolu tal-imgħax | kapital | 7.00 |
| 3. | Eeżekuzzjoni ta’ strument tal-eżekuzzjoni | | |
| 3.1. | Rkupru ta’ darba tal-ammont sħiħ mill-fondi ddepożitati f’bank uniku | strument ta’ eżekuzzjoni | 17.00 |
| 3.2. | Rkupru ta’ darba tal-ammont sħiħ mill-fondi ddepożitati f’diversi banek | strument ta’ eżekuzzjoni | 39.00 |
| 3.3. | Eżekuzzjoni fil-każ ta’ preservazzjoni ta’ kont u projbizzjoni fuq l-aċċes għall-fondi | strument ta’ eżekuzzjoni | 110.00 |
| 4. | Dispożizzjoni tad-dejta, ta’ kopji u ċertifikati mir-Reġistru. | | |
| 4.1. | – stampata | paġna | 43.00 |
| 4.2. | – f’forma ta’ fajl | sillaba | 0.20<br>min. 21.00 |

Taxxa fuq il-valur miżjud hija imposta skont il-punt 4 ta’ dan il-paragrafu.
L-ammonti tal-miżati indikati fl-Artikolu 7 tar-Regoli ġew stabbiliti kif ġej:

| Nru tas-Ser. | Deskrizzjoni tas-servizz | Bażi għall-kalkolu | Ammont f’HRK |
|---|---|---|---|
| | *Konsultazzjoni u dispożizzjoni tad-dejta mir-Reġistru Uniku tal-Kontijiet* | | |
| 1. | Konsultazzjoni tad-dejta permezz tas-*sit web* tal-Aġenzija u tas-servizzi *onlajn* | | |
| 1.1. | – konsultazzjoni | inkjesta | 0.80 |
| 1.2. | – konsultazzjoni tas-subtaqsimiet | sillaba | 0.20 |
| 2. | Konsultazzjoni tad-dejta permezz tas-*sit web* tal-Aġenzija | | |
| 2.1. | – sottoskrizzjoni ta’ kull sitt xhur | utent | 298.37 |
| 2.2. | – sottoskrizzjoni annwali | utent | 498.37 |
| 3. | Tniżżil | | |
| 3.1. | – mis-*sit web* tal-Aġenzija | sillaba | 0.10 |
| 3.2. | – permezz tas-servizzi *onlajn* tal-Aġenzija | sillaba | 0.10 |
| 3,3 | – permezz ta’ servizz ibbażat fuq CDs | sillaba | 0.10 |
| 4. | Konsultazzjoni tad-dejta | | |
| 4.1. | – stampata | kull paġna ġdida | 19.51 |
| 4.2. | – f’forma ta’ fajl | sillaba | 0.20<br>min. 19.51 |

Taxxa fuq il-valur miżjud hija imposta fuq il-miżati skont dan il-paragrafu.
L-Artikolu 5(1) ta’ dawn ir-Regoli jiddikjara li l-miżati għall-eżekuzzjoni għandhom jinqasmu bejn il-FINA u l-banek li l-FINA, fi proċedura skont strument tal-eżekuzzjoni, tkun ordnat li jwettqu l-irkupru tal-ammonti dovuti, bil-FINA tirċievi 55% minn kull miżata, u l-bank jirċievu 45%.
Fi proċedimenti biex tinkiseb Ordni ta’ Preservazzjoni jew rimedju kontra Ordni ta’ Preservazzjoni, għandha titħallas miżata tal-qorti bbażata fuq il-valur tal-applikazzjoni, skont l-Att dwar il-Miżati tal-Qorti (NN, Nri 74/95, 57/96, 137/02, 125/11, 112/12, 157/13 u 110/15; Minn issa ‘l quddiem “ZSP”) — ara n-notifika marbuta mal-Artikolu 50(1)(n) tar-Regolament.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta’ ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

L-elenkar skont l-Artikolu 21 tar-Regolament huwa regolat mill-Artikolu 78 OZ, li jipprovdi li, meta diversi kredituri jġibu talbiet monetarji kontra l-istess debitur u għall-istess oġġett ta’ eżekuzzjoni, dawk it-talbiet jitħallsu fl-ordni li fih il-kredituri jkunu akkwistaw id-dritt ta’ eżekuzzjoni minn dak l-oġġett, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

L-ordni tal-prijorità tal-interessi ta' garanzija ta' diversi krredituri huwa determinat abbażi tad-data tar-riċevuta tal-Ordni ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 180 OZ) – link: https://narodne-novine.nn.hr/

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-korp kompetenti li jiddeċiedi dwar applikazzjoni mingħand debitur għal revoka jew modifika ta' Ordni ta' Preservazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament, huwa l-qorti Kroata li ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni.

Il-korp kompetenti li jiddeċiedi dwar applikazzjoni mingħand debitur biex tiġi limitata jew tintemm eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni fir-Repubblika tal-Kroazja, kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) u (2) tar-Regolament, huwa:

Il-Qorti Ċivili Muniċipali ta' Zagreb

Ulica grada Vukovara 84

10000 Zagreb.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-qorti b'kompetenza biex tiddeċiedi dwar appell kontra deċiżjoni tal-qorti ġenerali, kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament, flimkien mal-Artikoli 33, 34 u 35 tar-Regolament, hija l-qorti suprema li kienet kompetenti biex tiddeċiedi dwar l-appell kontra d-deċiżjoni dwar il-garanzija (il-qrati tal-kontej jew il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja — l-Artikoli 34a u 34c tal-Att tal-Proċedura Ċivili (ZPP), flimkien mal-Artikolu 21(1) OZ).

Għandu jitressaq appell fi żmien tmint ijiem mid-data tas-servizz tad-deċiżjoni (l-Artikolu 11 OZ) u għandu jiġi ppreżentat permezz tal-qorti li tkun adottat id-deċiżjoni (l-Artikolu 357 ZPP).

L-Artikolu 2(1)(9) OZ jiddikjara li l-espressjoni "deċiżjoni dwar il-garanzija" tfisser deċiżjoni li tippermetti, kompletament jew parzjalment, proposta għal garanzija jew ordni ta' garanzija *ex officio*.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Fi proċedimenti biex jinkiseb Ordni jew rimedju kontra Ordni, kif imsemmi fl-Artikolu 42 tar-Regolament, il-miżati tal-qorti huma pagabbli abbażi tal-valur tal-applikazzjoni, kif ġej:

fuq applikazzjoni għal Ordni ta' Preservazzjoni bħala proposta għal garanzija

fuq deċiżjoni dwar applikazzjoni għal Ordni ta' Preservazzjoni bħala deċiżjoni dwar garanzija

fuq sottomissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 364b(2) sa (5) OZ bħala appelli kontra deċiżjoni dwar il-garanzija.

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, l-obbligu li titħallas miżata tiġgarrab meta tiġi preżentata proposta għal eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni jew appell, kif stabbilit fl-Artikoli 4 ZSP.

Il-miżati tal-qorti jistgħu jiġu kkalkulati għal kull operazzjoni individwali, skont il-valur tas-suġġett tat-tilwima, skont it-tabella segwenti:

| Aktar minn | Sa HRK | HRK |
|---|---|---|
| 0,00 | 3 000.00 | 100.00 |
| 3 00.,00 | 6 000.00 | 200.00 |
| 6 000.00 | 9 000.00 | 300.00 |
| 9 000.00 | 12 000.00 | 400.00 |
| 12 000.00 | 15 000.00 | 500.00 |
| Għal aktar minn HRK 15 000.00 għandha titħallas miżata ta' HRK 500.00, flimkien ma'1% tal-ammont għal aktar minn HRK 15 000.00, sa massimu ta' HRK 5 000.00. | | |

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 02/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: it diġà ġew tradotti.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Italja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti tad-distrett li fih tfassal l-att awtentiku, ippresedut minn imħallef wieħed.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-president tal-qorti tad-distrett li fih jinsab id-domiċilju jew il-post tar-residenza tad-debitur, jew l-uffiċċju rreġistrat tad-debitur fil-każ ta' persuna ġuridika. Jekk id-debitur ma għandu l-ebda residenza, domiċilju jew post tar-residenza fl-Italja jew, jekk persuna ġuridika, mhuwiex stabbilit fl-Italja, l-awtorità kompetenti tkun il-president tal-qorti ta' Ruma.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Id-dritt Taljan jipprevedi li l-awtorità tal-informazzjoni jista' jkollha aċċess għal informazzjoni miżmuma f'arkivji pubbliċi sabiex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti ffurmata minn diversi membri fejn jippresjedi l-imħallef li jkun ħareġ l-ordni ta' preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Ir-riċevuta, it-trażmissjoni u n-notifika jew il-komunikazzjoni ta' dokumenti hija r-responsabbiltà ta':

(*a*) l-uffiċjal tal-qorti fiċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament;

(*b*) ir-reġistru tal-qorti li jkun ħareġ l-ordni ta' preservazzjoni fiċ-ċirkustanzi koperti mill-Artikoli 10(2), 23(3) u (6), 25(3) u 36(5) tar-Regolament;

(*c*) ir-reġistru tal-qorti responsabbli għall-infurzar fil-każ ipprevedut fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament;

(*d*) ir-reġistru tal-qorti tal-post fejn id-debitur ikun iddomiċiljat fiċ-ċirkustanzi pprevEduti fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament.

Jekk l-ordni ta' preservazzjoni jkun inħareġ minn Stat Membru ieħor fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikoli 10(2), 23(3), 23(6) jew 25(3), il-qorti kompetenti tkun il-qorti ordinarja responsabbli għall-infurzar tal-ordni ta' preservazzjoni (ara l-Artikolu 50(f)).

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti ordinarja tal-post tar-residenza tal-parti terza (l-Artikolu 678 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) li taġixxi skont ir-regoli dwar l-esproprjazzjoni minn partijiet terzi.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Il-kontijiet konġunti u l-kontijiet ta' mandatarju b'aktar minn detentur wieħed tal-kont jistgħu jkunu soġġetti għal ordni ta' preservazzjoni biss skont is-sehem tad-debitur. L-ishma tad-detenturi tal-kontijiet huma preżunti li huma ugwali, sakemm ma jkunx hemm prova għall-kuntrarju.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Eżenti minn sekwestru, skont id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 545 u 671 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hemm:

(*a*) il-pagamenti ta' manteniment, sakemm ma jkunux għal skopijiet ta' manteniment, iżda bl-awtorizzazzjoni tal-qorti jew imħallef maħtur minnhom biss u għal sehem biss li għandu jiġi determinat b'ordni mill-qorti;

(*b*) gratifiki karitattivi jew ta' sussistenza lil persuni kklassifikati bħala foqra u pagamenti għal maternità, mard jew spejjeż tal-funerali dovuti minn fondi tal-assigurazzjoni, korpi tas-sigurtà soċjali u istituzzjonijiet karitattivi;

(*c*) l-ammonti dovuti minn persuni privati permezz ta' pagi, salarji jew pagamenti oħrajn relatati mar-relazzjonijiet tax-xogħol, inkluż dawk dovuti għal sensji, jistgħu jiġu sekwestrati għall-pagamenti ta' manteniment sal-limitu awtorizzat mill-president tal-qorti jew minn imħallef maħtur minnu; sa massimu ta' wieħed minn ħamsa minn dawn is-somom jista' jiġi sekwestrat; sekwestri simultanji minħabba taħlita tar-raġunijiet imsemmija qabel ma jistgħux jammontaw għal aktar minn nofs dawn is-somom;

(*d*) annwalità, jekk tiġi kostitwita bla ħlas, meta jkun hemm dispożizzjoni li din ma għandhiex tiġi soġġetta għal sekwestru lil hinn mil-limitu tal-ħtiġijiet essenzjali tal-kreditur;

(*e*) l-ammonti pagabbli minn assiguratur lid-detentur ta' polza jew benefiċjarju ta' assigurazzjoni, soġġetti, fir-rigward tal-primjums imħallsa, għad-dispożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-atti li huma ta' detriment għall-kredituri u għall-kollazzjoni, għall-imputazzjoni u għat-tnaqqis tar-rigali;

(*f*) l-ammonti dovuti għall-pensjonijiet, għall-allokazzjonijiet li jservu bħala pensjonijiet jew benefiċċji oħra ta' rtirar, bl-istipulazzjoni li minn dawn l-ammonti ma jistax jiġi sekwestrat aktar minn ammont li jikkorrispondi għall-ammont massimu tal-allokazzjoni soċjali fix-xahar, b'żieda ta' nofs, u li s-sehem li jaqbeż dak l-ammont jista' jiġi sekwestrat fil-limiti stipulati fil-punti (c) u (d);

(*g*) fondi speċjali għall-benessri u l-assistenza stabbiliti mill-imprenditur, inkluż mingħajr kontribuzzjonijiet mingħand l-impjegati, meta dawn ikunu jikkonċernaw pagamenti mħallsa mill-kredituri jew mill-ħaddiema tal-imprenditur.

Hemm ukoll dispożizzjonijiet li ammonti dovuti permezz ta' pagi, salarji u pagamenti oħrajn relatati ma' mpjiegi jew xogħol, inkluż dawk għal sensji u għal pensjonijiet, u gratifiki li jservu ta' pensjonijiet jew benefiċċji oħrajn ta' rtirar, jistgħu, meta jiġu kkreditati lil kont bankarju jew postali f'isem id-debitur, ikunu soġġetti għal sekwestru għal ammont li jaqbeż bi tliet darbiet il-benefiċċju soċjali, meta l-akkreditar tal-kont iseħħ qabel is-sekwestru; meta l-akkreditar iseħħ fid-data tas-sekwestru jew warajha, dawn l-ammonti jistgħu jiġu soġġetti għal sekwestru fil-limiti stabbiliti fil-paragrafi (3), (4), (5) u (7) u fid-dispożizzjonijiet speċjali tal-Liġi.

Hija r-responsabbiltà tad-debitur li juri li t-talba hija eżenti minn preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Bħala regola ġenerali, id-depożitarju tal-assi soġġetti għal ordni ta' preservazzjoni, jiġifieri bank fil-każ ta' kont bankarju, huwa awtorizzat li jitlob għal kumpens għall-kustodja u l-konservazzjoni tal-assi; il-kumpens huwa stabbilit skont ir-rati fis-seħħ jew dawk normalment applikati, flimkien mar-rimborż tal-ispejjeż dokumentati li huma essenzjali għall-konservazzjoni tal-assi. Dawn l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż imġarrba minħabba n-notifika tad-dikjarazzjoni imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament.

Il-parti responsabbli għall-pagament (provviżorju) hija l-applikant. Il-qorti trid tidentifika l-parti responsabbli fl-aħħar mill-aħħar għall-pagament.

L-għoti ta' informazzjoni dwar kontijiet skont l-Artikolu 14 ma jiġġustifikax l-imposta ta' miżati mill-banek. Il-banek huma mitluba bil-liġi li jaġġornaw l-arkivji li, fl-Italja, huma kkonsultati biex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont l-Artikolu 14 tar-Regolament.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għall-miżati tal-qorti dovuti skont l-Artikolu 42 ta-Regolament (UE) Nru 655/2014, l-ipproċessar u l-infurzar ta' ordni ta' preservazzjoni jinkludu l-pagament tal-imposti għall-estrazzjoni ta' kopji ta' proċedimenti ġudizzjarji u ta' miżati pagabbli lil uffiċċjali tal-qorti għan-notifika ta' dokumenti.

L-imposti għal kopji huma stabbiliti abbażi tat-tabella fl-Anness 7 tad-Digriet Presidenzjali Nru 115 tat-30 ta' Mejju 2012 - "Dispożizzjonijiet ġuridiċi u regolamenti konsolidati rigward l-ispejjeż legali".

Rigward il-miżati pagabbli għan-notifika tad-dokumenti, għandha ssir distinzjoni skont jekk id-dokumenti jiġux notifikati mill-uffiċjal tal-qorti direttament lir-riċevitur jew jekk jiġux notifikati bil-posta. Fl-ewwel każ, irid jitħallas indennizz tal-ivvjaġġar lill-uffiċjal tal-qorti skont l-Artikolu 27 tad-dispożizzjonijiet konsolidati imsemmija hawn fuq, ikkalkulati skont l-Artikolu 35 tagħhom u li jqisu l-parametri aġġornati kull sena skont digriet mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Fit-tieni każ, minflok indennizz, irid isir rimborż tal-ispejjeż tal-konsenja. Fiż-żewġ każijiet - jiġifieri n-notifika personali tar-riċevitur u n-notifika postali - hija dovuta wkoll miżata prevista fl-Artikolu 27 tad-dispożizzjonijiet konsolidati, u kkalkulati abbażi tal-Artikolu 34. Meta n-notifika tkun urġenti, kemm il-miżata kif ukoll l-indennizz jogħlew skont l-Artikolu 36 tad-dispożizzjonijiet konsolidati.

Ara l-Artikoli msemmija hawn fuq u l-Anness 7 tad-Digriet Presidenzjali Nru 115/2014 b'dan il-link.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ma hemm l-ebda klassifika tal-ordnijiet nazzjonali.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti ppreseduta minn imħallef wieħed.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Appell quddiem il-qorti ordinarja, ffurmata minn diversi membri , jiġi awtorizzat kontra sentenza skont l-Artikoli 33, 34 u 35 tar-Regolament. It-terminu perentorju huwa ħmistax-il jum u jibda mal-ħruġ tal-ordni tal-qorti, jew il-komunikazzjoni jew in-notifika tiegħu, jekk qabel.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

(A) Il-miżati tal-qorti biex tinkiseb ordni ta' preservazzjoni jvarjaw skont il-valur tat-talba u l-istanza tal-proċedimenti tal-qorti skont meta tkun intalbet l-ordni ta' preservazzjoni:

(a) għal talbiet sa massimu ta' EUR 1 100 l-ispejjeż huma dawn: EUR 21.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 32.25 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 43 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;

(b) għal talbiet bejn EUR 1 100 u EUR 5 200 l-ispejjeż huma dawn: EUR 49 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 73.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 98 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;

(c) għal talbiet bejn EUR 5 200 u EUR 26 000 l-ispejjeż huma dawn: EUR 118.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 177.75 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 237 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;

(d) għal talbiet bejn EUR 26 000 u EUR 52 000 l-ispejjeż huma dawn: EUR 259 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 388.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 518 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;
(e) għal talbiet bejn EUR 52 000 u EUR 260 000 l-ispejjeż huma dawn: EUR 379.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 569.25 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 759 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;
(f) għal talbiet bejn EUR 260 000 u EUR 520 000 l-ispejjeż huma dawn: EUR 607 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 910.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 1 214 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;
(g) għal talbiet ta' aktar minn EUR 520 000 l-ispejjeż huma dawn: EUR 843 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 1 264.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 1 686 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni;
(h) għal talbiet ta' valur indeterminat l-ispejjeż huma dawn: EUR 259 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 388.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 518 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni; Madankollu, għal każijiet fil-ġuriżdizzjoni esklużiva tal-kummissarju tal-ġustizzja skont l-Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-ispejjeż huma: EUR 118.50 jekk il-proċedimenti tal-qorti jkunu tal-ewwel istanza; EUR 177.75 jekk il-proċedimenti tal-qorti jmorru għal appell; EUR 237 fil-każ ta' appell fil-kassazzjoni.

Apparti l-ispejjeż imsemmija hawn fuq, jekk l-ordni tintalab qabel il-bidu tal-proċedimenti tal-qorti abbażi tal-merti tal-każ, miżata b'rata fissa mħallsa minn qabel ta' EUR 27 għall-ispejjeż tan-notifika tkun pagabbli għal kull proċedura.

(B) Il-miżati tal-qorti għal appell kontra ordni ta' preservazzjoni huma ta' EUR 147 għall-każijiet kollha.

Apparti dawn l-ispejjeż, jekk l-ordni tintalab qabel il-bidu tal-proċedimenti ewlenin tal-qorti, miżata b'rata fissa mħallsa minn qabel ta' EUR 27 għall-ispejjeż tan-notifika tkun pagabbli għal kull proċedura.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu fil-bidu tal-proċedimenti, meta jitressaq l-appell.

### Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti

Jiġu aċċettati biss traduzzjonijiet fil-lingwa Taljana.

L-aħħar aġġornament: 08/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Ċipru

### Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

Il-qrati kompetenti għall-ħruġ tal-ordni ta' preservazzjoni huma l-qrati Distrettwali (*eparchiaká dikastíria*).

**Il-Qorti Distrettwali ta' Nikosija**

Indirizz: Charalambou Mouskou, 1405 Nicosia, Cyprus
Tel.: +357 22865518
Faks: +357 22304212/22805330
Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Il-Qorti Distrettwali ta' Limassol**

Indirizz: Leoforos Lordou Byronos 8, P.O. Box 54619, 3726 Limassol, Cyprus
Tel.: +357 25806100/25806128
Faks: +357 25305311
Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Il-Qorti Distrettwali ta' Larnaca**

Indirizz: Leoforos Artemidos, 6301 Larnaca P.O. Box 40107, Cyprus
Tel.: +357 24802721
Faks: +357 24802800
Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Il-Qorti Distrettwali ta' Paphos**

Indirizz: Corner of Odos Neophytou and Odos Nikou Nikolaidi, 8100 Paphos, P.O. Box 60007, Cyprus
Tel.: +357 26802601
Faks: +357 26306395
Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Il-Qorti Distrettwali ta' Famagusta**

Indirizz: Sotiras 2, Megaro Tzivani, 5286 Paralimni, Cyprus
Tel.: +357 23730950/23742075
Faks: +357 23741904
Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

### Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet

L-awtorità maħtura bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet hija l-Bank Ċentrali.

Dettalji ta' kuntatt:

Indirizz tal-posta:
Central Bank
John Kennedy Avenue 80
1076 Nicosia
Cyprus
jew P.O. Box 25529, 1395 Nicosia
Tel.: +357 22714100
Faks: +357 22714959
Email: cbcinfo@centralbank.gov.cy

### Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

L-informazzjoni hija provduta mill-banek jew istituzzjonijiet ta' kreditu lill-awtorità ta' informazzjoni definita fl-Artikolu 6(2A) tal-Liġijiet tal-2002 tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru, jiġifieri l-Bank Ċentrali ta' Ċipru (l-Artikolu 14(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Appell minn deċiżjoni ta' qorti Distrettwali jista' jitressaq quddiem il-Qorti Suprema.

**Il-Qorti Suprema**

Indirizz: Charalambou Mouskou, 1404 Nicosia, Cyprus

Tel.: +357 22865741

Faks: +357 22304500

Email: chief.reg@sc.judicial.gov.cy

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità kompetenti għat-twettiq tal-preċedenti hija l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni tal-ordni skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 655/2014 hija l-marixxall tal-qorti (*dikastikós epidótis*).

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-kwistjoni tal-preservazzjoni tal-kontijiet konġunti u l-kontijiet ta' mandatarju f'kawżi ċivili u kummerċjali. Parti li tkun tixtieq tippreserva tali kont tressaq ir-rikors xieraq quddiem il-qorti, u hija l-qorti, fl-ambitu tas-setgħat aktar ġenerali tagħha, li tordna — jew li ma tordnax — il-preservazzjoni tal-ammont kollu jew parzjali wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ma hemm l-ebda regola speċifika li tirregola jew teżenta tali ammonti f'kawżi ċivili u kummerċjali, għajr għal ammonti ppreservati abbażi ta' proċedimenti kriminali, li huma eżentati mill-preservazzjoni u mis-sekwestru għall-fini tal-ġbir tat-taxxi skont l-Artikolu 9(B) tal-Liġijiet dwar il-Ġbir tat-Taxxi tal-1962 u l-2014 u l-paragrafu 13 tal-Anness X tal-Liġijiet dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tal-2000 sal-2014.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bbażata fuq il-liġi nazzjonali li tipprojbixxi li jinżammu tali tariffi mill-banek, li jimponuhom fuq id-detenturi tal-kontijiet.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ma hemm l-ebda spiża.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qrati Distrettwali, bħal fl-Artikolu 50(1)(a).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Jista' jitressaq appell minn deċiżjoni ta' qorti Distrettwali quddiem il-Qorti Suprema (l-Artikolu 21) fi żmien 42 jum, kif stipulat fl-Ordni 35(2) tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili. Appell minn deċiżjoni proviżorja jrid isir fi żmien 14-il jum mid-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni proviżorja.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Wieħed jista' jsib l-ispejjeż dettaljati billi jagħfas fuq il-ħolqa segwenti, fil-paġni 19–30.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Apparti l-Grieg, hija aċċettata traduzzjoni bl-Ingliż tad-dokumenti.

L-aħħar aġġornament: 04/03/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Latvja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qorti distrettwali jew tal-belt (*rajona (pilsētas) tiesa*) li t-talba li trid tiġi ggarantita trid tiġi ppreżentata quddiemha, jew il-qorti distrettwali jew tal-belt jew il-qorti reġjonali (*apgabaltiesa*) li l-kawża taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha għall-fini tat-twettiq ta' proċedimenti dwar is-sustanza tagħha.

Meta każ li fih il-konvenut ikun konsumatur jaqa' skont is-sustanza tiegħu fil-ġuriżdizzjoni ta' qorti barranija, talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tiġi ppreżentata lill-qorti distrettwali jew tal-belt li tikkorrispondi għall-post tar-residenza ddikjarat (*deklarētā dzīvesvieta*) jew għall-post tar-residenza (*dzīvesvieta*) tal-konvenut (tal-konsumatur).

Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament, l-attur jista' jippreżenta talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet lil kwalunkwe qorti distrettwali jew tal-belt li tinsab fiż-żona taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti reġjonali li n-nutar iċċertifikat li jkun fassal l-att notarili kkonċernat ikun marbut magħha (il-Kapitolu 3 u l-Artikolu 64423 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (*Civilprocesa likums*)).

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-qorti distrettwali jew tal-belt jew il-qorti reġjonali li t-talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun ġiet ippreżentat lilha, jew il-qorti distrettwali jew tal-belt jekk it-talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun ġiet ippreżentata lil qorti barranija.

Il-lista tal-qrati distrettwali u tal-belt hija disponibbli hawnhekk:

Lura għall-paġna ewlenija

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Biex tikseb informazzjoni dwar il-kont, il-qorti tibgħat talba lill-istituzzjoni ta' kreditu permezz tal-posta elettronika, iffirmata bl-użu ta' firma elettronika sikura, u titlob informazzjoni dwar il-fondi tal-konvenut (il-kontijiet) fl-istituzzjoni ta' kreditu. L-istituzzjoni ta' kreditu tibgħat tweġiba (informazzjoni) lill-qorti mingħajr dewmien, sa mhux aktar tard mit-tielet jum wara li tasal it-talba tal-qorti, bil-posta elettronika, iffirmata permezz ta' firma elettronika sikura, rigward il-fondi tal-konvenut (kontijiet) fl-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata (l-Artikolu 64425 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Appell (ilment anċillari (*blakus sūdzība*)) kontra deċiżjoni tal-qorti li tiċħad, kompletament jew parzjalment, talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, jiġi ppreżentat lill-qorti li tkun adottat id-deċiżjoni, u jkun indirizzat lil:

(1) fil-każ ta' deċiżjoni minn qorti distrettwali jew tal-belt – il-qorti reġjonali korrispondenti;

(2) fil-każ ta' deċiżjoni minn qorti reġjonali – il-Qorti Suprema (*Augstākā tiesa*).

(l-Artikoli 443 u 64430 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

L-indirizzi tal-qrati reġjonali u l-indirizz tal-Qorti Suprema jinsabu hawnhekk:

Lura għall-paġna ewlenija

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 10(2), 23(3), (5) u (6), 25(3), 27(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(3), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(5) tar-Regolament – uffiċjal ġudizzjarju awtorizzat responsabbli għall-eżekuzzjoni fil-każ ikkonċernat, imressaq skont Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (l-Artikoli 549, 64432 u 64433 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament – il-qorti li ż-żona ta' ġuriżdizzjoni tagħha tkopri l-post tar-residenza ddikjarat, il-post tar-residenza, il-post (*atrašanās vieta*) jew l-indirizz irreġistrat (*juridiskā adrese*) tal-konvenut (l-Artikolu 64433 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Uffiċjal ġudizzjarju awtorizzat (*zvērināts tiesu izpildītājs*) (l-Artikoli 549(2) u (23) u 64432 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Informazzjoni dwar il-bailiffs awtorizzati

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Mhux applikabbli.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-ammont tal-flus tad-debitur (tal-persuna fiżika) eżentat mis-sekwestru huwa ugwali għall-paga minima fix-xahar (skont il-paragrafu 3 tal-Anness 1 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili, l-ammont eżentat mis-sekwestru huwa, għad-debitur u għal kull wieħed mill-membri tal-familja jew dipendenti tiegħu, daqs il-paga minima fix-xahar, filwaqt li – f'każijiet fejn il-manteniment jiġi rkuprat għall-appoġġ tat-tfal jew għall-amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-Manteniment – l-ammont eżentat mis-sekwestru huwa, għad-debitur u għal kull wieħed mill-membri tal-familja jew dipendenti tiegħu, 50 % tal-paga minima fix-xahar).

Uffiċjal ġudizzjarju awtorizzat jordna lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tissekwestra l-fondi (kontijiet) tad-debitur fl-ammont iddikjarat fit-titolu eżekuttiv, filwaqt li tqis il-limitu relatat mad-debitur stabbilit fil-paragrafu 3, l-Anness 1 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Il-paga minima ta' kull xahar hija stabbilita mir- Regolament tal-Kabinett Nru 656 tal-24 ta' Novembru 2015 (*Ministru kabineta 2015. gada 24. novembra noteikumi Nr. 656*).

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-banek mhumiex intitolati jimponu tariffi jew rimunerazzjoni direttament fuq il-kreditur jew id-debitur għan-nefqa mġarrba fl-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

In-nefqa tal-eżekuzzjoni tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet taqa' taħt tliet intestaturi f'konformità mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali dwar in-nefqa għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qorti: It-tariffi tal-Istat, ir-rimunerazzjoni professjonali tal-uffiċjal ġudizzjarju, u n-nefqa meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ta' eżekuzzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 34(6) tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili, it-tariffa tal-Istat għas-sottomissjoni ta' titolu eżekuttiv jew dokument ta' eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni hija ta' EUR 3.

Ir-rati għar-rimunerazzjoni ta' uffiċjali ġudizzjarji awtorizzati huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kabinett Nru 451 tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar ir-rati ta' rimunerazzjoni għal uffiċjali ġudizzjarji awtorizzati *(Ministru kabineta 2012.gada 26.jūnija noteikumi Nr.451 „Noteikumi par zvērinātu tiesu izpildītāju amata atlīdzības taksēm")*.

Skont is-subparagrafu 7.3 ta' dan ir-Regolament, ir-rimunerazzjoni għall-garanzija ta' pretensjoni permezz ta' sekwestru ta' fondi minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew terzi jew għas-sostituzzjoni tal-mezzi għall-garanzija ta' pretensjoni hija ta' EUR 86.

L-ammont ta' nefqa meħtieġ għat-twettiq ta' attivitajiet ta' eżekuzzjoni huwa stabbilit fir-Regolament tal-Kabinett Nru 9 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar in-nefqa għat-twettiq ta' attivitajiet ta' eżekuzzjoni (*Ministru kabineta 2014.gada 7.janvāra noteikumi Nr.9 „Noteikumi par izpildu darbību veikšanai nepieciešamajiem izdevumiem"*).

Din in-nefqa tinkludi, pereżempju, spejjeż relatati ma' servizzi postali, kunsinna ta' dokumenti, ir-riċeviment ta' informazzjoni, u servizzi minn banek u istituzzjonijiet oħrajn. L-ammont korrispondenti ta' din in-nefqa huwa għalhekk stabbilit kif xieraq għal kull każ individwali ta' eżekuzzjoni.

It-tariffi għal talba mill-attur għal informazzjoni dwar il-fondi (kontijiet) miżmuma mill-konvenut ma' istituzzjoni ta' kreditu huma stabbiliti fil-paragrafu 25 tar-Regolament tal-Kabinett Nru 20 tal-11 ta' Jannar 2022 dwar il-proċedura għall-kalkolu tan-nefqa relatata mal-eżami ta' kawża (*Ministru kabineta 2022. gada 11.janvāra noteikumi Nr.20 "Ar lietas izskatīšanu saistīto izdevumu aprēķināšanas kārtība"*). Ir-Regolament jipprevedi li l-ispejjeż assoċjati mal-ksib ta' informazzjoni dwar il-fondi tal-konvenut (kontijiet) ma' istituzzjonijiet ta' kreditu jikkonsistu fl-ispejjeż tat-tfassil tat-talba u t-trażmissjoni tagħha lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew, meta jkun xieraq, lil awtorità ta' informazzjoni barranija. Mill-ispejjeż assoċjati ma' kull talba għal informazzjoni dwar il-fondi (kontijiet) miżmuma mill-konvenut ma' istituzzjonijiet ta' kreditu fil-pajjiż ikkonċernat, ikun kopert total ta' EUR 15.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ma tingħata l-ebda klassifikazzjoni lil ordnijiet nazzjonali ekwivalenti.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Meta l-Latvja tkun l-Istat Membru ta' oriġini, il-korp kompetenti jkun il-qorti distrettwali jew tal-belt jew il-qorti reġjonali li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, jew il-qorti distrettwali jew tal-belt jew il-qorti reġjonali li l-kawża taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha għall-fini tat-twettiq ta' proċedimenti dwar is-sustanza tagħha (l-Artikolu 64434 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili);

Meta l-Latvja tkun l-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, il-korp kompetenti jkun il-qorti distrettwali jew tal-belt li fiż-żona ta' ġuriżdizzjoni tagħha tkun qed tiġi eżegwita l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (l-Artikolu 64435 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Appell (ilment anċillari) kontra deċiżjoni tal-qorti skont l-Artikoli 33, 34 u 35 tar-Regolament jiġi ppreżentat lill-qorti li tkun adottat id-deċiżjoni, u jkun indirizzat lil:

(1) fil-każ ta' deċiżjoni minn qorti distrettwali jew tal-belt – il-qorti reġjonali korrispondenti;

(2) fil-każ ta' deċiżjoni minn qorti reġjonali – il-Qorti Suprema.

(l-Artikoli 443, 64434 u 64435 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Ilment anċillari jista' jitressaq fi żmien 10 ijiem mill-jum meta tingħata d-deċiżjoni. L-iskadenza sa meta jrid jiġi ppreżentat ilment anċillari rigward deċiżjoni adottata permezz ta' proċedura bil-miktub tingħadd mill-jum ta' meta tkun inħarġet id-deċiżjoni. Parti f'kawża li tkun intbagħtitilha deċiżjoni tal-qorti skont l-Artikolu 562 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili (jiġifieri persuna li ma tkunx tinsab fil-Latvja jew il-post ta' residenza tagħha ma jkunx fil-Latvja) tista' tippreżenta lment anċillari fi żmien 15-il jum mid-data meta tkun inħarġet it-traskrizzjoni tad-deċiżjoni (l-Artikolu 442 tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Il-lista tal-qrati tinsab hawnhekk:

Lura għall-paġna ewlenija

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Għal talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, it-tariffa tal-Istat pagabbli hija ugwali għal 0.5 % tal-ammont tat-talba, iżda mhux inqas minn EUR 70 (l-Artikolu 34(1)(71)tal-Liġi dwar il-proċedura ċivili).

Talba għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet trid tkun akkumpanjata minn dokument li jiċċertifika l-ħlas tat-tariffa tal-Istat f'konformità mal-proċedura u fl-ammont stabbilit fil-Liġi dwar il-proċedura ċivili.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Fil-Latvja, jiġu aċċettati d-dokumenti bil-Latvjan biss.

L-aħħar aġġornament: 23/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Litwanja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 3118(5) tal-Liġi, għandu jiġi ppreżentat rikors skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament biex tinkiseb Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet lill-qorti distrettwali lokali tal-awtorità li ħarġet l-istrument awtentiku.

Informazzjoni aġġornata dwar il-qrati Litwani u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Skont il-punt 1 tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern Litwan Nru 964 tat-28 ta' Settembru 2016, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament tingħata lill-qorti li tkun qed tikkunsidra r-rikors għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet mill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat fil-Ministeru għall-Finanzi (Vasario 16-osios g. 14, Vilnius; Tel.: +370 5 266 8200; Email: vmi@vmi.lt). Din ir-Riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Jannar 2017.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat fil-Ministeru għall-Finanzi se juża l-metodu biex jikseb informazzjoni dwar il-kontijiet previst fl-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament, jiġifieri jikseb informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miżmuma mid-debitur f'banek li joperaw fil-Litwanja mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tat-Taxxa.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 3122(1), fil-każ imsemmi fl-Artikolu 21(1) jista' jiġi ppreżentat appell separat fil-qorti tal-appell. L-Artikoli 334–339 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan jistabbilixxu l-proċedura għall-preżentazzjoni u l-eżaminazzjoni ta' appell separat. Ma hemm l-ebda dritt ta' appell fil-kassazzjoni kontra sentenzi mogħtija mill-qorti tal-appell wara eżaminazzjoni tal-appell separat.

Informazzjoni aġġornata dwar il-qrati Litwani u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Skont l-Artikolu 3121(3) tal-Liġi, l-irċevuta, it-trażmissjoni u n-notifika tad-dokumenti proċedurali msemmija fl-Artikolu 4(14) tar-Regolament jitwettqu minn bailiff.

Il-lista ta' bailiffs fil-Litwanja tinsab fil-link li ġej: https://www.antstoliurumai.lt/lt/antstoliu-paieska.

Skont l-Artikolu 3123 tal-Liġi, fil-każ deskritt fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament fejn id-debitur ikun domiċiljat fil-Litwanja u l-Litwanja ma tkunx l-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, id-dokumenti proċedurali għandhom jiġu nnotifikati lid-debitur skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 33(2) u (4) tal-Liġi. F'dan il-każ, l-istituzzjoni kompetenti biex tirċievi t-talbiet minn Stati Membri oħra għan-notifika ta' dokumenti hija l-Kamra Litwana tal-Bailiffs (Konstitucijos pr. 15, LT-09319 Vilnius; Tel. + 370 5 275 0067, + 370 5 275 0068; Email info@antstoliurumai.lt). Il-Kamra Litwana tal-Bailiffs torganizza u tikkoordina n-notifika tad-dokumenti u t-trażmissjoni tagħhom għall-eżekuzzjoni mill-bailiffs.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 3121(3) tal-Liġi, l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tiġi eżegwita mill-bailiff. Il-bailiff iwettaq ukoll l-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 24 (4) u l-Artikolu 25(1), (2) u (4).

Il-lista ta' bailiffs fil-Litwanja tinsab fil-link li ġej: https://www.antstoliurumai.lt/lt/antstoliu-paieska.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Ir-regoli ewlenin skont id-dritt nazzjonali:

1. Skont l-Artikolu 667 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, jekk is-sehem tal-proprjetà tad-debitur li hija proprjetà komuni ma' persuni oħra ma jkunx ġie stabbilit, bailiff għandu jissekwestra l-proprjetà komuni u jissuġġerixxi lill-parti li titlob l-eżekuzzjoni, u fejn meħtieġ ukoll lill-persuni f'sjieda komuni, li titressaq petizzjoni quddiem qorti biex jiġi stabbilit is-sehem tad-debitur tal-proprjetà miżmuma f'sjieda komuni ma' persuni oħra. Jekk din il-petizzjoni ma tiġix ippreżentata sal-iskadenza stabbilita mill-bailiff, il-bailiff għandu jtemm l-irkupru minn din il-proprjetà. Tentattiv ġdid ta' rkupru minn din il-proprjetà permezz tal-istess strumenti eżegwibbli jista' jsir mhux aktar kmieni minn sena wara l-jum li fih l-irkupru minn din il-proprjetà jkun intemm. Is-sehem tad-debitur f'sjieda komuni għandu jiġi ddeterminat permezz ta' deċiżjoni tal-qorti. Wara li d-deċiżjoni tal-qorti li tistabbilixxi s-sehem tad-debitur fil-proprjetà komuni ssir *res judicata*, l-irkupru għandu jsir mis-sehem tad-debitur tal-proprjetà. Parti li titlob l-eżekuzzjoni għandha dritt titlob li s-sehem tad-debitur jiġi stabbilit sabiex ikun possibbli li jsir irkupru minnu.
2. Kull darba li jiġi ppreservat kont, isir tentattiv biex jiġi identifikat is-sid tal-fondi fil-kont. Il-kont jista' jiġi ppreservat jekk il-fondi fil-kont jappartjenu lid-debitur.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ir-regoli ewlenin skont id-dritt nazzjonali:

1. Skont l-Artikolu 668 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, l-irkupru ma jistax isir minn ammont ta' flus li ma jaqbiżx il-paga minima għal xahar kif stabbilit mill-Gvern Litwan[1]. Barra minn hekk, l-irkupru ma jistax isir minn fondi riċevuti fil-forma ta' għajnuna finanzjarja tal-UE jew għajnuna finanzjarja internazzjonali oħra jew kofinanzjament għall-implimentazzjoni ta' proġett appoġġat matul l-implimentazzjoni tal-proġett u l-perjodu obbligatorju tal-operat tal-proġett, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-UE jew fil-ftehimiet internazzjonali li tkun daħlet għalihom il-Litwanja. Din il-projbizzjoni ma tapplikax jekk il-fondi jiġu rkuprati fuq talba tal-istituzzjoni li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġett appoġġat minħabba li l-fondi jkunu ntefqu bi ksur tad-dritt tal-UE, tad-dritt Litwan, tal-ftehimiet internazzjonali jew tal-ftehimiet li jagħtu l-fondi.
2. Skont l-Artikolu 738 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, l-irkupru mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għal mard jew qgħad jista' jsir biss f'konformità ma' deċiżjoni tal-qorti dwar l-irkupru ta' pagamenti ta' manteniment jew deċiżjoni tal-qorti dwar il-kumpens għal dannu għas-saħħa permezz ta' mutilazzjoni jew korriment ieħor, jew għat-telf ta' persuna li taqla' l-għajxien.
3. Skont l-Artikolu 739 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, l-irkupru ma jistax isir minn ammonti li jappartjenu lid-debitur fil-forma ta': (1) pagamenti kumpensatorji għat-tkagħbir bl-użu tal-għodod tal-ħaddiem u forom oħra ta' kumpens għal devjazzjonijiet mill-kundizzjonijiet tax-xogħol normali; (2) somom imħallsa lil ħaddiem li jivvjaġġa fuq xogħol uffiċjali, jew ittrasferit, impjegat jew issekondat f'post ieħor; (3) benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-maternità jew tal-

paternità tal-Istat; (4) benefiċċji tat-tfal imħallsa skont il-Liġi Litwana dwar il-Benefiċċji tat-Tfal; (5) allowance tal-funeral; (6) benefiċċji mħallsa skont il-Liġi Litwana dwar il-Benefiċċji tal-Assistenza Soċjali tal-Istat, u benefiċċji soċjali mmirati oħra, allowances jew pagamenti minn baġits tal-Istat jew muniċipali għal familji b'introjtu baxx u appoġġ soċjali għall-individwi; (7) benefiċċji tar-ridondanza.

---

[1] Mill-1 ta' Jannar 2016, il-paga minima fix-xahar hija EUR 350.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-banek mhumiex intitolati li jimponu tariffi – l-azzjonijiet ta' eżekuzzjoni jitwettqu mill-bailiffs.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ir-regoli ewlenin skont id-dritt nazzjonali:

1. Skont l-Artikolu 609 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, l-ispejjeż ta' eżekuzzjoni mġarrba mill-bailiffs jikkonsistu: (1) fl-ispejjeż amministrattivi assoċjati ma' proċedimenti ta' eżekuzzjoni li huma meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet essenzjali għal kwalunkwe proċediment ta' eżekuzzjoni; (2) fl-ispejjeż amministrattivi addizzjonali assoċjati ma' proċedimenti ta' eżekuzzjoni mġarrba fit-twettiq ta' attivitajiet oħra f'każ speċifiku ta' eżekuzzjoni; (3) fit-tariffa tal-bailiff għall-eżekuzzjoni ta' dokumenti statutorji ta' eżekuzzjoni. L-ammont tal-ispejjeż tal-eżekuzzjoni u l-proċedura għall-kalkolu u l-pagamenti tagħhom huma stabbiliti fl-Istruzzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet adottati bl-Ordni Nru 1R-352 tal-Ministru għall-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2005 (minn hawn 'il quddiem "l-Istruzzjonijiet") (verżjoni introdotta bl-Ordni Nru 1R-265 tal-14 ta' Novembru 2011).

Il-Punt 123 tal-Istruzzjonijiet jistipula li l-eżekuzzjoni tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet għandha tinkludi l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni msemmija fil-punt 7 tat-tabella 2 tal-Istruzzjonijiet, kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fit-twettiq tal-azzjonijiet individwali fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

Struzzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet.

2. Skont il-punt 5 tal-proċedura għat-tassazzjoni tan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali adottata permezz tad-Digriet Nru 1R-16 tal-Ministru għall-Ġustizzja tal-20 ta' Jannar 2016 (verżjoni introdotta permezz tad-Digriet Nru 1R-312 tad-9 ta' Diċembru 2016), it-tariffa għan-notifika ta' dokumenti fil-Litwanja hija EUR 110 jekk in-notifika tad-dokumenti u t-trażmissjoni tagħhom għall-eżekuzzjoni mill-bailiffs tkun organizzata u kkoordinata mill-Kamra Litwana tal-Bailiffs.

Deskrizzjoni tal-proċedura għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji riċevuti minn barra l-pajjiż f'materji ċivili jew kummerċjali u għat-tassazzjoni ta' din in-notifika.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ir-regoli ewlenin skont id-dritt nazzjonali:

1. Skont l-Artikolu 626(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, l-irkupru mill-proprjetà ma jiġix sospiż jekk il-proprjetà tkun issekwestrata jew id-drittijiet tas-sjieda tal-proprjetà jkunu temporanjament ristretti biex jiggarantixxu l-pretensjonijiet tal-kredituri ta' prijorità ugwali jew ogħla. F'dan il-każ, l-irkupru mill-proprjetà jew mill-fondi ssekwestrati jsir skont il-proċedura stabbilita fl-Istruzzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet.

2. Skont l-Artikolu 754 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, ma hemm l-ebda prijorità speċifika għas-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tal-fornituri tas-self u tad-detenturi ta' pleġġ mill-proprjetà bi pleġġ. L-ewwel prijorità tingħata għas-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet għall-irkupru ta' manteniment u talbiet għal kumpens għal danni li jirriżultaw minn mutilazzjoni jew korriment ieħor u għal danni li jirriżultaw mit-telf ta' persuna li taqla' l-għajxien. It-tieni prijorità tingħata lis-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tal-impjegati li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjieg. Is-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet l-oħra kollha jieħu t-tielet prijorità. Jekk l-ammont irkuprat ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa b'mod sħiħ il-pretensjonijiet kollha ta' prijorità partikolari, il-pretensjonijiet jiġu ssodisfati proporzjonalment għall-ammont dovut lil kull parti li tkun qed titlob l-irkupru.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Skont l-Artikolu 3122 tal-Liġi, rikors għar-rimedji legali msemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament li japplikaw fl-Istat Membru tal-oriġini għandu jiġi ppreżentat lill-qorti li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.

Rikors għar-rimedji legali msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (ħlief għall-Artikolu 34(1)(a)) li japplikaw fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat lill-qorti distrettwali lokali tal-uffiċċju tal-bailiff li jkun qed jeżegwixxi jew li jkun eżegwixxa l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.

Rikors għar-rimedju legali msemmi fl-Artikolu 34(1)(a) tar-Regolament li japplika fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat lill-bailiff li jkun qed jeżegwixxi jew li jkun eżegwixxa l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.

Informazzjoni aġġornata dwar il-qrati Litwani u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili. Il-lista ta' bailiffs fil-Litwanja tinsab fil-link li ġej: https://www.antstoliurumai.lt/lt/antstoliu-paieska.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Skont l-Artikolu 3122 tal-Liġi, jista' jiġi ppreżentat appell separat kontra deċiżjoni tal-qorti dwar ir-rimedji legali msemmija fl-Artikoli 33 u 35 tar-Regolament li japplikaw fl-Istat Membru tal-oriġini u r-rimedji legali msemmija fl-Artikolu 34 u 35 tar-Regolament (ħlief għall-Artikolu 34(1)(a) u l-Artikolu 35(3)) li japplikaw fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni. Skont l-Artikolu 335(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, iridu jiġu ppreżentati appelli separati fil-qorti tal-appell permezz tal-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi appellata fi żmien sebat ijiem mill-jum li fih tkun ingħatat id-deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni tal-qorti li tkun qed tiġi appellata tkun ingħatat permezz ta' proċedura bil-miktub, jista' jiġi ppreżentat appell separat fi żmien sebat ijiem mill-jum li fih tkun ġiet innotifikata l-kopja tad-deċiżjoni. Ma hemm l-ebda dritt ta' appell fil-kassazzjoni kontra sentenzi mogħtija mill-qorti tal-appell wara eżaminazzjoni tal-appell separat.

Appell kontra l-azzjonijiet tal-bailiff dwar ir-rimedji legali msemmija fl-Artikolu 34(1)(a) u l-Artikolu 35(3) li japplikaw fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni jista' jiġi ppreżentat fil-qorti distrettwali lokali tal-uffiċċju tal-bailiff. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 593(1) sa (4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan japplikaw *mutatis mutandis* għall-preżentazzjoni u l-eżaminazzjoni ta' dan l-appell. Ma hemm l-ebda skadenza għas-sottomissjoni ta' appell u ma hemm l-ebda dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni tal-qorti dwar l-azzjonijiet tal-bailiff.

Informazzjoni aġġornata dwar il-qrati Litwani u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Skont l-Artikolu 3119 tal-Liġi, tariffa tal-qorti hija pagabbli meta jsir rikors lill-qorti biex tinkiseb Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet jew ir-rimedji legali stabbiliti fil-Kapitolu 4 tar-Regolament. It-tariffa tikkorrispondi għat-tariffa tal-qorti għal rikors għal miżuri provviżorji jew għal appell separat kontra deċiżjoni dwar miżuri provviżorji, jekk ikun hemm.

Il-liġi Litwana attwali ma tispeċifikax tariffa tal-qorti pagabbli għal rikorsi għal miżuri provviżorji. Skont l-Artikolu 80(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Litwan, għandha titħallas tariffa tal-qorti ta' EUR 28 għal appell separat kontra deċiżjoni dwar miżuri provviżorji.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Il-lingwa aċċettata għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti hija l-Litwan.

L-aħħar aġġornament: 11/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew

kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Lussemburgu

### Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

(1) Għal talbiet ta' inqas minn jew daqs EUR 15 000, il-kummissarju tal-ġustizzja (*juge de paix*) għandu l-ġuriżdizzjoni:

Justice de paix – Luxembourg
Cité Judiciaire, Bâtiment JP, Plateau du Saint-Esprit,
L-2080 Luxembourg

Justice de paix – Esch-sur-Alzette
Place Norbert Metz,
L-4006 Esch-sur-Alzette

Justice de paix – Diekirch
Bei der Aaler Kiirch,
L-9201 Diekirch

(2) Għal talbiet ta' aktar minn EUR 15 000, il-President tal-qorti distrettwali (*Président du tribunal d'arrondissement*) għandu l-ġuriżdizzjoni:

Tribunal d'arrondissement – Luxembourg
Cité Judiciaire, Bâtiment TL, CO, JT,
Plateau du Saint-Esprit,
L-2080 Luxembourg

Tribunal d'arrondissement – Diekirch
Palais de Justice,
Place Guillaume,
L-9237 Diekirch

### Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet

L-awtorità kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet hija l-Kummissjoni Superviżorja għas-Settur Finanzjarju (*Commission de Surveillance du Secteur Financier*).

Commission de Surveillance du Secteur Financier
283, route d'Arlon,
L-1150 Luxembourg
Tel. +352 26251 - 1
Faks: +352 26251 - 2601
Posta elettronika: **direction@cssf.lu**

### Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

Il-metodu għall-kisba ta' informazzjoni dwar il-kontijiet huwa stabbilit fl-Artikolu 14(5)(a), jiġifieri:

"*obbligu fuq il-banek kollha fit-territorju tiegħu li jiżvelaw, fuq talba mill-awtorità tal-informazzjoni, jekk id-debitur għandux xi kont magħhom.*"

### Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

- Il-President tal-qorti distrettwali jew l-imħallef li jissostitwih, li jippresjedi bħal fi proċedimenti b'urġenza (*siégeant comme en matière de référé*), għandu l-ġuriżdizzjoni li jisma' appelli kontra deċiżjonijiet tal-kummissarju tal-ġustizzja:

Tribunal d'arrondissement – Luxembourg
Cité Judiciaire, Bâtiment TL, CO, JT,
Plateau du Saint-Esprit,
L-2080 Luxembourg

Tribunal d'arrondissement – Diekirch
Palais de Justice,
Place Guillaume,
L-9237 Diekirch

- Il-qorti tal-appell (*Cour d'appel*), li tippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti, għandha l-ġuriżdizzjoni li tisma' appelli kontra deċiżjonijiet tal-President tal-qorti distrettwali:

Cour d'appel
Cité Judiciaire, Bâtiment CR,
Plateau du Saint-Esprit,
L-2080 Luxembourg

### Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra

L-uffiċjali ġudizzjarji (*huissiers de justice*) huma l-awtorità kompetenti.

Tista' tfittex għal uffiċjal ġudizzjarju fuq dan is-sit: L-Assoċjazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji tal-Lussemburgu (*Chambre des huissiers de justice de Luxembourg*).

### Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

L-uffiċjali ġudizzjarji huma l-awtorità kompetenti.

### Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati

Kont konġunt (*compte joint*) jista', fil-prinċipju, ikun soġġett għal sekwestru kawtelatorju (*saisie conservatoire*) skont il-liġi tal-Lussemburgu.

Il-kontijiet konġunti joperaw skont il-prinċipju li jirregola l-krendituri *in solidum* (*solidarité active*).

Japplikaw l-Artikolu 693 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid (*Nouveau Code de Procédure Civile*) u l-Artikolu 1197 tal-Kodiċi Ċivili (*Code Civil*).

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid u tal-Kodiċi Ċivili huma disponibbli fuq is-sit web LEGILUX .

Kont ta' mandatarju (*compte de mandataire*) huwa, fil-prinċipju, ineliġibbli għal qbid kawtelatorju skont il-liġi tal-Lussemburgu. S'issa għad ma hemm l-ebda regola speċifika f'dan l-qasam.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-Artikolu 717 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid jispeċifika li:

"*Dawn li ġejjin ma humiex eliġibbli għall-qbid:*

*(1) oġġetti ddikjarati bil-liġi bħala ineliġibbli għall-qbid;*

*(2) pagamenti ta' manteniment (provisions alimentaires) mogħtija minn qorti;*

*(3) somom u oġġetti disponibbli ddikjarati bħala ineliġibbli għall-qbid minn testatur (testateur) jew donatur (donateur);*

*(4) somom u allowances għall-manteniment (sommes et pensions pour aliments), anke meta testment (testament) jew skrittura ta' donazzjoni (acte de donation) ma tiddikjarahomx bħala ineliġibbli għall-qbid.*"

Fir-rigward ta' "(1) oġġetti ddikjarati mil-liġi bħala ineliġibbli għall-qbid", japplikaw l-Artikolu 33 tal-Liġi emendata tat-28 ta' Lulju 2018 dwar l-introjtu għall-inklużjoni soċjali (*loi modifiée du 28 juillet 2018 relative au revenu d'inclusion sociale*) u r-regolament Gran Dukali tas-27 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi r-rati għall-assenjazzjoni u s-sekwestru ta' salarji, pensjonijiet u annwalitajiet (*règlement grand-ducal du 27 septembre 2016 fixant les taux de cessibilité et de saisissabilité des rémunérations de travail, pensions et rentes*).

Dawn l-ammonti jiġu eżentati mingħajr ebda talba mid-debitur.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Fil-prinċipju, bank jista' jnaqqas mill-ammont sekwestrat il-kostijiet li kellu jġarrab sabiex jissodisfa l-obbligi legali relatati mas-sekwestru kawtelatorju.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ir-rati tal-uffiċjali ġudizzjarji huma stabbiliti fil-Liġi emendata tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar l-organizzazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji (*loi modifiée du 4 décembre 1990 portant organisation du service des huissiers de justice*) u bir-regolament Gran Dukali emendat tal-24 ta' Jannar 1991 li jistabbilixxi r-rati għall-uffiċjali ġudizzjarji*( règlement grand-ducal modifié du 24 janvier 1991 portant fixation du tarif des huissiers de justice*).

Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma disponibbli fuq is-sit web LEGILUX:

- Il-Liġi emendata tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar l-organizzazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji:

https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/loi/1990/12/04/n3/jo

- Ir-Regolament Gran Dukali tal-24 ta' Jannar 1991 li jistabbilixxi r-rati għall-uffiċjali ġudizzjarji:

https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/1991/01/24/n2/consolide/20211002

Il-verżjoni kkonsolidata ġiet aġġornata fit-2 ta' Ottubru 2021. L-Artikolu 16 tar-regolament Gran Dukali emendat tal-24 ta' Jannar 1991 ġie emendat permezz tar-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Ġunju 2023. https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/2023/06/21/a356/jo.

Rata fissa u unika ta' EUR 165 hija imposta għan-notifika ta' dokumenti ekstraġudizzjarji u ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni).

Tariffi u remunerazzjoni:

Japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Marzu 1974 dwar it-tariffi u r-remunerazzjoni pagabbli lill-prokuraturi u lill-avukati ( *règlement grand-ducal modifié du 21 mars 1974 concernant les droits et émoluments alloués aux avoués et aux avocats*).

Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma disponibbli fuq is-sit web LEGILUX:

Ir-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Marzu 1974 dwar it-tariffi u r-remunerazzjoni pagabbli lill-prokuraturi u lill-avukati - Legilux (public.lu)

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Mhux applikabbli.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

- L-Artikolu 33 (appell kontra d-digriet innifsu)

Il-qorti bil-ġuriżdizzjoni li tilqa' appell hija:

- jew il-kummissarju għall-ġustizzja, li jippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti
- jew il-President tal-qorti distrettwali jew l-imħallef li jissostitwih, li jippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti (ara l-Artikolu 50(1)(a))

- L-Artikolu 34 (appell kontra l-eżekuzzjoni tad-digriet)

- jew il-kummissarju għall-ġustizzja, li jippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti
- jew il-President tal-qorti distrettwali jew l-imħallef li jissostitwih, li jippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti

Japplikaw ir-regoli tal-ġuriżdizzjoni *ratione valoris* fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid. Dawn jikkorrispondu għar-regoli tal-ġuriżdizzjoni *ratione valoris* stabbiliti taħt l-intestatura dwar l-Artikolu 50(1)(a), hawn fuq.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

- Il-President tal-qorti distrettwali jew l-imħallef li jissostitwih, li jippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti, għandu l-ġuriżdizzjoni li jisma' appelli kontra deċiżjonijiet tal-kummissarju tal-ġustizzja.
- Il-qorti tal-appell, li tippresjedi bħal fi proċedimenti urġenti, għandha l-ġuriżdizzjoni li tisma' appelli kontra deċiżjonijiet tal-President tal-qorti distrettwali.
- Limitu ta' żmien: 15-il jum.
- Bidu tal-limitu ta' żmien: id-data meta ssir in-notifika.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Fil-Lussemburgu, it-tariffi tal-qorti jissejħu "tariffi u spejjeż" (*frais et dépens*).

Skont il-ġurisprudenza, l-"ispejjeż" imsemmija fl-Artikolu 238 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid fil-prinċipju jinkludu l-ispejjeż tal-avukati, it-tariffi tal-uffiċjali ġudizzjarji, it-tariffi tal-periti, kwalunkwe benefiċċji mħallsa lix-xhieda, l-ispejjeż tat-traduzzjonijiet, eċċ., iżda mhux it-tariffi tal-avukati. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid huwa disponibbli fuq is-sit web LEGILUX.

http://legilux.public.lu/eli/etat/leg/code/procedure_civile

Tariffi tal-uffiċjali ġudizzjarji:

Ir-rati tal-uffiċjali ġudizzjarji huma stabbiliti fil-Liġi emendata tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar l-organizzazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji u r-regolament emendat Gran Dukali tal-24 ta' Jannar 1991 li jistabbilixxi r-rati għall-uffiċjali ġudizzjarji.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma disponibbli fuq is-sit web LEGILUX:

- Il-Liġi emendata tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar l-organizzazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji:

http://legilux.public.lu/eli/etat/leg/loi/1990/12/04/n3/jo

- Ir-Regolament Gran Dukali emendat tal-24 ta' Jannar 1991 li jistabbilixxi r-rati għall-uffiċjali ġudizzjarji:
https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/1991/01/24/n2/consolide/20211002
Il-verżjoni kkonsolidata ġiet aġġornata fit-2 ta' Ottubru 2021. L-Artikolu 16 tar-regolament Gran Dukali emendat tal-24 ta' Jannar 1991 ġie emendat permezz tar-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Ġunju 2023: https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/2023/06/21/a356/jo.
L-Artikolu 16 tal-Liġi emendata tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar l-organizzazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji jipprovdi l-metodu tar-remunerazzjoni u jiddikjara li d-dettalji relevanti għandhom jiġu ddeterminati mir-regolament Gran Dukali:
"*Is-servizzi tal-uffiċjali ġudizzjarji għandhom jiġu rremunerati jew b'rata fissa jew inkella fis-siegħa.*
*Regolament Gran Dukali jistabbilixxi r-rata għas-servizzi u t-tul taż-żmien u r-rata fis-siegħa li trid titħallas.*
*Il-qorti distrettwali, l-awla ċivili, għandha tiddeċiedi dwar it-tassazzjoni tat-tariffi u l-ispejjeż f'każ ta' tilwima.*"
Ir-regolament Gran Dukali tal-24 ta' Jannar 1991 li jistabbilixxi r-rati għall-uffiċjali ġudizzjarji ġie emendat bosta drabi.
Il-verżjoni kkonsolidata tar-regolament Gran Dukali tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web LEGILUX:
https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/1991/01/24/n2/consolide/20211002
Il-verżjoni kkonsolidata ġiet aġġornata fit-2 ta' Ottubru 2021. L-Artikolu 16 tar-regolament Gran Dukali emendat tal-24 ta' Jannar 1991 ġie emendat permezz tar-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Ġunju 2023. https://legilux.public.lu/eli/etat/leg/rgd/2023/06/21/a356/jo
Il-verżjoni kkonsolidata ġiet aġġornata fit-2 ta' Ottubru 2021.
Ir-regolament Gran Dukali msemmi hawn fuq jistabbilixxi t-tariffi imposti mill-uffiċjali ġudizzjarji. Dawn jinkludu r-rata bażika (l-Artikoli 2-5), l-ispejjeż tal-ivvjaġġar (l-Artikoli 6 u 7), ħlasijiet oħrajn bħall-imposta tal-ġbir jew l-imposta bil-quddiem (l-Artikoli 8 sa 11), l-ispejjeż attwalment imġarrba (l-Artikoli 12 u 13) u żidiet fir-rati fissi u fis-siegħa (l-Artikolu 15).
L-ispiża medja tan-notifika ta' dokument hija ta' EUR 120-180 għal kull destinatarju, inklużi t-taxxi kollha, ħlief jekk in-notifika tkun tinvolvi diffikultajiet serji jew jekk id-dokument ikun kbir ħafna.
Rata fissa u unika ta' EUR 165 hija imposta għan-notifika ta' dokumenti ekstraġudizzjarji u ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni) (l-Artikolu 16 tar-Regolament Gran Dukali tal-24 ta' Jannar 1991).
Spejjeż tal-avukati:
Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Gran Dukali tal-21 ta' Marzu 1974 dwar it-tariffi u r-remunerazzjoni pagabbli lill-prokuraturi u lill-avukati.
Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma disponibbli fuq is-sit web LEGILUX:
Ir-regolament Gran Dukali tal-21 ta' Marzu 1974 dwar it-tariffi u r-remunerazzjoni pagabbli lill-prokuraturi u lill-avukati - Legilux (public.lu)
Fir-rigward tal-allowances li jridu jitħallsu lill-periti, xhieda, interpreti u speċjalisti:
id-dispożizzjonijiet tar-regolament Gran Dukali dwar tariffi tal-qorti tat-28 ta' Novembru 2009 (*règlement grand-ducal du 28 novembre 2009 portant fixation des indemnités et tarifs en cas de réquisition de justice*) huma applikabbli u jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web LEGILUX:
- Ir-Regolament Gran Dukali dwar it-tariffi tal-qorti tat-28 ta' Novembru 2009 - Legilux (public.lu)
Dan ir-regolament ġie emendat bir-Regolament Gran Dukali tat-30 ta' Diċembru 2011:
- Ir-Regolament Gran Dukali tat-30 ta' Diċembru 2011 li jemenda: (1) ir-Regolament Gran Dukali tat-28 ta' Novembru 2009 dwar it-tariffi tal-qorti; u (2) ir-Regolament Gran Dukali emendat tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-għajnuna legali *(Règlement grand-ducal du 30 décembre 2011 modifiant : 1) le règlement grand-ducal du 28 novembre 2009 portant fixation des indemnités et tarifs en cas de réquisition de justice; 2) le règlement grand-ducal modifié du 18 septembre 1995 concernant l'assistance judiciaire)* - Legilux (public.lu)

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Il-lingwi aċċettati huma l-Franċiż u l-Ġermaniż.

L-aħħar aġġornament: 12/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Malta

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili
Numru tat-telefon +356 2590 2256; Email courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT2000, Malta

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorita' nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet hija r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Trubunali
Numru tat-telefon +356 2590 2346/260; Email: courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT2000, Malta

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Skont il-liġi nazzjonali, il-metodu indikat fl-Artikolu 14(5)(c) huwa disponibbli - jiġifieri il-possibilta' li l-qrati jobbligaw lid-debitur li jiżvela ma' liema bank jew banek fit-territorju tiegħu huwa jkollu kont wieħed jew aktar fejn tali obbligu huwa akkumpanjat minn ordni in personam mill-qorti li tipprojbixxi l-użu, il-ġbid jew it-trasferiment minnu tal-fondi miżmumin fil-kont jew il-kontijiet tiegħu sal-ammont ippreservat mill-Ordni ta' Preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti li quddiemha jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet hija l-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha.
Numru tat-telefon: +356 2590 2256/283
Email: courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT2000, Malta

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-Awtorita' nominata bħala kompetenti biex tirċievi, titrażmetti jew isservi l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra hija l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat:
Numru tat-telefon: +356 22265000; Email: info@stateadvocate.mt
Indirizz: Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, Casa Scaglia, 16, Triq M.A. Vassalli, Valletta, VLT1311, Malta

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-Awtorita' kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili
Numru tat-telefon: +356 2590 2256; Email courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT2000, Malta

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Skont il-liġi nazzjonali, il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju ma jiġux preservati

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Bħala regola ġenerali, skont l-Artikolu 381(1) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jistax jinħareġ mandat ta' sekwestru fuq is-segwenti, mingħajr bżonn li jkun hemm talba għal daqshekk mid-debitur:
(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, *allowances*, overtime u ħlasijiet oħra)
(b) benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jew pensjoni jew *allowance* oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern
(ċ) dak li wieħed jirċievi bħala karita' jew bħala donazzjoni mingħand il-Gvern
(d) il-legati mħollija espressament għall-manteniment, meta d-debitur ma jkollux mezzi oħra biex jgħix u l-kreditu stess ma jkunx dwar manteniment
(e) flus li għandhom jingħataw taħt titolu ta' manteniment sew jekk *officio judicis* kemm jekk b'kuntratt pubbliku, meta l-kreditu stess ma jkunx għall-manteniment
(f) fuq flus li jkunu tqiegħdu għad-disposizzjoni tas-sekwestrat b'kuntratt ta' self għall-bini, kostruzzjoni u manteniment ta' djar intenzjonati għall-abitazzjoni tas-sekwestrat
(ġ) fuq faċilitajiet bankarji ta' *overdraft* esklużi l-*credit cards* li jkunu qed joperaw bihom azjendi kummerċjali mmexxija mis-sekwestrat
(ħ) fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Skont il-liġi nazzjonali, il-banek m'humiex intitolati li jimponu tariffi. Hemm tariffa legali relatata mad-depożitu ta' flus fil-qorti. Iżda din it-tariffa legali hija imposta fuq kull min ġie mitlub li jiddepożita flus fil-qorti li jappartjenu lid-debitur u fuq min effettivament jiddepożita dawn il-flus. Dan l-ammont jiġi mnaqqas mill-ammont totali ta' flus depożitati l-qorti, liema ammont irid jagħmel tajjeb għalih il-kreditur.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi t-tariffa għall-ipproċessar tal-mandat ta' sekwestru li hija Ewro 50. Dwar l-eżekuzzjoni, it-tariffa hija ta' Ewro 7 għal kull notifika meħtieġa u Ewro 0.35 għal kull kopja jekk din tkun neċessarja.
Dawn it-tariffi għandhom jitħallsu dakinhar li jiġi ppreżentat l-att.
Dawn huma t-tariffi li għandhom jitħallsu lill-Qorti biex jiġi ppreżentat u pproċessat l-att in kwistjoni. Għandu jiġi nnutat li dawn it-tariffi ma jinkludux l-ispejjeż dovuti lill-avukati u lill-prokuraturi legali.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Gradazzjoni ta' mandati ta' sekwestri hija magħmula fuq bażi ta' liema mandat ġie ppreżentat l-ewwel . Kif il-banek jiġu notifikati bil-mandat ta-sekwestru huma jiddepożitaw l-ammont (jekk ikun hemm flus disponibbli) indikati f'dak il-mandat partikolari fil-qortiqabel ma jgħaddu biex jiddepożitaw ammont ta' flus sussegwenti indikat f'mandat ta' sekwestru li jiġu notifikati bih akar tard. Dwar l-eventwali żbank tal-ammont depożitat fil-qorti mill-kreditur, jekk jirriżulta li hemm konkors ta' krediti, qabel ma jiġu żbankati l-flus, isir konkors ta' kredituri mill-qorti fuq talba tal-kredituri innifishom. Dan isir skont l-Artikolu 416 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-Qorti ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili
Numru tat-telefon: +356 2590 2256
Email: courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT2000, Malta

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Rigward Ordni ta' Preservazzjoni wara att eżekuttiv, il-qorti li quddiemha għandu jiġi ppreżentat appell hija l-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha. Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi ppreżentat dan l-appell huwa ta' sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ u dan skont l-Artikolu 281(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).
Dettalji dwar il-Qorti tal-Appell:
Numru tat-telefon: +356 2590 2256/283
Email: courts.csa@courtservices.mt
Indirizz: Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 2000, Malta

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

(a) It-tariffa għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru: Ewro 50 + Ewro 7 għal kull notifika + Ewro 0.35 għal kull kopja jekk din tkun neċessarja.
(b) Rikors ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jitlob il-ħruġ ta' kontro mandat: Ewro 40 +Ewro 7.20 għal kull notifika.
(c) Kontro mandat: Ewro 20 + Ewro 7 għal kull notifika + Ewro 0.35 għal kull kopja jekk din tkun neċessarja.
Rigward rikors għal rimedju wara ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni it-tariffa hija ta' Ewro 20 għar-rikors u Ewro 7.20 għal kull notifika.
Dawn it-tariffi għandhom jitħallsu dakinhar li jiġi ppreżentat l-att.
Dawn huma t-tariffi li għandhom jitħallsu lill-Qorti biex jiġi ppreżentat l-att ġudizzjarju in kwistjoni. Għandu jiġi nnutat li dawn it-tariffi ma jinkludux spejjeż dovuti lill-avukati u lill-prokuraturi legali.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Malta taċċetta biss il-Malti u l-Ingliż

L-aħħar aġġornament: 25/03/2023
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Awstrija

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna (*Bezirksgericht Innere Stadt Wien*) hija kompetenti biex toħroġ Ordnijiet Ewropej ta' Preservazzjoni tal-Kontijiet, li għalihom sar ir-rikors qabel ma jibdew il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, għal talbiet speċifikati fi strument awtentiku skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament dwar il-Preservazzjoni tal-Kontijiet Ewropej.

F'każijiet oħra, il-kompetenza hija f'idejn il-qorti li quddiemha għandu jingħata mandat ta' eżekuzzjoni li fir-rigward tiegħu għandha tinħareġ Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, li tkun pendenti fiż-żmien tal-ewwel rikors.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Meta l-proċedimenti għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ikunu pendenti barra l-Awstrija, l-awtorità kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kont fl-Awstrija hija l-Qorti Distrettwali b'ġuriżdizzjoni għad-distrett fejn id-debitur ikollu r-residenza (*Wohnsitz*) jew ir-residenza abitwali tiegħu jew tagħha (*gewöhnlicher Aufenthalt*).

Jekk id-debitur ma jkollux residenza jew residenza abitwali fl-Awstrija, l-awtorità kompetenti tkun il-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna (ara hawn fuq taħt l-Artikolu 50(1)(a)). Id-dettalji ta' kuntatt għall-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna jistgħu jinsabu hawnhekk:

Jekk il-proċedimenti għall-ħruġ ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ikunu pendenti quddiem qorti fl-Awstrija, dik il-qorti hija wkoll kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kont.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-obbligu huwa akkumpanjat minn ordni *in personam* mill-qorti. L-ordni tal-qorti trid tobbliga lid-debitur jiddikjara l-kontijiet bankarji domestiċi kollha. Din trid tipprojbixxi id-disponiment mid-debitur ta' fondi miżmuma f'kontijiet bankarji domestiċi koperti mill-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, sal-ammont li għandu jiġi ppreservat taħt l-Ordni. L-ordni tal-qorti trid tagħti struzzjonijiet lid-debitur biex jikkanċella d-debiti diretti u l-ordnijiet permanenti kollha li fuq il-bażi tagħhom jiġu ddebitati l-fondi mill-kont li jrid jiġi ppreservat, inkwantu dawn jippreġudikaw ir-rekuprabilità tal-ammont li għandu jiġi ppreservat mill-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u ma jistax jiġi mħallas minn ammonti li mhumiex soġġetti għall-preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Id-deċiżjonijiet dwar kwalunkwe kontestazzjoni legali jridu jittieħdu mill-qorti li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Ir-rikorsi għal dawn ir-rimedji jridu jitressqu quddiem dik il-qorti (ara hawn fuq skont l-Artikolu 50(1)(a)).

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(2): L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni hija l-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna Interna ta' Vjenna.

Artikolu 23(3): Jekk l-Awstrija hija biss l-Istat Membru tal-infurzar, il-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna hija l-awtorità kompetenti li lilha għandhom jiġu trażmessi d-dokumenti.

Jekk l-ordni tinħareġ fl-Awstrija, il-kompetenza għat-trażmissjoni hija tal-qorti emittenti. Il-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna hija kompetenti biex toħroġ Ordnijiet Ewropej tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet li jiġu applikati qabel ma jinbdew il-proċedimenti dwar il-mertu jew inkella wara li jiġu konklużi b' sentenza finali iżda qabel ma jibda l-infurzar. F'każijiet oħra, il-kompetenza hija f'idejn il-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*) jew qorti reġjonali (*Landesgericht*) li quddiemha l-proċedimenti dwar il-mertu jew il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni li fir-rigward tagħhom għandha tinħareġ Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, huma pendenti fiż-żmien tal-ewwel rikors.

l-Artikolu 23(5) u (6) u l-Artikolu 27(2): Jekk l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ġiet maħruġa fl-Awstrija, l-awtorità kompetenti għall-infurzar hija l-qorti emittenti. (Il-qorti emittenti: ara t-tweġiba għall-Artikolu 23(3))

Jekk l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ma nħarġitx fl-Awstrija, il-kompetenza għall-infurzar hija tal-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna.

Artikolu 25(3): F'dan il-każ, id-dikjarazzjoni trid tiġi trażmessa lill-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna.

Artikolu 28(3): F'dan il-każ, id-dokumenti jridu jiġu trażmessi lill-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna.

Artikolu 36(5): F'dan il-każ, id-deċiżjoni trid tiġi trażmessa lill-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Jekk l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tinħareġ fl-Awstrija nnifisha, il-qorti emittenti hija responsabbli wkoll għall-infurzar.

Jekk l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet nħareġ fi Stat Membru ieħor, il-kompetenza għall-infurzar hija tal-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Jekk hemm aktar minn detentur ta' kont wieħed u kull wieħed minnhom għandu d-dritt li juża l-kont individwalment, bħal fil-każ ta' *Oder-Konto* (kont konġunt li d-detenturi tiegħu jistgħu jiddisponu minnu b'mod individwali), il-pretensjoni tista' tibqa' tiġi ppreservata b'mod effettiv anki jekk l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun inħarġet kontra wieħed mid-detenturi tal-kontijiet biss, minħabba li d-debitur huwa intitolat li jħallas id-dejn minn flusu biss.

Jekk il-kunsens tad-detenturi kollha tal-kont huwa meħtieġ biex titwettaq kwalunkwe tranżazzjoni, madankollu, bħal fil-każ ta' "*Und-Konto*" (fejn il-partijiet kollha jridu jiffirmaw), il-preservazzjoni hija possibbiltà biss jekk l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tkun inħarġet kontra d-detenturi kollha ta' kont (eż. meta jkun hemm responsabbiltà konġunta tad-detenturi tal-kontijiet kollha).

Jekk jitressqu proċedimenti għall-ħruġ ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet kontra jinġiebu kontra *Treuhandkonto*-(fiduċjarju ta' kont fiduċjarju) bħala debitur, is-settlor tat-trust jista' iqajjem oġġezzjoni skont l-Artikolu 37 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (*Exekutionsordnung*). L-oġġezzjoni tas-settlor jasserixxi li filwaqt li l-kont, inkwantu trust, jappartjeni lid-debitur, ma għandux jiġi meqjus bħala parti mill-assi tat-trustee, u għalhekk mhuwiex part mill-fondi disponibbli biex tiġi ssodisfatta l-pretensjoni tal-kreditur.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ir-regoli applikabbli għall-protezzjoni kontra s-sekwestru abbażi ta' talba huma stabbiliti fl-Artikoli 290 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni, u dawk dwar il-protezzjoni assoċjata tal-kontijiet fl-Artikolu 292i tal-istess Kodiċi; dawn jinsabu fi http://www.ris.bka.gv.at/. Dawn huma liġi vinkolanti.

Ir-rimunerazzjoni u l-pagamenti tal-pensjoni kurrenti huma soġġetti għall-preservazzjoni sa ċertu punt biss; id-daqs tal-parti tat-talba li ma tistax tiġi ppreservata ("mezzi minimi ta' sussistenza") (Existenzminimum)) jiddependi mid-daqs tal-pagamenti u mill-għadd ta' obbligi ta' manteniment tad-debitur. Dawn l-ammonti, li jiżdiedu kull sena, huma stabbiliti fit-tabelli ppubblikati fis-sit web tal-Ministeru Federali għall-Ġustizzja (https://www.bmj.gv.at/service/publikationen/Drittschuldnererkl%C3%A4rung.html)

Ir-regola fl-Artikolu 292i tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni dwar il-"protezzjoni tal-kontijiet" hija maħsuba biex jiġi evitat ir-riskju li wara li l-ammonti disponibbli għas-sekwestru jkunu ġew dedotti, il-mezzi minimi ta' sussistenza trasferiti fil-kont jerġgħu jiġu sekwestrati. Jekk isiru pagamenti fil-kont tad-debitur li jkunu soġġetti għal sekwestru sa ċertu punt biss, is-sekwestru għandu jiġi sospiż fuq talba, sa fejn il-bilanċ tal-kreditu fil-kont jikkorrispondi għall-parti tal-introjtu li ma tkunx soġġetta għas-sekwestru għall-perjodu ms-sekwestru sad-data tal-pagament li jkun jmiss.

Hemm ukoll ammonti kompletament eżenti mis-sekwestru skont l-Artikolu 290 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni. Dawn jinkludu l-kategoriji ta' pagament li ġejjin:

pagamenti ta' spejjeż meta dawn jikkumpensaw għan-nefqa addizzjonali mġarrba realment fl-eżerċitar tad-doveri professjonali;

benefiċċji u għotjiet pagabbli bil-liġi biex ikopru n-nefqa addizzjonali li tirriżulta minn diżabilità fiżika jew mentali, vulnerabbiltà jew dipendenza fuq il-kura;

ammonti rkuprati u spejjeż imħallsa fir-rigward ta' drittijiet għal benefiċċji *in rem*, rimborżi ta' spejjeż li jirrigwardaw is-sigurtà soċjali statutorja u kumpens għan-nefqa fuq spejjeż għal trattamenti;

benefiċċji tal-familja statutorji.

L-eżenzjoni mis-sekwestru ma tapplikax jekk l-eżekuzzjoni tkun relatata ma' talba li l-kategorija ta' pagament inkwistjoni tkun maħsuba li tissodisfa. Id-debitur irid jagħmel talba sabiex jikseb eżenzjoni mill-Ordni ta' Preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-banek huma intitolati għal ħlas ta' kostijiet fissi ta' EUR 25 għall-implimentazzjoni ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, l-istess bħalma huma għall-implimentazzjoni ta' digriet interim (*einstweilige Verfügung*), li huwa strument ekwivalenti taħt il-liġi Awstrijaka.

Mar-rikors mill-bank, il-qorti tordna lill-kreditur biex jirrifondi l-kostijiet lill-bank.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ma hemm ebda tariffi separati għall-ipproċessar jew l-infurzar tal-Ordni ta' Preservazzjoni jew l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

L-istrumenti għall-garanzija tal-pretensjonijiet previsti fil-liġi tal-infurzar Awstrijaka huma bażikament infurzar għas-sigurtà (*Exekution zur Sicherstellung*) u digrieti interim (*einsweige Verfügungen*).

L-infurzar għas-sigurtà (l-Artikoli 370 *et seq.* iservi biex jissalvagwardja pretensjoni tal-kreditur qabel ma l-pretensjoni ssir *res judicata* u tiġi wara infurzata. Għal infurzar għas-sigurtà - għall-kuntrarju ta' digriet interim - irid ikun hemm dokument li jagħti titolu iżda li għadu mhux eżegwibbli. L-infurzar għas-sigurtà huwa permess biss biex tiġi ssodisfata talba pekunjarja. Waħda mill-forom ta' infurzar għas-sigurtà elenkata fl-Artikolu 374(1) tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni huwa l-qbid ta' riċevibbli (*Pfändung von Forderungen*), fejn il-kreditur jirċievi dritt ta' rahan (*Pfandrecht*).

Fl-infurzar għas-sigurtà l-kreditur jikseb rahan. Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament dwar il-Preservazzjoni tal-Kontijiet tal-UE, l-Ordni ta' Preservazzjoni għandha l-istess klassifikazzjoni, jekk ikun il-każ, bħal ordni nazzjonali ekwivalenti fl-Istat Membru ta' Infurzar. Għalhekk, sabiex jinżamm il-paralleliżmu mal-istrumenti Awstrijaċi, il-liġi Awstrijaka tipprovdi li l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet toħloq rahan jekk il-kreditur ikun diġà kiseb sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku. Il-fatt li rahan ikun fis-seħħ għandu jrid jiġi nnotifikat lill-bank u lid-debitur. Dan jiżgura konsistenza mal-infurzar għas-sigurtà.

Fil-każ ta' digrieti interim biex jiġu żgurati pretensjonijiet pekunjarji (l-Artikoli 378 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Infurzar), ma jinkiseb ebda dritt ta' rahan jew klassifikazzjoni speċifika. Il-parti f'riskju m'għandhiex bżonn dokument li jikkonferixxi titolu sabiex tikseb digriet interim.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Id-deċiżjonijiet dwar kwalunkwe kontestazzjoni legali jridu jittieħdu mill-qorti li tkun ħarġet l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Ir-rikorsi għal dawn ir-rimedji jridu jitressqu quddiem dik il-qorti (ara hawn fuq skont l-Artikolu 50(1)(a)).

Artikolu 34(1) u (2): Jekk l-Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet nħareġ fi Stat Membru ieħor, il-kompetenza għar-rimedju legali hija tal-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna. Ir-rikorsi għal dawn ir-rimedji jridu jitressqu quddiem dik il-qorti.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-forma ta' appell disponibbli kontra deċiżjonijiet skont l-Artikoli 33, 34 jew 35 tar-Regolament hija magħrufa bħala *Rekurs*. It-tali appelli jridu jiġu ppreżentati fi żmien 14-il jum mill-qorti li tkun ħarġet l-ordni kkontestata u jridu jiġu indirizzati lill-Qorti Reġjonali jew lill-Qorti Għolja Reġjonali tal-ġuriżdizzjoni li jaqgħu taħtha l-Qorti Distrettwali jew Reġjonali kkonċernata. L-appelli jridu jiġu ffirmati minn avukat.

L-iskadenza tal-appell tibda mid-data tan-notifika tal-verżjoni bil-miktub tad-deċiżjoni kkontestata.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Huma pagabbli tariffi għall-ħruġ ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet biss jekk it-talba għall-ordni ssir f'kuntest differenti minn proċess f'qorti ċivili. Barra minn hekk, għandha titħallas tariffa b'rata fissa għal appelli minn Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tariffi jinsabu fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (Gerichtsgebührengesetz) taħt il-Punt tat-Tariffa 1, in-Nota 2, il-Punt tat-Tariffa 2, in-Nota 1a u l-Punt tat-Tariffa 3, in-Nota 1a. L-ammont ta' tariffi li għandu jitħallas jiddependi fuq l-ammont tat-talba u huwa nofs ir-rata fissa fil-proċedimenti tal-qorti ċivili. Id-dispożizzjonijiet legali u t-tabelli jinsabu f' http://www.ris.bka.gv.at/.

It-tariffi tal-qorti inkwistjoni huma rati fissi.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Ebda

L-aħħar aġġornament: 14/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Portugall

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Skont il-ġurisdizzjoni tal-qrati abbażi tas-suġġett u tal-valur, skont kif iddeterminat mil-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja (il-Liġi Nru 62 /2013 tas-26 ta' Awwissu 2013), il-qrati b'kompetenzi fil-proċeduri tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet huma dawn li ġejjin, f'każijiet li jirrigwardaw il-qasam ta' ġurisdizzjoni rispettiv tal-qrati:

Id-diviżjonijiet ċivili ċentrali (*Juízos Centrais Cíveis*);

Id-diviżjonijiet lokali ċivili (*Juízos Locais Cíveis*) u d-diviżjonijiet b'ġurisdizzjoni ġenerali (*Juízos de competência genérica*);

Id-diviżjonijiet tal-familja u tal-minorenni (*Juízos de família e menores*);

Id-diviżjonijiet tax-xogħol (*Juízos do Trabalho*);

Id-diviżjonijiet kummerċjali (*Juízos de Comércio*);

Id-diviżjonijiet tal-eżekuzzjoni (*Juízos de Execução*);

Il-Qorti tal-Proprjetà Intellettwali (*Tribunal da Propriedade Intelectual*);

Il-Qorti tal-Kompetizzjoni, tar-Regolamentazzjoni u tas-Superviżjoni (*Tribunal da Concorrência, Regulação e Supervisão*);

Il-Qorti Marittima (*Tribunal Marítimo*).

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-Ordni tas-Solicitors u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (*A Ordem dos Solicitadores e Agentes de Execução (OSAE)*).

Rua Artilharia 1, no 63

1250-038 Lisbon

Tel.: (+351) 213894200

Faks: (+351) 213534870

E-mail: geral@osae.pt

http://osae.pt/pt/pag/osae/osae/1/1/1/1

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-metodi segwenti huma previsti skont il-liġi nazzjonali:

Il-banek kollha fil-Portugall huma obbligati li jiżvelaw jekk id-debitur għandux kont magħhom (l-Artikolu 14(5)(a));

L-awtorità tal-informazzjoni tista' taċċessa kull informazzjoni rilevanti fil-pussess tal-amministrazzjonijiet jew tal-awtoritajiet pubbliċi fir-reġistri jew fi mkejjen oħra (l-Artikolu 14(5)(b)).

Dawn il-metodi huma stipulati fl-Artikolu 749 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u rregolati permezz tal-Artikolu 17 tad-Digriet Ministerjali ta' Implimentazzjoni Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013, kif emendat l-aħħar.

Sabiex l-awtorità kompetenti (l-Ordni tas-Solicitors u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni, OSAE) ikollha aċċess għall-informazzjoni dwar l-eżistenza tal-kontijiet fil-Portugall, tintbagħat talba lill-Bank tal-Portugall. Fil-Portugall, dawn it-talbiet għall-informazzjoni jistgħu jsiru biss bl-użu tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIF) tad-debitur jew tan-numru ta' identifikazzjoni tal-persuna ġuridika (NIPC). Għaldaqstant, sabiex it-talbiet jiġu pproċessati f'qasir żmien, huwa rrakkomandat li fihom ikun hemm din l-informazzjoni li ġejja:

in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIF) tad-debitur jew,

in-numru ta' identifikazzjoni tal-persuna ġuridika (NIPC), jekk id-debitur ikun impriża,

l-indirizz tad-debitur.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qrati tal-appell għandhom il-ġurisdizzjoni li jisimgħu l-appelli.

Madankollu, skont il-liġi nazzjonali, l-appell irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni kkontestata.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Il-Qrati, speċifikament l-uffiċjali tal-qorti;

L-Ordni tas-Solicitors u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (OSAE), speċifikament l-aġenti tal-eżekuzzjoni.

F'termini ġenerali, l-aġenti tal-eżekuzzjoni għandhom is-setgħa li jwettqu n-notifiki neċessarji.

F'konformità mal-liġi proċedurali tal-Portugall, l-uffiċjali tal-qorti jintervjenu biss fis-sitwazzjonijiet segwenti:

Eżekuzzjonijiet li fihom l-Istat ikun il-kreditur.

Eżekuzzjonijiet li fihom l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministério Público*) ikun qed jirrappreżenta lill-kreditur.

Meta ma jkun hemm l-ebda "aġent tal-eżekuzzjoni" fid-distrett li fih ikun hemm pendenti l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni u l-użu ta' "aġent tal-eżekuzzjoni" minn distrett ieħor iwassal għal spejjeż sproporzjonati. Dan l-intervent jiġi deċiż minn imħallef, fuq talba tal-kreditur.

Jekk il-passi proċedurali neċessarji jkunu jinkludi spejjeż sproporzjonati għall-ivvjaġġar u ma jkun hemm l-ebda "aġent tal-eżekuzzjoni" fiż-żona li fiha jitqiesu li qed iseħħu dawn il-passi proċedurali. Dan l-intervent jiġi deċiż minn imħallef, fuq talba tal-"aġent tal-eżekuzzjoni".

Eżekuzzjonijiet b'valur ta' EUR 10 000 jew anqas, jekk il-kredituri jkunu individwi u jekk it-talba ma tkunx tirrigwarda attività kummerċjali jew industrijali, dment li l-intervent jintalab fir-rikors għall-eżekuzzjoni u li jitħallsu l-ispejjeż proċedurali rilevanti.

Eżekuzzjonijiet b'valur ta' EUR 30 000 jew anqas, jekk it-talba tkun relatata mal-okkupazzjoni u l-parti li tkun qed titlob għal eżekuzzjoni titlob għall-intervent fir-rikors għall-eżekuzzjoni u tħallas l-ispejjeż proċedurali rilevanti.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-Ordni tas-Solicitors u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (OSAE).

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Skont il-liġi tal-Portugall, jiġi preżunt li l-partijiet ikollhom sehem ugwali fil-kreditu, b'tali mod li, sakemm ma jkunx hemm evidenza kuntrarja, wieħed jassumi li kull depożitant għandu tiegħu nofs il-fondi depożitati fil-kont (l-Artikoli 513 u 516 tal-Kodiċi Ċivili). Għaldaqstant, l-ordni ta' preservazzjoni tirrigwarda s-sehem tad-debitur fil-kont konġunt, filwaqt li jkun preżunt li l-ishma huma ugwali (l-Artikolu 780(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili - CPC).

Din il-preżunzjoni tista' tinqaleb billi tingħata evidenza kuntrarja; trid tingħata prova li l-fondi ddepożitati fil-kont bankarju jappartjenu għal detentur tal-kont wieħed biss jew lil wieħed mid-detenturi tal-kont, jew li dawn għandhom ishma differenti fil-kont, jew saħansitra li l-fondi jappartjenu għal terzi.

Jekk l-ordni ta' preservazzjoni tkun ippreżentata biss kontra wieħed mill-konjuġi, iżda jkun issekwestrat kont konġunt tat-tnejn li huma billi jkun mifhum li d-debitur ma għandux biżżejjed assi, il-konjuġi tal-persuna fil-konfront ta' liema tkun ġiet ippreżentata l-ordni ta' preservazzjoni jrid jiġi mħarrek / trid tiġi mħarrka sabiex tintalab is-separazzjoni tal-beni jew ikun iddikjarat li jaċċettaw il-kondiviżjoni tad-dejn; dan isir b'talba tal-konjuġi fil-konfront ta' liema tkun ġiet ippreżentata l-ordni ta' preservazzjoni. Jekk l-ordni ta' preservazzjoni kienet ippreżentata biss kontra wieħed mill-konjuġi u kontra kont miżmum f'ismu/isimha biss, dan/din il-konjuġi jista'/tista' ssostni li d-dejn huwa kondiviż, f'liema każ imbagħad tinħareġ ordni ta' preservazzjoni kontra l-kont konġunt tal-konjuġi, jekk ikollhom wieħed (l-Artikolu 740(1), l-Artikolu 741(1) u l-Artikolu 742(1) tas-CPC).

Jekk id-detentur tal-kont ikun ukoll id-debitur, iżda l-fondi fil-kont ikunu presumibbilment ta' terza persuna, it-terza persuna tista' tagħmel l-oġġezzjonijiet (l-Artikolu 342(1) CPC). Jekk allegatament id-debitur ikun sid il-fondi ddepożitati f'kont miżmum minn terza persuna, it-terza persuna tista' tappella mill-ordni ta' preservazzjoni jew tagħmel oġġezzjonijiet, tippreżenta evidenza fattwali jew tagħti prova li ma tkunx tqieset mill-qorti u li tista' timmina r-raġunijiet għall-ordni ta' preservazzjoni (l-Artikolu 372(1) CPC). Fl-ewwel sitwazzjoni, tkun it-terza persuna li tipprova timpedixxi s-sekwestru tal-fondi, filwaqt li fit-tieni sitwazzjoni, ikun id-debitur li jipprova jimpedixxi s-sekwestru.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

F'konformità mal-Artikolu 391(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (CPC), id-dispożizzjonijiet applikabbli għas-sekwestru, adattati skont kif meħtieġ, japplikaw għall-ordnijiet ta' preservazzjoni.

Is-sekwestru jrid ikun limitat għall-assi meħtieġa biex jitħallas id-dejn eżekutorju u l-ispejjeż mistennija tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 735(3) CPC).

F'konformità mal-Artikolu 738 CPC, is-segwenti huma eżenti mis-sekwestru: żewġ terzi tad-dħul nett, salarji, ammonti perjodiċi riċevuti bħala pensjoni tal-irtirar jew kull benefiċċju soċjali ieħor, assigurazzjoni, annwalità jew indennizz għall-inċidenti, jew kull pagament ieħor ta' natura simili li jiggarantixxi l-għajxien tad-debitur. Għall-finijiet tal-ikkalkular tal-parti likwida tal-pagamenti msemmija hawn fuq, jitqiesu biss il-kontribuzzjonijiet li huma rikjesti bil-liġi. L-ammont massimu eżenti mis-sekwestru huwa ekwivalenti għal tliet pagi minimi nazzjonali fil-waqt ta' kull sekwestru; jekk id-debitur ma jkollu ebda introjtu ieħor, l-ammont minimu eżenti huwa l-ekwivalenti ta' paga minima nazzjonali waħda.

Fil-każ speċifiku tal-ordni ta' sekwestru tal-kontijiet bankarji, ammont totali li jikkorrispondi għall-paga minima nazzjonali jkun eżenti mis-sekwestru.

Fid-dawl ta' dan l-ammont, it-tip ta' dejn pendenti, il-ħtiġijiet tal-persuni li tintalab eżekuzzjoni kontrihom u ċ-ċirkostanzi familjari tagħhom, bit-talba tal-persuna li tintalab eżekuzzjoni kontriha, l-imħallef jista' b'eċċezzjoni jnaqqas l-ammont sekwestrabbli tal-introjtu, għal kemm jidhirlu li jkun raġonevoli (iżda mhux għal aktar minn sena) u jista' jeżentah ukoll mis-sekwestru.

Fl-aħħar nett, id-depożiti bankarji huma eżenti mis-sekwestru jekk jirriżultaw minn pagament biex jinfeda self mhux sekwestrabbli, f'konformità mal-Artikolu 739 CPC.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Il-banek għandhom id-dritt li jkunu remunerati biss għas-servizzi li jipprovdu **f'każijiet li fihom il-kreditur ikun impriża kummerċjali li, fis-sena preċedenti, ikun ippreżenta 200 rikors jew aktar għal miżuri proviżorji f'qorti, uffiċċju ġudizzjarju tar-reġistrar jew punt ta' kuntatt** (l-Artikolu 780(12) CPC).

Id-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 202/2011 tal-20 ta' Mejju 2011, kif emendat l-aħħar, jistipula l-livell, il-metodi ta' pagament u rkupru, u d-distribuzzjoni tal-ammonti relatati ma' din ir-remunerazzjoni.

Din ir-remunerazzjoni tirrigwarda l-ispejjeż imġarrba fil-każ li huma r-responsabbiltà unika tal-kreditur u ma tinkludix it-tariffi u l-ispejjeż tal-aġent tal-eżekuzzjoni jew l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni; u lanqas ma tista' tiġi reklamata bħala spejjeż tal-partijiet (l-Artikolu 1(2) tad-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 202 /2011 tal-20 ta' Mejju 2011).

F'każ ta' ordni ta' sekwestru tal-fondi f'kont tal-bank f'isem il-persuna li tintalab eżekuzzjoni kontriha, ikunu dovuti wieħed fuq ħamsa (1/5) ta' unità tal-kont, li jammontaw għal EUR 20.40.

Jekk ma jkunx possibbli li ssir ordni ta' sekwestru (meta ma jkun hemm l-ebda kont tal-bank jew fondi fil-bank f'isem il-persuna li tintalab eżekuzzjoni kontriha), ikunu dovuti wieħed fuq għaxra (1/10) ta' unità tal-kont, li jammontaw għal EUR 10.20.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Fil-Portugall, l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank tingħata mill-banek skont il-kundizzjonijiet, u fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 50(1)(i).

Iridu jitħallsu t-tariffi segwenti għall-ipproċessar jew għall-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni:

EUR 25 jekk id-debitur ikollu domiċilju fl-Istat Membru ta' oriġini;

EUR 51 jekk id-debitur ikollu domiċilju fl-Istat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Mhux applikabbli.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

L-appelli **minn ordni ta' preservazzjoni** skont l-Artikolu 33(1):

Il-qorti b'ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi dwar appell hija l-Qorti tal-Prim'Istanza li tkun tat l-ordni ta' preservazzjoni.

L-appelli **mill-eżekuzzjoni ta' preservazzjoni** skont l-Artikolu 34:

F'eżekuzzjonijiet b'valur ta' aktar minn EUR 50 000*, id-Diviżjonijiet Ċentrali Ċivili;

F'eżekuzzjonijiet b'valur ta' EUR 50 000* jew anqas, id-Diviżjonijiet Lokali Ċivili jew, jekk dawn ma jkunux jeżistu, id-Diviżjonijiet b'ġurisdizzjoni ġenerali.

* Dan l-ammont jinkludi l-prinċipal u l-imgħax /il-penali kkalkulati sa dakinhar tal-preżentazzjoni tal-ordni ta' preservazzjoni.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-appelli jridu jiġu ppreżentati lill-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li minnha jkun qed isir l-appell (l-Artikolu 637(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Wara li jiġu ppreżentati, l-appelli jiġu rinvijati għall-kunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Appell (*Tribunal da Relação).*

Il-limitu ta' żmien biex jiġi ppreżentat appell huwa ta' 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni (l-Artikoli 638(1) u 363(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Fil-kuntest ta' miżuri interim, il-parti rikjedenti trid tħallas l-ispejjeż proċedurali ta' EUR 306.

F'każ ta' appell minn deċiżjoni, il-parti rikjedenti tista' tħallas bejn EUR 306 u EUR 612 fi spejjeż proċedurali.

F'konformità mal-Artikolu 145(1) CPC, l-ispejjeż proċedurali jridu jitħallsu fil-bidu tal-proċedimenti rispettivi.

It-Tabelli II u III, imsemmija fl-Artikolu 7(1), (4), (5) u (7) tar-Regolament dwar l-Ispejjeż Proċedurali (il-Digriet Amministrattiv Nru 34/2008 tas-26 ta' Frar 2008), jinsab hawnhekk: http://data.dre.pt/eli/dec-lei/34/2008/p/cons/20161228/pt/html

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Rumanija

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 1 tal-Artikolu I^ 8 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar ċerti miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, approvata kif emendata bil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata, fil-każ ta' strumenti awtentiċi, rikors għal sekwestru kawtelatorju jrid jiġi ppreżentat lill-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fil-proċedimenti tal-prim'istanza (l-Artikolu 945(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-deċiżjoni dwar ir-rikors, l-eżekuzzjoni tal-miżura u l-annullament jew it-tneħħija tas-sekwestru jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 954 – 959. Dawn id-dispożizzjonijiet (l-Artikolu 971(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għalhekk japplikaw għall-istrumenti awtentiċi.

Skont l-Artikoli 94 u 95 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qrati b'ġurisdizzjoni għall-proċedimenti tal-prim'istanza huma:

il-Qrati Distrettwali għal talbiet li jistgħu jiġu espressi f'termini ta' flus, sa u inkluż RON 200 000 u

it-Tribunali.

Il-lista ta' Qrati Distrettwali hija ppubblikata fuq is-sit tal-Atlas fit-taqsima "Notifika ta' dokumenti (Serving documents)".

Il-lista ta' Tribunali hija ppubblikata fis-sit tal-Atlas fit-taqsima "Sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali - Regolament Brussell I".

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Skont l-Artikolu 2 tal-Artikolu I^ 8 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar ċerti miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, approvata kif emendata bil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata, l-Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja (National Union of Judicial Enforcement Officers) (UNEJ) hija l-awtorità kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-metodu huwa dak previst fl-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament.

L-Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja għandha aċċess għal sistema tal-IT magħmula disponibbli, skont il-liġi, mingħajr ħlas mill-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi.

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 1(2) tal-Artikolu I^ 8 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar ċerti miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, approvata kif emendata bil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata, b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, f'każ ta' ċaħda li tinħareġ Ordni ta' Preservazzjoni, id-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tista' tiġi appellata quddiem il-qorti ogħla mill-qorti li tkun tat id-deċiżjoni.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

Skont l-Artikolu 623 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eżekuzzjoni obbligatorja ta' kwalunkwe ordni ta' eżekuzzjoni, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw id-dħul dovut lill-baġit ġenerali konsolidat jew lill-baġit tal-Unjoni Ewropea jew tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, titwettaq **biss minn uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja,** anki jekk liġijiet speċifiċi jistipulaw mod ieħor.

Id-deċiżjoni dwar ir-rikors, l-eżekuzzjoni tal-miżura u l-annullament jew it-tneħħija tas-sekwestru jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 954 – 959, li japplikaw b'mod korrispondenti (l-Artikolu 971(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżura ta' sekwestru kawtelatorju titwettaq minn uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja, skont ir-regoli ta' dan il-Kodiċi dwar l-eżekuzzjoni, li japplikaw b'mod korrispondenti, mingħajr il-ħtieġa tal-ebda awtorizzazzjoni jew permess għal dan il-għan (l-Artikolu 955(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Skont l-Artikolu 652(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, sentenzi tal-qorti u titoli eżegwibbli oħra jiġu eżegwiti mill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni li jservi ż-żona ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-appell, fil-każ ta' qbid ta' assi mobbli u eżekuzzjoni diretta kontra proprjetà mobbli, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni li jservi ż-żona ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-appell li tkopri l-post tad-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tad-debitur irreġistrat, jew li jservi ż-żona ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-appell li tkopri l-post tal-assi; jekk id-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tad-debitur ikun jinsab barra mill-pajjiż, kwalunkwe uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jkun kompetenti.

Skont l-Artikolu 652(2) u (4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk l-assi mobbli sekwestrabbli jkunu jinsabu fiż-żoni ta' ġurisdizzjoni ta' diversi qrati tal-appell, kwalunkwe wieħed mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja assenjat ma' waħda minn dawk il-qrati jkollu kompetenza ta' eżekuzzjoni, inkluż fir-rigward tal-assi sekwestrabbli fiż-żoni ta' ġurisdizzjoni tal-qrati l-oħra tal-appell.

Jekk l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja inizjalment mogħti s-setgħa mill-kreditur isib li ma hemmx assi u dħul sekwestrabbli fil-ġurisdizzjoni territorjali tiegħu, il-kreditur jista' jitlob lill-qorti tal-eżekuzzjoni biex tkompli l-eżekuzzjoni permezz ta' uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja ieħor, bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 653(4) japplikaw skont dan.

Under Article 7(b), (c) and e) of Law No 188/2000 on judicial enforcement officers, the officer: serves judicial and extrajudicial documents; serves procedural documents; carries out precautionary measures ordered by the court.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Skont l-Artikolu 623 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe ordni ta' eżekuzzjoni, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw id-dħul dovut lill-baġit ġenerali konsolidat jew lill-baġit tal-Unjoni Ewropea jew tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, titwettaq **biss minn uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja,** anki jekk liġijiet speċifiċi jistipulaw mod ieħor. Id-deċiżjoni dwar ir-rikors, l-eżekuzzjoni tal-miżura u l-annullament jew it-tneħħija tas-sekwestru jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 954 – 959, li japplikaw b'mod korrispondenti (l-Artikolu 971(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-miżura ta' sekwestru kawtelatorju titwettaq mill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja, skont ir-regoli ta' dan il-Kodiċi dwar l-eżekuzzjoni, li japplikaw b'mod korrispondenti, mingħajr il-ħtieġa tal-ebda awtorizzazzjoni jew permess għal dan il-għan (l-Artikolu 955(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Malli jirċievi r-rikors għall-eżekuzzjoni, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni, billi joħroġ deċiżjoni, jirranġa għar-reġistrazzjoni tar-rikors u għall-ftuħ tal-fajl tal-eżekuzzjoni jew, skont il-każ, joħroġ ċaħda mmotivata li jinbdew il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni. Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata immedjatament lill-kreditur. Jekk l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jiċħad il-ftuħ ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni, il-kreditur jista' jippreżenta kwerela, fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, lill-qorti tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 665 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Skont l-Artikolu 7(e) tal-Liġi Nru 188/2000 dwar l-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jeżegwixxi l-miżuri kawtelatorji ordnati mill-qorti.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Is-sentenzi li jiġu eżegwiti b'mod provviżorju b'depożitu ta' garanzija ma jiġux eżegwiti qabel ma jiġi ppreżentat id-depożitu tal-garanzija (l-Artikolu 678 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Kull min jinżamm personalment responsabbli għandu jġorr din ir-responsabbiltà bl-assi mobbli jew immobbli kollha tiegħu, preżenti u futuri. Dawn għandhom iservu bħala garanzija konġunta għall-kredituri tiegħu. L-assi mhux sekwestrabbli ma għandhomx iservu bħala tali garanzija. Il-kredituri li t-talbiet tagħhom ikunu qamu b'rabta ma' ċerta diviżjoni ta' proprjetà awtorizzata bil-liġi, l-ewwel iridu jitolbu eżekuzzjoni kontra l-assi li jiffurmaw dak il-patrimonju. Jekk dawn ma jkunux suffiċjenti biex jiġu ssodisfati t-talbiet, tista' tintalab l-eżekuzzjoni wkoll kontra assi oħra tad-debitur. L-assi li jkunu s-suġġett ta' diviżjoni legalment awtorizzata ta' proprjetà assenjata għall-eżerċizzju ta' professjoni jistgħu jiġu mfittxa biss minn kredituri li t-talbiet tagħhom ikunu nħolqu b'rabta mal-professjoni kkonċernata. Dawn il-kredituri ma jkunux jistgħu jfittxu assi oħra tad-debitur. (L-Artikolu 2324 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Jekk huwa jqis li jkun fl-interess tal-eżekuzzjoni, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jitlob lid-debitur, skont il-liġi, biex jipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar id-dħul u l-assi ta' dan tal-aħħar, inkluża proprjetà komuni miżmuma fi sjieda kondiviża jew konġunta li kontriha tista' titwettaq l-eżekuzzjoni, u biex jindika fejn tinsab, u jista' wkoll, bil-għan li jipperswadi lid-debitur jissodisfa l-obbligu b'mod volontarju, jindika l-konsegwenzi f'każ ta' tkomplija tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni. F'kull każ, id-debitur jiġi infurmat bl-ispiża stmata tal-eżekuzzjoni. (L-Artikolu 627(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Id-debitur huwa obbligat, soġġett għas-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 188(2) li jiddikjara, fuq talba tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja, l-assi mobbli u immobbli kollha, inkluża l-proprjetà komuni miżmuma fi sjieda kondiviża jew konġunta, filwaqt li jindika fejn jinsabu, kif ukoll id-dħul preżenti jew regolari kollu. (L-Artikolu 647(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Id-diviżjoni ta' assi ta' proprjetà komuni miżmuma fi sjieda kondiviża jew konġunta tista' tittieħed deċiżjoni wkoll dwarha, fuq talba tal-parti kkonċernata, fil-qafas tal-proċedimenti ta' oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni. (L-Artikolu 712(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Jekk, permezz ta' oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni, il-parti kkonċernata tkun ressqet rikors għad-diviżjoni tal-assi miżmuma bħala proprjetà komuni, il-qorti tiddeċiedi dwar id-diviżjoni tagħhom skont il-liġi. (L-Artikolu 720(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

L-assi mobbli li jkunu s-suġġett ta' diviżjoni awtorizzata ta' assi assenjati għall-eżerċizzju ta' professjoni jistgħu jiġu mfittxa biss minn kredituri li t-talbiet tagħhom ikunu nħolqu b'rabta mal-eżerċizzju tal-professjoni kkonċernata. Jekk l-assi ma jkunux assenjati lil grupp individwali ta' assi tan-negozju iżda xorta waħda jservu għall-eżerċizzju ta' okkupazzjoni jew professjoni ta' debitur li jkun persuna fiżika, dawn jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni biss jekk ma jkunx hemm assi sekwestrabbli oħra, u mbagħad biss għal obbligi ta' manteniment jew talbiet privileġġati oħra fuq assi mobbli. Jekk id-debitur ikun involut fl-agrikoltura, dawn l-assi tan-negozju ma għandhomx ikunu soġġetti għall-eżekuzzjoni sa fejn ikunu meħtieġa għat-tkomplija tal-attività agrikola: l-inventarji agrikoli, inklużi l-annimali tax-xogħol, l-għalf għal dawk l-annimali u ż-żerriegħa għall-koltivazzjoni, ħlief meta dawn l-assi jkunu mirhuna bħala garanzija jew ikunu s-suġġett ta' talba privileġġata. (L-Artikolu 728 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Għall-eżekuzzjoni kontra kontijiet ta' mandatarju (miżmuma minn terza persuna f'isem id-debitur jew minn debitur f'isem terza persuna), jeżistu ċerti regoli ta' prinċipju fir-rigward tar-rappreżentanza u n-nomina b'rappreżentanza, kif speċifikat hawn taħt.
L-Artikolu 1295 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li s-setgħa ta' rappreżentanza tista' toħroġ mil-liġi, minn att legali jew minn sentenza tal-qorti, skont il-każ.
Skont l-Artikolu 1296 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kuntratt konkluż minn rappreżentant, fil-limiti ta' prokura, f'isem il-parti rappreżentata jipproduċi effetti direttament bejn il-parti rappreżentata u l-parti kuntrattwali l-oħra.
Skont l-Artikolu 2021 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim kuntrarju, mandatarju li jkun issodisfa l-mandat ma għandu l-ebda responsabbiltà fil-konfront tan-nominatur fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi li jkunu daħlu għalihom il-persuni/entitajiet li magħhom ikun ġie konkluż kuntratt, ħlief jekk l-insolvenza tagħhom kienet jew suppost kellha tkun magħrufa mill-mandatarju fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ma' dawk il-persuni/entitajiet.
Skont l-Artikolu 1309(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kuntratt konkluż minn persuna/entità li tkun qiegħda taġixxi bħala rappreżentant iżda li ma jkollhiex prokura jew taqbeż is-setgħat ikkonferiti, ma għandux jipproduċi effetti bejn il-parti rappreżentata u terzi persuni.
Skont l-Artikolu 1311 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fil-każijiet previsti fl-Artikolu 1309, il-parti li f'isimha jkun ġie konkluż il-kuntratt tista' tirratifikah billi tosserva l-formalitajiet legali għall-konklużjoni valida tiegħu; it-terza persuna kontraenti tista', b'notifika, tagħti perjodu ta' żmien raġonevoli għar-ratifika, u wara l-kuntratt ma jkunx jista' jiġi ratifikat aktar.
Skont l-Artikolu 1309(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, madankollu, jekk bl-imġiba tiegħu r-rappreżentant ikun ġiegħel lit-terza parti kontraenti temmen b'mod raġonevoli li r-rappreżentant ikollu s-setgħa ta' rappreżentanza u jkun qiegħed jaġixxi fil-limiti tas-segħat ikkonferiti, ir-rappreżentant ma jkunx jista' jinvoka aktar fil-konfront tat-terza parti kontraenti n-nuqqas ta' setgħa ta' rappreżentanza.
Skont l-Artikolu 1310 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kwalunkwe persuna jew entità li tikkonkludi kuntratt bħala rappreżentant mingħajr ma jkollha s-setgħa biex tagħmel dan, jew meta tagħmel dan taqbeż il-limiti tas-setgħat ikkonferiti, iġġorr ir-responsabbiltà għal kwalunkwe dannu kkawżat lil terza persuna kontraenti li tkun emmnet *bona fide* li l-konklużjoni tal-kuntratt kienet valida.
Skont l-Artikolu 1297 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kuntratt konkluż minn rappreżentant li jaġixxi fil-limiti tas-setgħat ikkonferiti iżda fejn it-terza persuna kontraenti ma tkunx u ma setgħetx tkun taf li r-rappreżentant kien qiegħed jaġixxi f'tali kapaċità, jorbot biss lir-rappreżentant u lit-terza persuna, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi; madankollu, jekk rappreżentant, meta jidħol f'kuntratt ma' terza persuna f'isem intrapriża u fil-limiti tas-setgħat ikkonferiti, isostni li jkun is-sid ta' dik l-intrapriża u t-terza persuna suċċessivament tiskopri l-identità tas-sid reali, f'dak il-każ it-terza persuna tista' teżerċita wkoll fil-konfront tas-sid reali d-drittijiet miksuba fil-konfront tar-rappreżentant.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Artikolu 729 Restrizzjonijiet fuq l-eżekuzzjoni kontra d-dħul monetarju skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.
Tista' titwettaq eżekuzzjoni kontra pagi jew salarji u dħul regolari ieħor, pensjonijiet mogħtija taħt skemi tas-sigurtà soċjali, u ammonti oħra mħallsa b'mod regolari lid-debitur bħala mezz ta' sussistenza: a) sa nofs id-dħul nett fix-xahar fil-każ ta' ammonti dovuti bħala obbligu ta' manteniment jew allowance tat-tfal; b) sa terz tad-dħul nett fix-xahar fil-każ ta' kwalunkwe dejn ieħor.
Jekk japplikaw diversi ordnijiet ta' eżekuzzjoni għall-istess ammonti, l-eżekuzzjoni totali ma tistax taqbeż nofs id-dħul nett fix-xahar tad-debitur, irrispettivament min-natura tat-talbiet, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.
Fejn il-pagi jew kwalunkwe ammonti oħra mħallsa b'mod regolari lid-debitur bħala mezz ta' sussistenza jkunu aktar baxxi mill-paga minima mħallsa fl-ekonomija, tista' titwettaq eżekuzzjoni kontrihom biss fir-rigward tal-ammont li bih jaqbżu nofs dik il-paga minima.
Il-benefiċċji għal inkapaċità temporanja għax-xogħol, il-kumpens mogħti abbażi ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali lill-impjegati għat-terminazzjoni ta' kuntratt individwali ta' impjieg, u l-ammonti dovuti lill-persuni qiegħda, skont il-liġi, jistgħu jkunu soġġetti għal eżekuzzjoni biss għall-ammonti dovuti minħabba obbligu ta' manteniment u kumpens għad-danni kkawżati minn mewt jew korriment personali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.
L-eżekuzzjoni kontra l-intitolamenti għall-benefiċċji msemmija fil-paragrafu (4) hija permissibbli sa nofs l-ammont tagħhom.
L-ammonti miżmuma skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) - (4) għandhom jiġu rilaxxati jew distribwiti skont l-Artikolu 864 *et seq.*
L-allowances tal-Istat, il-benefiċċju tat-tfal, l-appoġġ biex wieħed jieħu ħsieb it-tfal morda, l-allowance tal-maternità, il-benefiċċju tal-mewt, l-għotjiet għall-istudju mill-Istat, il-gratifiki għas-sussistenza għal kull jum, u kwalunkwe allowance oħra bi skop speċjali stabbilita bil-liġi, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' eżekuzzjoni għall-ebda tip ta' dejn.
Artikolu 970 Suġġetti ta' ordnijiet ta' sekwestru skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili
L-ordnijiet ta' sekwestru jistgħu jitqiegħdu fuq ammonti ta' flus, titoli jew assi mobbli intanġibbli oħra sekwestrabbli dovuti lid-debitur minn terza parti jew li din tal-aħħar ikollha tagħti lid-debitur fil-ġejjieni fuq il-bażi ta' relazzjonijiet legali eżistenti, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 953.
L-Artikolu 631(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili
L-eżekuzzjoni tista' tinbeda kontra kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika skont il-liġi pubblika jew privata, ħlief dawk li, skont il-liġi, igawdu minn immunità mill-eżekuzzjoni.
L-Artikolu 781(2) u (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.
Fil-każ tas-sekwestru ta' somom ta' flus f'kontijiet bankarji, kemm il-bilanċ ta' kreditu ta' dawk il-kontijiet kif ukoll il-pagamenti futuri fihom jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 729, jekk applikabbli.
Dawn li ġejjin mhumiex soġġetti għall-eżekuzzjoni:
ammonti maħsuba għal skopijiet speċjali previsti mil-liġi, u li fuqhom id-debitur ma jkollu l-ebda dritt ta' disponiment;
ammonti li jirrappreżentaw finanzjament mhux rimborżabbli jew finanzjament minn istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali għal ċerti programmi jew proġetti;
ammonti relatati ma' intitolamenti futuri għas-salarju, fuq perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-istabbiliment tas-sekwestru. Fejn ikunu tqiegħdu diversi ordnijiet ta' sekwestru fuq l-istess kont, il-perjodu ta' tliet xhur li matulu jistgħu jsiru pagamenti relatati ma' intitolamenti futuri għas-salarju jiġi kkalkulat darba biss, mid-data li fiha jiġi stabbilit l-ewwel sekwestru.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Mhux applikabbli (mhuwiex il-każ).
Fuq il-bażi kemm tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-banek u l-klijenti kif ukoll ta' leġiżlazzjoni bankarja speċifika, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' preservazzjoni li jaffettwaw il-kontijiet tal-klijenti hija tranżazzjoni li għaliha l-banek iżommu tariffa tas-sekwestru (kemm għall-miżuri kawtelatorji kif ukoll għall-miżuri ta' eżekuzzjoni kontra l-kontijiet tal-klijenti). It-tariffa tiġi stabbilita meta jiġi stabbilit is-sekwestru, iżda fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' preservazzjoni tal-kontijiet (is-suġġett tar-Regolament) **it-tariffa fil-prattika ma tinġabarx mill-klijent**.
Ir-raġuni għal dan hija li l-ġbir proprju tat-tariffa jseħħ meta l-ammonti ta' flus jiġu rilaxxati lill-qrati/awtoritajiet tat-taxxa, jiġifieri fiż-żmien tat-trasferiment tal-ammonti maqbuda. Madankollu, l-għan tar-Regolament huwa li jiġi ppreservat l-ammont u mhux li jsir il-pagament tiegħu. L-għan tar-Regolament mhuwiex sekwestru eżegwibbli.

B'riżultat ta' dan, fil-każ ta' miżuri kawtelatorji (bħal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet) fejn fir-realtà ma jseħħ l-ebda "pass finali" (ta' rilaxx), iżda biss l-operazzjoni ta' preservazzjoni mwettqa mill-bank wara li jirċievi d-dokumentazzjoni minn korp li jkun ordna li tittieħed il-miżura inkwistjoni, **it-tariffa, fil-prattika, ma tinġabarx mill-klijent**.

Mhux applikabbli.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Għan-notifika tal-atti proċedurali, l-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jżommu tariffi minimi ta' RON 20 u tariffi massimi ta' RON 400 (ara l-punt 1 tal-Anness I tal-Ordni Nru 2550/C/14.11.2006 tal-Ministru tal-Ġustizzja li tapprova t-tariffi minimi u massimi għas-servizzi pprovduti mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja).

Għan-notifika tal-ordnijiet ta' preservazzjoni, l-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jżommu tariffi minimi ta' RON 100 u tariffi massimi ta' RON 1 200 għal debituri li jkunu persuni fiżiċi u RON 2 200 għal debituri li jkunu entitajiet ġuridiċi (ara l-punt 10 tal-Anness I tal-Ordni Nru 2550/C/14.11.2006 tal-Ministru tal-Ġustizzja li tapprova t-tariffi minimi u massimi għas-servizzi pprovduti mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja).

It-tariffi mitluba mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Unjoni tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja fit-taqsima "Qafas Leġiżlattiv", Ordnijiet, Ordni Nru 2550 tal-14 ta' Novembru 2006 li tapprova t-tariffi minimi u massimi għas-servizzi pprovduti mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja.

It-tariffi huma mitluba għas-servizzi pprovduti mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja fir-Rumanija.

Għat-taxxi tal-boll ġudizzjarji, ara l-informazzjoni pprovduta f'(n).

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Skont il-liġi ordinarja, ma teżisti l-ebda klassifikazzjoni bejn is-sekwestri kawtelatorji, iżda bejn it-talbiet li tintalab il-preservazzjoni tagħhom, skont it-tip tagħhom.

Artikolu 865 Klassifikazzjoni ġenerali tal-preferenza skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

(1) Fejn l-eżekuzzjoni tkun inbdiet minn diversi kredituri jew fejn, qabel ir-rilaxx jew id-distribuzzjoni tal-ammont li jirriżulta mill-eżekuzzjoni, kredituri oħra jkunu ppreżentaw ukoll it-titoli eżegwibbli tagħhom, l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja jipproċedi bid-distribuzzjoni skont l-ordni ta' preferenza li ġejja, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi:

talbiet li jirrappreżentaw spejjeż legali, għal miżuri ta' preservazzjoni jew eżekuzzjoni, għall-konservazzjoni ta' assi li l-prezz tagħhom ikun qed jiġi distribwit, kwalunkwe spiża oħra mġarrba fl-interess komuni tal-kredituri, kif ukoll talbiet li jinqalgħu kontra d-debitur fir-rigward tan-nefqa mġarrba fit-twettiq tal-kundizzjonijiet jew tal-formalitajiet previsti mil-liġi għall-akkwiżizzjoni tat-titolu għall-assi mogħti u d-dħul tiegħu fir-reġistru pubbliku;

l-ispejjeż tal-funeral tad-debitur, skont iċ-ċirkustanzi partikolari;

talbiet li jirrappreżentaw salarji u djun ekwivalenti oħra, pensjonijiet, ammonti dovuti lil persuni qiegħda, skont il-liġi, appoġġ għall-manteniment u l-ħarsien tat-tfal, maternità, inkapaċità temporanja għax-xogħol, prevenzjoni tal-mard, irkupru jew tisħiħ tas-saħħa, benefiċċju tal-mewt, mogħtija taħt skemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll talbiet li jirrappreżentaw l-obbligu ta' ħlas tad-danni għall-mewt, id-dannu għall-integrità fiżika jew għas-saħħa;

talbiet li jirriżultaw mill-obbligu legali li jiġi pprovdut il-manteniment, l-allowances tat-tfal jew l-obbligu li jitħallsu ammonti regolari oħra maħsuba bħala mezz ta' sussistenza;

talbiet ta' taxxa li jirriżultaw minn taxxi, tariffi, kontribuzzjonijiet u ammonti oħra stabbiliti bil-liġi, dovuti lill-baġit tal-Istat, il-baġit tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istat, il-baġits lokali jew il-baġits ta' fondi speċjali;

talbiet li jirriżultaw minn self mogħti mill-Istat:

kumpens mitlub għat-tiswija ta' ħsara kkawżata fuq proprjetà pubblika minn atti illegali;

talbiet li jirriżultaw minn self tal-banek, konsenji ta' prodotti, forniment ta' servizzi jew mit-twettiq ta' xogħlijiet, kif ukoll minn kirjiet jew lokazzjonijiet;

talbiet fil-forma ta' multi pagabbli lill-baġit tal-Istat jew lill-baġits lokali;

talbiet oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet rigward is-surroga legali jibqgħu applikabbli għall-benefiċċju ta' kwalunkwe parti li tħallas xi waħda mit-talbiet imsemmija fil-paragrafu (1).

(3) Fejn it-talbiet ikunu fl-istess kategorija ta' preferenza, sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor, l-ammont miksub jinqasam bejn l-attur b'mod proporzjonali għal kull talba.

Artikolu 866 Dikjarazzjoni tat-talbiet tal-Istat

Fi żmien 15-il jum mill-bidu tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, skont il-liġi, kwalunkwe kreditur jista' jitlob lill-Istat jew lill-korpi amministrattivi lokali jiddikjaraw kwalunkwe talba privileġġata li jista' jkollhom. Rikjesta bħal din tiġi rreġistrata fir-reġistri pubbliċi biss jekk tingħata prova li tkun saret notifika lill-awtoritajiet lokali tat-taxxa.

Fi żmien 30 jum min-notifika, l-Istat jew il-korp amministrattiv lokali kkonċernat irid jiddikjara u jirreġistra l-ammont tat-talba tiegħu.

In-nuqqas ta' konformità mal-obbligu msemmi fil-paragrafu (1) jirriżulta fit-telf tal-preferenza fuq il-kredituri li jkunu talbu d-dikjarazzjoni.

Artikolu 867 Klassifikazzjoni tat-talbiet garantiti

Jekk ikun hemm kredituri li jkollhom drittijiet ta' rahan, drittijiet ipotekarji jew drittijiet ta' preferenza preservati oħra fir-rigward tal-assi mibjugħ, skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi, meta l-ammont li jirriżulta mill-bejgħ tal-assi jiġi distribwit, it-talbiet tagħhom jitħallsu qabel dawk imsemmija fl-Artikolu 865(1)(c).

Artikolu 868 Klassifikazzjoni tat-talbiet anċillari

L-imgħax u l-penali jew talbiet oħra anċillari għat-talba prinċipali jsegwu l-klassifikazzjoni ta' din tal-aħħar.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Skont l-Artikolu 1(3) u (4) tal-Artikolu I^ 8 tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 119/2006 dwar ċerti miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ċerti Regolamenti Komunitarji mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, approvata kif emendata bil-Liġi Nru 191/2007, kif emendata, *ir-rimedju previst fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 jaqa' fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-qorti ogħla mill-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li tilqa' r-rikors għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.*

*Ir-rimedji kontra l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet previsti fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 655/2014 jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-eżekuzzjoni.*

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Under Article 1(5) of Article I^8 of Government Emergency Order No 119/2006 on certain measures necessary to implement certain Community Regulations from the date of Romania's accession to the European Union, approved as amended by Law No 191/2007, as amended, *the appeals provided for in Article 37 of Regulation (EU) No 655/2014 fall within the jurisdiction of the court above the court referred to in paragraphs (3) or (4) of this Article, i.e. of the court above the court referred to in Article 35 of the same Regulation; appeals must be filed within 30 days of delivery of the judgment, except where the law provides otherwise.*

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Skont l-Artikolu 11(1)(b) tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80/2013 dwar it-taxxi tal-boll ġudizzjarji, kif emendata, it-tariffi imposti għad-diversi rikorsi huma kif ġej:

għal rikorsi relatati ma' miżuri kawtelatorji - RON 100;

għal rikorsi li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' miżuri kawtelatorji fir-rigward ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru – RON 1 000;

għal rikorsi għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, ifformulati skont ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali - RON 100.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Ir-Rumanija ma taċċetta l-ebda lingwa għajr ir-Rumen (l-Artikolu 128(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14(1) tal-Liġi Nru 304/2004 dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja, ippubblikata mill-ġdid, kif emendata).

L-aħħar aġġornament: 16/02/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Slovenja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Il-qrati nnominati bħala kompetenti biex joħorġu Mandat ta' Sekwestru meta kreditur ikun kiseb strument awtentiku (l-Artikolu 6(4)) huma l-qrati lokali (*okrajna sodišča*) (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 279b tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Garanzija ta' Talbiet Ċivili (*Zakon o izvršbi in zavarovanju)*; *Uradni list RS* (UL RS; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja) Nri 3/07 – test ikkonsolidat uffiċjali, 93/07, 37/08 – ZST-1, 45/08 – ZArbit, 28/09, 51/10, 26/11, 17/13 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 45/14 — id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 53/14, 58/14 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 54/15, 76/15 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u 11/18; minn hawn 'il quddiem "ZIZ").

Il-lista tal-qrati lokali tinsab hawnhekk.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorità nnominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet (l-Artikolu 14) hija l-Aġenzija tar-Repubblika tas-Slovenja għar-Reġistri Legali Pubbliċi u s-Servizzi Relatati (*Agencija Republike Slovenije za javnopravne evidence in storitve* – AJPES) (l-Artikolu 279c ZIZ).

Dettalji ta' kuntatt: Tržaška cesta 16, 1000 Ljubljana

gp@ajpes.si - l-uffiċċju prinċipali

info@ajpes.si - informazzjoni għall-utenti

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Metodi biex tinkiseb informazzjoni dwar kont (l-Artikolu 14(5)):

a) AJPES, li ġiet innominata bħala l-awtorità ta' informazzjoni, iżżomm ir-Reġistru tal-Kontijiet tat-Tranżazzjonijiet, li huwa bażi ta' *data* unika dwar il-kontijiet tat-transazzjonijiet tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi (l-Artikolu 191 ff. tal-Att dwar is-Servizzi ta' Pagament, is-Servizzi tal-Ħruġ ta' Flus Elettroniċi u s-Sistemi ta' Pagament (*Zakon o plačilnih storitvah, storitvah izdajanja elektronskega denarja in plačilnih sistemih*); UL RS Nos 7/18 u 9/18 – corr.; minn hawn 'il quddiem "ZPlaSSIED"). Dan jagħmel il-proċess biex tinkiseb l-informazzjoni effettiv ħafna, peress li ma hemm ebda bżonn li l-awtorità tal-informazzjoni tistaqsi lill-bank jekk id-debitur għandux kont miegħu (l-Artikolu 14(5)(a)).

Għalkemm skont il-liġi Slovena huwa possibbli li tikseb informazzjoni dwar kont tad-debitur bil-mod stabbilit fl-Artikolu 14(5)(c) (cf. l-Artikolu 31 ZIZ), il-qrati kważi qatt ma jużaw din il-possibbiltà, peress li jistgħu jiksbu l-informazzjoni dwar il-kont bankarju tad-debitur b'konsultazzjoni elettronika tar-reġistru tal-kontijiet ta' tranżazzjoni (l-Artikolu 4 ZIZ; l-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Qrati (*Zakon o sodiščih)*; UL RS Nri 94/07 – test ikkonsolidat uffiċjali, 45/08, 96/09, 86/10 – ZJNepS, 33/11, 75/12 – ZSPDSLS-A, 63/13, 17/15 u 23/17 – ZSSve; minn hawn 'il quddiem "ZS").

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

L-appelli jiġu ppreżentati (l-Artikolu 21):

- fil-qorti li tkun ċaħdet ir-rikors tal-kreditur għal Mandat ta' Sekwestru (**qorti lokali jew qorti distrettwali(*okrožno sodišče*)**).

Lista tal-qrati lokali, lista tal-qrati distrettwali.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità nnominata bħala kompetenti li tirċievi, tittrażmetti u tinnotifika Mandat ta' Sekwestru u dokumenti oħrajn (l-Artikolu 4(14)) hija:

- skont l-Artikoli 10(2), 23(3), (5) u (6), 25(3), 27(2), 28(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014, il-Qorti Lokali f'Maribor.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru (il-Kapitolu 3) hija:

il-Qorti Lokali f'Maribor, li għandha l-kompetenza territorjali li teżegwixxi Mandat ta' Sekwestru maħruġ minn qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 279d ZIZ).

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Kontijiet konġunti u ta' mandatarju jistgħu jiġu sekwestrati (l-Artikolu 30) kif ġej:

Kont konġunt ta' pagament huwa kont ta' pagament miftuħ minn fornitur ta' servizzi ta' pagament f'isem żewġ persuni fiżiċi jew aktar jew żewġ persuni ġuridiċi jew aktar (l-Artikolu 14(1) tal-Att dwar is-Servizzi u s-Sistemi ta' Pagament (Zakon o plačilnih storitvah in sistemih; ZPlaSS).

Kull detentur individwali ta' kont konġunt ta' pagament jista' juża l-fondi monetarji kollha f'dak il-kont, sakemm il-ftehim dwar il-ġestjoni tal-kont konġunt ta' pagament ma jistipulax awtorizzazzjonijiet oħrajn għall-użu tal-fondi monetarji f'dak il-kont (l-Artikolu 14(2) ZPlaSS).

Il-fondi monetarji kollha f'kont konġunt ta' pagament jistgħu jintużaw biex iħallsu l-obbligazzjonijiet ta' detentur ta' kont individwali fil-konfront ta' terzi. Ftehim bejn id-detenturi ta' kont konġunt ta' pagament dwar l-ammont tal-ishma tad-detenturi individwali u dwar l-obbligazzjoni ta' detenturi individwali ma jirrestrinġix id-drittijiet ta' terzi li jkollhom il-pretensjonijiet fi proċedura ta' eżekuzzjoni jew ta' falliment kontra detentur individwali biex jitħallsu mill-fondi monetarji totali fil-kont konġunt ta' pagament (l-Artikolu 14(3) ZPlaSS). Il-fondi monetarji f'kont konġunt ta' pagament jistgħu għalhekk jintużaw biex iħallsu l-obbligazzjonijiet ta' detentur ta' kont individwali fil-konfront ta' terzi.

Jekk l-eżekuzzjoni tkun ristretta għal assi speċifiċi tad-debitur skont att speċifiku, dawk ir-restrizzjonijiet jitqiesu fir-rigward ta' kull detentur individwali tal-kont konġunt ta' pagament fil-proċedura ta' eżekuzzjoni fil-konfront ta' detentur individwali ta' kont konġunt ta' pagament (l-Artikolu 14(4) ZPlaSS).

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

L-ammonti eżenti minn qbid u ammonti li l-eżekuzzjoni għalihom hija limitata huma rregolati mir-regoli li ġejjin (l-Artikolu 31):

L-introjtu huwa eżenti mill-eżekuzzjoni meta l-karatteristika komuni tkun li ma jkunx jikkostitwixxi introjtu bażiku bħall-pagi, imma, bħala regola, introjtu li fil-parti l-kbira tal-każijiet ikollu funzjoni ta' miżura soċjali korrettiva. (l-Artikolu 101 tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Garanzija ta' Pretensjonijiet Ċivili (ZIZ)).

Skont l-Artikolu 102 ZIZ, l-eżekuzzjoni hija limitata fir-rigward tal-introjtu, li ġeneralment ikollu l-forma ta' introjtu bażiku bħall-pagi, jiġifieri introjtu meqjus bħala li ġej minn relazzjoni ta' impjieg. Ġeneralment ikun permess li jittieħdu sa żewġ terzi ta' introjtu bħal dan, imma d-debitur irid jitħalla ammont ekwivalenti għal 76% tal-paga minima. Kull debitur irid jitħalla bl-istess ammont residwu. Fil-każ ta' ċerti pretensjonijiet privileġġati, l-ammont li jrid jitħalla lid-debitur hu inqas – 50% tal-paga minima. Fiż-żewġ każijiet, l-ammont li jrid jitħalla lid-debitur ikun ogħla jekk id-debitur ikun responsabbli għall-manteniment ta' membri tal-familja.

L-eżenzjonijiet mill-eżekuzzjoni u l-limitazzjonijiet fuqhom iridu jiġu kkunsidrati minn dawk responsabbli għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet (il-bank) mingħajr rikors mid-debitur, sakemm ma jkunx hemm intitolament għal limitu ogħla għal raġunijiet ta' manteniment. Id-debitur irid juri dan l-intitolament lill-eżekutur billi jipproduċi strument awtentiku (l-Artikolu 102(5) ZIZ).

Il-lista eżatta ta' eżenzjonijiet mill-qbid jew ta' limitazzjonijiet fuq l-ammonti tinsab fl-Artikoli 101, 102 u 103 ZIZ.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Tariffi (l-Artikolu 43): il-banek jistgħu, skont il-politika kummerċjali tagħhom u r-rati rispettivi ta' rimunerazzjoni għas-servizzi, jitolbu ħlas biex jieħdu azzjoni fuq il-bażi ta' mandati nazzjonali ekwivalenti (biex jirċievu l-mandat u jittrasferixxu l-fondi).

Il-fornituri tas-servizzi ta' ħlas iridu jippubblikaw fis-siti web tagħhom informazzjoni sħiħa u preċiża dwar it-tariffi li jimponu biex jieħdu azzjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' eżekuzzjoni jew mandat kawtelatorju (l-Artikolu 190 ZPlaSSIED).

L-informazzjoni dwar il-kontijiet tiġi pprovduta mill-AJPES. L-informazzjoni fir-reġistru jew fil-kontijiet tat-tranżazzjoni ta' persuni ġuridiċi u persuni fiżiċi involuti f'negozju hija disponibbli bla ħlas mis-sit tal-AJPES (l-Artikolu 194 ZPlaSSIED). Għall-forniment ta' informazzjoni mir-reġistru tal-kontijiet ta' tranżazzjoni li jikkonċernaw il-kont ta' persuna fiżika, l-AJPES jimponi tariffa fuq min jagħmel it-talba skont rata stabbilita bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi (l-Artikolu 195 ZPlaSSIED). Ir-rata ta' kumpens għall-ispejjeż tal-forniment tal-informazzjoni dwar il-kontijiet ta' tranżazzjoni ta' persuni fiżiċi mir-reġistru tal-kontijiet ta' tranżazzjoni (UL RS Nru 49/10) hija ppubblikata fis-sit tal-AJPES. B'konformità ma' dik ir-rata, l-ammont ta' kumpens għall-ispejjeż jiddependi mit-talba għal informazzjoni dwar il-kont mibgħuta (ir-rata hija iktar baxxa għat-trasferiment elettroniku tad-data milli għat-trasferiment ta' data abbażi ta' talba bil-miktub) u l-għadd ta' unitajiet ta' data trażmessi.

It-tariffa għall-implimentazzjoni ta' mandati nazzjonali ekwivalenti titħallas mid-debitur filwaqt li t-tariffa biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kont titħallas minn min jagħmel it-talba (ġeneralment il-kreditur).

Il-qorti taċċessa l-informazzjoni dwar il-kontijiet bla ħlas billi tikkonsulta r-reġistru miżmum mill-AJPES jew billi titlob lill-organizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti (il-bank) tiżvela jekk id-debitur fetaħx kont magħha (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 ZIZ, l-Artikolu 13 ZIZ).

L-AJPES jipprovdi aċċess elettroniku dirett għall-informazzjoni fir-reġistru tal-kontijiet ta' tranżazzjoni lill-qrati, lill-awtorità tat-taxxa u lill-awtoritajiet responsabbli mill-eżekuzzjoni.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

L-iskala tat-tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru (l-Artikolu 44):

Trid titħallas tariffa tal-qorti mal-preżentazzjoni ta' rikors biex tiġi żgurata pretensjoni permezz ta' Mandat ta' Sekwestru (l-Artikolu 29b flimkien mal-Artikoli 239 u 279a ZIZ). Rikors għal Mandat ta' Sekwestru ġġorr magħha tariffa tal-qorti ta' EUR 30 (it-tariffa Nru 4012 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Zakon o sodnih taksah* – ZST-1; UL RS Nri 37/08, 97/10, 63/13, 58/14 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 19/15 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 30/16, 10/17 – ZPP-E u 11/18 – ZIZ-L; minn hawn 'il quddiem ZST-1), jew EUR 24 (Nri tat-tarriffa 4041 u 4012 ZST-1) jekk ir-rikors jiġi ppreżentat f' forma elettronika;

Meta l-Mandat ta' Sekwestru jkun inħareġ minn qorti Slovena, il-bank ikun jinsab is-Slovenja u l-qorti tkun ħarġet ukoll deċiżjoni li tordna lill-bank jieħu l-azzjoni stabbilita fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 260 jew fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 271 ZIZ (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 279e), it-tariffa tal-qorti tkopri wkoll il-ħruġ ta' dik id-deċiżjoni, kif fil-fatt tinħareġ mill-qorti fil-proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru (jiġifieri l-proċedura biex tittieħed deċiżjoni dwar rikors biex tiġi ggarantita pretensjoni).

Meta l-Mandat ta' Sekwestru jkun inħareġ minn qorti barranija u tirċevih qorti Slovena għall-eżekuzzjoni minħabba li l-bank ikun fis-Slovenja, id-deċiżjoni li biha l-qorti tordna lill-bank jieħu l-azzjoni stabbilita fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 260 jew fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 271 ZIZ (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 279e) tinħareġ fil-proċedura mnedija abbażi tar-riċeviment tal-Mandat ta' Eżekuzzjoni. Fuq il-bażi tal-Artikolu 24 tar-Regolament, it-tariffa tal-qorti ma titħallasx f'dan il-każ, peress li d-deċiżjoni ma tistax titqies bħala deċiżjoni dwar miżura kawtelatorja jew miżura preliminari, u l-proċedura li dik id-deċiżjoni tinħareġ biha ma tistax titqies li tkun il-proċedura biex tiġi ggarantita pretensjoni; minflok, hija tiġġenera d-deċiżjoni li biha l-qorti tagħti struzzjonijiet lill-bank dwar kif għandu jiġi eżegwit il-Mandat ta' Sekwestru maħruġa f'pajjiż ieħor.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Klassifikazzjoni ta' mandati nazzjonali ekwivalenti skont il-liġi nazzjonali (l-Artikolu 32):

Meta għadd ta' kredituri jkollhom pretensjonijiet monetarji kontra l-istess debitur u dwar l-istess suġġett tal-eżekuzzjoni, il-pretensjonijiet jridu jitħallsu skont l-ordni ta' meta l-kredituri kisbu d-dritt li jitħallsu lura fir-rigward tas-suġġett, ħlief fejn il-liġi tistipula mod ieħor (l-Artikolu 12 ZIZ).

Il-mod li bih mandat ta' sekwestru maħruġ minn qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jiġi eżegwit huwa billi l-qorti tagħti deċiżjoni li tordna li tittieħed l-azzjoni msemmija fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 271 ZIZ, jiġifieri billi toħroġ miżura kawtelatorja (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 279e ZIZ). Il-qrati jieħdu deċiżjoni dwar miżura kawtelatorja, u jordnaw lill-organizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti tirrifjuta li tħallas lid-debitur, jew lil kull persuna li taġixxi f'isem id-debitur, l-ammont ta' flus fil-kont tad-debitur li jkun kopert mill-miżura kawtelatorja (il-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 271 ZIZ). Dawn il-miżuri kawtelatorji maħruġa minn qorti Slovena fuq il-bażi ta' Mandat ta' Sekwestru Ewropew ta' Stat Membru ieħor ma jagħtux rahan fuq il-garanzija (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 271 ZIZ). Dawn jinħarġu mill-qorti jekk tkun għadha ma tatx sentenza fuq il-merti tal-każ. Jekk il-kreditur jehmeż sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku eżistenti mar-rikors għal mandat ta' sekwestru, tiġi ordnata il-miżura ta' eżekuzzjoni stabbilita fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 260 ZIZ, jiġifieri tingħata deċiżjoni dwar miżura preliminari li tordna s-sekwestru tal-ammont ta' flus fil-kont tad-debitur fl-organizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 279e l-punt 4 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 260 ZIZ). Is-sekwestru jagħti rahan lil kreditur fuq l-assi monetarji tad-debitur fil-kontijiet tal-bank (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 107 flimkien mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 138 u l-Artikolu 239 ZIZ).

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qrati jew, fejn applikabbli, l-awtorità tal-eżekuzzjoni, kompetenti biex tagħti rimedju (l-Artikolu 33(1), Artikolu 34(1) jew (2)):

- rikors għal rimedju (kontestazzjoni) skont l-Artikolu 33(1) jiġi ppreżentat fil-qorti li tkun ħarġet il-Mandat ta' Sekwestru. Dik il-qorti tkun qorti lokali jew qorti distrettwali. Hija tiddeċiedi dwar ir-rikors għal rimedju (l-Artikolu 54 flimkien mal-Artikolu 239 ZIZ);
- rikors għal rimedju skont l-Artikolu 34(1) jiġi ppreżentat fil-Qorti Lokali f'Maribor, li tkun ħarġet il-mandat kawtelatorju (permezz ta' miżura preliminari jew kawtelatorja) fuq il-bażi ta' Mandat ta' Sekwestru ta' Stat Membru ieħor u tkun innotifikatu lill-organizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti. Hija tagħti deċiżjoni dwar ir-rimedju (l-Artikolu 279f ZIZ);

- rikors għal rimedju skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (eċċezzjoni tal-politika pubblika) jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Lokali f'Maribor.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Il-qrati li appell irid jiġi ppreżentat lilhom, il-perjodu taż-żmien biex jiġi ppreżentat dak l-appell skont il-liġi nazzjonali u l-avveniment li jimmarka l-bidu ta' dak il-perjodu (l-Artikolu 37):

Appell jista' jiġi ppreżentat kontra d-deċiżjoni dwar il-kontestazzjoni (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 flimkien mal-Artikolu 239 ZIZ). L-appell jiġi ppreżentat fil-qorti li tkun ħarġet il-Mandat ta' Sekwestru (il-qorti lokali jew distrettwali) jew fil-qorti lokali responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru skont l-Artikolu 23 tar-Regolament.

L-appell irid jiġi ppreżentat **fi żmien tmint ijiem** mid-deċiżjoni mogħtija mill-qorti tal-ewwel istanza dwar il-kontestazzjoni (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 ZIZ).

L-appell jiġi deċiż minn qorti superjuri.

Id-dettalji ta'kuntatt tal-qrati superjuri:

**1 Il-Qorti Superjuri ta' Celje**

Prešernova ulica 22
3102 Celje - p.p. 1034

tel.: (03) 427 51 00
faks: (03) 427 52 70
e-mail: urad.visce@sodisce.si

**2 Il-Qorti Superjuri ta' Koper**

Ferrarska 9
6000 Koper

tel.: (05) 668 30 00
faks: (05) 639 52 45
e-mail: urad.viskp@sodisce.si

**3 Il-Qorti Superjuri ta' Ljubljana**

Tavčarjeva 9
1000 Ljubljana

tel.: (01) 366 44 44
faks: (01) 366 40 70
e-mail: urad.vislj@sodisce.si

**4 Il-Qorti Superjuri ta' Maribor**

Sodna ulica 14
2000 Maribor

tel.: (02) 234 71 00
faks: (02) 234 73 18
e-mail: urad.vismb@sodisce.si

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Indikazzjoni tat-tariffi tal-qorti (l-Artikolu 42):

It-tariffi tal-qorti fi proċedimenti għall-ksib ta' Mandat ta' Sekwestru jew rimedju kontra Mandat ta' dan it-tip huma l-istess daqs dawk għall-ksib ta' mandat nazzjonali ekwivalenti jew rimedju kontra mandat nazzjonali ta' dan it-tip.

Il-ħlas tat-tariffi tal-qorti huma rregolati mill-Artikolu 29b ZIZ. It-tariffi tal-qorti jridu jitħallsu mal-preżentazzjoni tar-rikors għall-eżekuzzjoni, il-kontestazzjoni jew l-appell jew mhux aktar tard minn tmint ijiem wara n-notifika tal-ordni għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti.

Jekk it-tariffi tal-qorti jistgħu jiġu kkalkulati awtomatikament, ordni ta' ħlas tinħareġ ladarba r-rikors jiġi ppreżentat elettronikament, u r-rikorrent jintalab iħallas it-tariffi bi trasferiment lejn kont partikolari u jikkwota n-numru ta' referenza indikat fl-ordni ta' ħlas. L-ordni ta' ħlas tat-tariffi tal-qorti jitqies li ġie nnotifikat meta jew ir-rikorrent stess jew ir-rappreżentant tiegħu jippreżenta r-rikors elettronikament.

Jekk it-tariffi tal-qorti ma jitħallsux fil-ħin, ir-rikors jitqies li ġie rtirat.

Fl-ordni ta' ħlas, il-qorti trid tavża lill-parti kkonċernata bil-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tal-qorti.

L-ammont tat-tariffi tal-qorti huwa stabbilit mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (ZST-1) (UL RS Nri 37/08, 97/10, 63/13, 58/14 – id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 19/15 – id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u 30/16). It-tariffi tal-qorti huma l-istess bħal fil-proċeduri relatati ma' mandat nazzjonali ekwivalenti, li huwa l-mandat kawtelatorju.

Jintalbu l-ammonti fissi li ġejjin għal dawn it-tariffi:

| | Jekk rikors jiġi ppreżentat fuq karta | Jekk rikors jiġi ppreżentat f'forma elettronika |
|---|---|---|
| Proċedura li tikkonċerna rikors għal Mandat ta' Sekwestru | EUR 30 (tariffa Nru 4012 ZST-1) | EUR 24 (tariffa Nru 4041 u 4012 ZST-1) |
| Proċedura li tikkonċerna kontestazzjoni | EUR 30 (tariffa Nru 4022 ZST-1) | EUR 24 (tariffa Nru 4041 u 4022 ZST-1) |
| Proċedura li tikkonċerna appell | EUR 33 (tariffa Nru 4033 ZST-1) | EUR 26.4 (tariffa Nru 4041 u 4033 ZST-1) |

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti (l-Artikolu 49(2)):

Il-lingwi uffiċjali huma s-Sloven u ż-żewġ lingwi nazzjonali minoritarji, li jintużaw uffiċjalment fil-qrati f'postijiet fejn jgħixu dawn il-minoritajiet nazzjonali (l-Artikoli 6 u 104 ZPP). Il-lingwi minoritarji nazzjonali huma t-Taljan u l-Ungeriż. Il-Qorti Lokali ta' Piran, il-Qorti Lokali ta' Koper u l-Qorti Distrettwali ta' Koper joperaw bit-Taljan, filwaqt li l-Qorti Lokali ta' Lendava topera bl-Ungeriż.

Il-muniċipalitajiet b'taħlita ta' ċittadinanzi huma koperti mill-Att dwar it-Twaqqif tal-Muniċipalitajiet u l-Konfini Muniċipali (UL RS, Nru 108/06 - verżjoni uffiċjali kkonsolidata u 9/11; minn hawn 'il quddiem ZUODNO), Skont l-Artikolu 5 ZUODNO: "Il-muniċipalitajiet b'taħlita ta' ċittadinanzi għandhom, b'konformità ma' dan l-Att, jiġu identifikati bħala tali mill-istatuses kurrenti tal-muniċipalitajiet ta' Lendava, Hodoš - Šalovci, Moravske Toplice, Koper, Izola u Piran."

L-aħħar aġġornament: 31/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Slovakkja

### Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

It-talbiet għal ordni ta' preservazzjoni huma koperti mill-ġuriżdizzjoni tal-qorti ġenerali tal-persuna li t-talba għal ordni ta' preservazzjoni tkun qed issir kontriha. Jekk il-ġuriżdizzjoni territorjali ġenerali applikabbli għal persuna ma tistax tiġi ddeterminata, il-qorti b'ġuriżdizzjoni tkun il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica (*Okresný súd Banská Bystrica*).

Il-proċedimenti li jirrigwardaw l-Ordni tal-Preservazzjoni huma rregolati mill-Att Nru 54/2017 dwar l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u li jemenda l-Att tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk Nru 71/1992 dwar it-tariffi tal-qorti u t-tariffi għall-estratti mir-reġistru kriminali, kif emendat.

Il-kompetenza territorjali tkun tal-qorti ġenerali tal-konvenut: għall-persuni fiżiċi din tkun il-qorti li fil-ġuriżdizzjoni tagħha l-persuna tkun residenti b'mod permanenti, għall-persuni ġuridiċi tkun il-qorti li fil-ġuriżdizzjoni tagħha l-persuna jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, u għall-persuni ġuridiċi barranin tkun il-qorti li l-fergħa tagħhom tkun tinsab fil-ġuriżdizzjoni tagħha. Jekk qorti kompetenti ma tkunx tista' tiġi ddeżinjata fuq il-bażi ta' indirizz permanenti jew indirizz ta' uffiċċju rreġistrat, jew l-aktar indirizz permanenti jew ta' uffiċċju rreġistrat reċenti, il-kompetenza tkun tal-qorti li l-persuna jkollha proprjetà fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

### Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet

L-awtorità tal-informazzjoni hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica.

Indirizz: Skuteckého 28, 975 59 Banská Bystrica

### Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet

L-awtorità tal-informazzjoni tikseb informazzjoni permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi awtomatizzati minn sistema ta' informazzjoni speċjali.

Jekk l-informazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb b'dan il-mod, pereżempju jekk is-sistema ma taħdimx sew, l-awtorità tal-informazzjoni tista' tippreżenta talba lill-banek għall-informazzjoni dwar jekk debitur ikollux kont magħhom, jew titlob lid-debitur jipprovdi informazzjoni dwar ma' liema bank jew banek ikollu kont jew kontijiet; meta timponi dan l-obbligu, il-qorti trid toħroġ ukoll ordni *in personam* li tipprojbixxi lid-debitur milli jiġbed jew jittrasferixxi fondi miżmuma fil-kont jew kontijiet tiegħu, sal-ammont kopert mill-ordni ta' preservazzjoni.

### Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

Skont l-Artikolu 10 tal-Att Nru 54/2017, ir-rikorsi għal rimedji jiġu ppreżentati fil-qorti li tkun ħarġet l-ordni.

### Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra

Skont l-Artikolu 10(2), jekk il-qorti tal-oriġini u l-eżekuzzjoni tkun qorti Slovakka, l-awtorità kompetenti għat-trażmissjoni tad-dokumenti tkun il-qorti li tkun ħarġet l-ordni ta' preservazzjoni. In-notifika tad-dokumenti hija rregolata mill-Artikolu 105 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Jekk ordni tkun ġiet revokata minn qorti Slovakka u tkun trid tiġi eżegwita fi Stat Membru ieħor, il-qorti trid taġixxi skont ir-Regolament; hija trid tirrevoka l-ordni permezz ta' formola li tibgħat lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni. Għall-ordnijiet ta' preservazzjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica hija kompetenti biex tirċievi l-formola ta' revoka tal-ordni ta' preservazzjoni.

Skont l-Artikolu 23(3), il-qorti li tkun ħarġet ordni ta' preservazzjoni li trid tiġi eżegwita fi Stat Membru ieħor tinnotifika lill-pretendent biha b'tali mod li l-pretendent ikun jista' jitlob l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' preservazzjoni. Jekk ordni tinħareġ fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għat-trażmissjoni tkun il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica.

Skont l-Artikolu 23(5), l-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica.

Skont l-Artikolu 23(6), l-awtorità kompetenti biex tirċievi l-formoli, inklużi l-formoli għall-banek, hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica.

Skont l-Artikolu 25(3), l-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' ordni hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica, li għandha l-kompetenza għall-kompiti assoċjati mal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' preservazzjoni maħruġa fi Stat Membru tal-UE ieħor.

Skont l-Artikolu 27(2), il-qorti kompetenti hija l-qorti li qed teżegwixxi ordni ta' preservazzjoni.

Skont l-Artikolu 28(3), il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica hija kompetenti biex tirċievi dokumenti minn Stat Membru ieħor biex jiġu nnotifikati fis-Slovakkja. Jekk ordni maħruġa minn qorti Slovakka trid tiġi nnotifikata lil debitur residenti fi Stat Membru ieħor, il-qorti kompetenti li tittrażmetti d-dokumenti tkun dik li ħarġet l-ordni.

Skont l-Artikolu 36(5), l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica, li għandha l-kompetenza għall-kompiti assoċjati mal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' preservazzjoni maħruġa fi Stat Membru tal-UE ieħor.

Skont l-Artikolu 27(2), il-qorti kompetenti hija l-qorti li qed teżegwixxi ordni ta' preservazzjoni.

Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(3), id-dokumenti jiġu nnotifikati mill-qorti li ħarġet l-ordni ta' preservazzjoni. Skont it-tieni subparagrafu, l-awtorità kompetenti għan-notifika ta' dokumenti lid-debitur hija l-qorti li eżegwiet l-ordni ta' preservazzjoni.

Skont l-Artikolu 36(5), l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica.

### Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet

Il-qorti kompetenti biex teżegwixxi ordni ta' preservazzjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor hija l-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica. Il-qorti kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' preservazzjoni maħruġa fir-Repubblika Slovakka hija l-qorti li tkun ħarġet dik l-ordni ta' preservazzjoni.

### Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati

L-awtorità tal-informazzjoni għandha d-dritt titlob biss dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa biex tidentifika l-bank u l-kontijiet tad-debitur, u mhux il-kontijiet ta' terzi miżmuma f'isem id-debitur. L-awtorità tal-informazzjoni ma tingħatax informazzjoni bħal din dwar terzi u ma tistax timblokka l-kontijiet tagħhom, la kompletament u lanqas parzjalment. L-awtorità tal-informazzjoni tista' tikseb biss informazzjoni dwar kontijiet miżmuma b'mod konġunt ma' debitur.

L-awtorità kompetenti għall-preservazzjoni tal-kontijiet konġunti ta' persuna li ssir talba kontriha hija:

(a) il-qorti li ħarġet l-ordni, għal ordni maħruġa fir-Repubblika Slovakka u li trid tiġi eżegwita hemmhekk;

(b) Il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica, għal ordni maħruġa fi Stat Membru ieħor u li trid tiġi eżegwita fir-Repubblika Slovakka.

### Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid

Il-fondi li ġejjin ma jistgħux jiġu mblukkati:

kontijiet li jappartjenu għal persuni li l-proprjetà tagħhom ma tistax tiġi ssekwestrata;

kontijiet li ma jistgħux jiġu ssekwestrati;

kontijiet li mhumiex soġġetti għal sekwestru.

Il-pretensjonijiet li mhumiex soġġetti għal qbid huma ddefiniti fl-Artikolu 104 tal-Att Nru 233/1995.

Dawn li ġejjin mhumiex soġġetti għal sekwestru b'addebitazzjoni fil-kont:

fondi ta' kontijiet ta' sa EUR 99.58. Id-debitur mhux meħtieġ jipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe fond sa dan l-ammont;

fondi espressament iddikjarati mid-debitur bħala merfugħa għall-ħlas tas-salarji tal-persunal għall-eqreb perjodu ta' ħlas għad-data ta' meta ġie nnotifikat il-bank bl-ordni jibda l-mandat ta' sekwestru. F'dan il-każ, id-debitur għandu jagħmel dikjarazzjoni espressa;

meta s-salarju tad-debitur jew introjtu ieħor jitħallas f'kont bankarju, is-sekwestru b'addebitament tal-kont ma japplikax għal dawn il-fondi sal-ammont li bil-liġi ma tistax tinżamm mis-salarju ta' kull xahar jew minn introjtu ieħor; dan japplika mill-mument li l-bank jiġi nnotifikat. Id-debitur għandu jinnotifika lill-bank b'dak l-ammont.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Sakemm titnieda s-sistema ta' informazzjoni speċjali bla ħlas, il-banek huma intitolati jitolbu ħlas ta' EUR 20-30 għall-ġestjoni tal-klijenti, inkluża l-informazzjoni dwar il-kont, skont it-Tariffi Bankarji. Il-banek għandhom id-dritt jirkupraw l-ispejjeż mingħand il-persuna li ordni ta' preservazzjoni tkun qed saret kontriha.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Fis-Slovakkja, il-qrati u l-banek biss huma involuti fl-ipproċessar u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' preservazzjoni. Il-banek jitolbu l-ħlas skont it-Tariffi Bankarji. Id-drittijiet tal-qorti huma rregolati mill-Att Nru 71/1992.

It-tariffa tal-qorti għal talba għall-eżekuzzjoni ta' miżura urġenti fi Stat Membru ieħor hija ta' EUR 16.50.

It-tariffa tal-qorti għal talba għall-eżekuzzjoni ta' miżura urġenti fi Stat Membru ieħor hija ta' EUR 33.

It-tariffa tal-qorti għal talba għal miżura urġenti li trid tiġi eżegwita fis-Slovakkja, kompletament jew parzjalment, hija ta' EUR 49.50.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Fis-Slovakkja ma hemm l-ebda istituzzjoni legali separata tal-preservazzjoni tal-kontijiet. L-ordni ta' prijorità għal ordnijiet Ewropej li jikkonċernaw l-istess kont bankarju ssegwi d-dati ta' meta l-bank jiġi nnotifikat bl-ordnijiet ta' preservazzjoni. Jekk fl-istess jum ikun hemm aktar minn ordni ta' preservazzjoni waħda, dawn ikollhom l-istess prijorità. Jekk ma jkunx hemm fondi biżżejjed fil-kont tad-debitur għall-preservazzjoni tal-ammonti kollha stabbiliti fl-ordnijiet, il-fondi jiġu ppreservati b'mod proporzjonat. L-eżekuzzjoni ta' ordni ta' preservazzjoni ma għandhiex effett sospensiv fuq l-eżekuzzjoni, u ma tinvolvix dritt preferenzjali biex jiġu żgurati l-fondi preservati.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti kompetenti għar-rimedji hija l-qorti li tkun ħarġet jew eżegwiet l-ordni.

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

L-appelli jitressqu quddiem il-qorti tal-ewwel istanza li l-appell ikun sar kontra d-deċiżjoni tagħha. Il-qorti kompetenti biex tisma' l-appelli hija l-qorti tat-tieni istanza (il-qorti reġjonali). L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-appell hija ta' 15-il jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza. L-istess skadenza tapplika jekk l-appell jiġi ppreżentat direttament lill-qorti tat-tieni istanza.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Id-drittijiet tal-qorti huma rregolati mill-Att Nru 71/1992. It-tariffi assoċjati mal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' preservazzjoni huma kif ġej: talba għall-ordni ta' miżura urġenti: EUR 33 jew EUR 49.50; talba għal tħassir jew emenda: EUR 33; talba għal informazzjoni li tifforma parti minn talba għal ordni: EUR 3; talba għall-eżekuzzjoni ta' miżura urġenti fi Stat Membru ieħor: EUR 16.50.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Għall-finijiet tal-Artikolu 49(2) il-lingwi aċċettati huma s-Slovakk, iċ-Ċek u l-Ingliż.

L-aħħar aġġornament: 26/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Finlandja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Qorti Distrettwali ta' Helsinki

Porkkalankatu 13

FI – 00180 Helsinki

Indirizz postali:

Box 650

FI – 00181 Helsinki

Tel:: +358 2956 44200 (swiċċbord)

Faks: +358 29 2956 44218

Posta elettronika: helsinki.ko@oikeus.fi

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

Il-bailiff huwa l-awtorità kompetenti biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kont. It-talba għal informazzjoni tal-kont tista' tintbagħat direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar (Ulosottolaitoksen keskushallinto), li tibgħatha lill-bailiff.

Dettalji ta' kuntatt tal-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar:

Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar

Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet

Kaxxa Postali 2

00067 Ulosottolaitos

Finlandja

tel. +358 2956 58801

Faks: +358 29 562 2611

Email: hallinto.uo@oikeus.fi

Dettalji ta' kuntatt tal-bailiff

Id-dettalji ta' kuntatt tal-bailiff huma disponibbli online bil-Finlandiż, l-Iżvediż u l-Ingliż fuq https://ulosottolaitos.fi/fi, sit web miżmum mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Kif wieħed jikseb informazzjoni tal-kont disponibbli skont il-liġi Finlandiża huwa stipulat fl-Artikolu 14(5)(a) tar-Regolament (il-banek kollha fit-territorju Finlandiż għandhom l-obbligu li jiżvelaw, fuq talba mill-awtorità ta' informazzjoni (jiġifieri l-bailiff), jekk id-debitur għandux kont magħhom).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Helsinki jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Helsinki. Ir-rikors tal-appell għandu jiġi indirizzat lill-Qorti tal-Appell ta' Helsinki u għandu jintbagħat lir-reġistru tal-qorti distrettwali li tat dik id-deċiżjoni, jiġifieri l-Qorti Distrettwali ta' Helsinki. Għad-dettalji ta' kuntatt tal-Qorti Distrettwali ta' Helsinki ara l-Artikolu 50(1)(a).

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

*Artikolu 10(2)*: L-awtorità li għandha l-kompetenza biex tirrevoka jew ittemm l-Ordni ta' Preservazzjoni huwa l-bailiff. Il-formola tar-revoka tista' tintbagħat direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħatha lill-bailiff (ara l-Artikolu 50(1)(b)).

*Artikolu 23(3)*: Jekk l-Ordni ta' Preservazzjoni nħarġet fil-Finlandja, (il-Finlandja hija l-pajjiż tal-oriġini), il-qorti li ħarġitu (jiġifieri l-Qorti Distrettwali ta' Helsinki) hija responsabbli għat-twassil tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament (ara l-Artikolu 50(1)(a)).

Jekk l-Ordni ta' Preservazzjoni għandha tiġi eżegwita fil-Finlandja (il-Finlandja hija l-istat ta' eżekuzzjoni), il-bailiff huwa l-awtorità kompetenti tal-istat ta' eżekuzzjoni. Id-dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni jistgħu jintbagħtu direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħathom lill-bailiff (ara l-Artikolu 50(1)(f)).

*Artikolu 23(5)*: Ara t-tweġiba għall-Artikolu 50(1)(f).

*Artikolu 23(6)*: Ara t-tweġiba għall-Artikolu 50(1)(f).

*Artikolu 23(3)*: Il-bailiff responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni joħroġ id-dikjarazzjoni dwar il-preservazzjoni tal-fondi, imsemmija fl-Artikolu 25, u jibgħatha lill-qorti li ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni u lill-kreditur.

*Artikolu 27(2)*: L-awtorità kompetenti għar-rilaxx ta' ammonti żejda li ġew preservati huwa l-bailiff responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Preservazzjoni. Il-formola tar-revoka tista' tintbagħat direttament lill-bailiff li ħareġ id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 25 jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħatha lill-bailiff (ara l-Artikolu 50(1)(b)).

*Artikolu 28(3)*: Jekk il-Finlandja hija l-pajjiż tal-oriġini, ir-responsabbiltà għan-notifika u għat-trażmissjoni tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 28(1) lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn għandu d-domiċilju d-debitur, hija tal-qorti li ħarġet l-Ordni ta' Preservazzjoni, jiġifieri l-Qorti Distrettwali ta' Helsinki.

Jekk id-debitur huwa domiċiljat fil-Finlandja, l-awtorità kompetenti għan-notifika tiddependi minn jekk il-kontijiet bankarji li jridu jiġu ppreservati humiex il-Finlandja. Jekk il-kontijiet bankarji li jridu jiġu ppreservati qegħdin il-Finlandja, l-awtorità kompetenti għan-notifika huwa l-bailiff. F'dak il-każ, id-dokumenti li jridu jiġu nnotifikati jistgħu jintbagħtu direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħathom lill-bailiff. Jekk il-kontijiet bankarji li jridu jiġu ppreservati mhux qegħdin il-Finlandja, l-awtorità kompetenti għan-notifika hija l-Qorti Distrettwali ta' Helsinki.

L-Artikolu 36(5), it-tieni subparagrafu: L-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar rimedju huwa l-bailiff. Id-deċiżjoni dwar rimedju tista' tintbagħat direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħatha lill-bailiff.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità kompetenti għall-eżekuzzjoni ta' miżuri kawtelatorji fil-Finlandja huwa l-bailiff. Jekk il-Finlandja hija l-istat ta' eżekuzzjoni, id-dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni, imsemmija fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament, jistgħu jintbagħtu direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħathom lill-bailiff (ara l-Artikolu 50(1)(b)).

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

Is-sekwestru tal-propjetà mobbli, bħal flus kontanti miżmuma f'kontijiet bankarji, isir skont il-Kapitolu 8, Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (705/2007) u jħares ukoll, fejn japplikaw, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 dwar il-qbid.

Skont il-Kapitolu 4, Artikolu 11, tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni, il-propjetà mobbli li qiegħda b'mod konġunt għand id-debitur u parti terza titqies li hija tagħhom f' sehem indaqs, sakemm il-parti terza ma turix, jew hija ċara mod ieħor, li hija l-sid uniku tal-propjetà jew għandha l-ikbar sehem minn dik il-propjetà. Abbażi ta' din il-preżunzjoni dwar id-dritt tas-sjieda, nofs il-fondi f'kont bankarju miżmum b'mod konġunt minn debitur u parti terza jitqiesu li huma tad-debitur, jiġifieri li dan in-nofs jista' jkun soġġett għal miżura ta' preservazzjoni (barra l-ammonti eżenti mill-preservazzjoni skont l-Artikolu 31).

Il-preżunzjoni ta' sjieda konġunta tieqaf tapplika, madankollu, jekk joħroġ li l-assi kienu fil-fatt il-propjetà kollha tad-debitur jew ta' parti terza, jew li ma kellhomx sehem indaqs. Il-partijiet terzi li jsostnu li huma l-propjetarji waħdiena jew li huma sidien ta' aktar minn nofs l-assi għandhom iġibu prova ta' dan.

Kodiċi ta' Eżekuzzjoni: http://www.finlex.fi/fi/laki/ajantasa/2007/20070705

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Skont il-Kapitolu 4, l-Artikolu 21(1) punt 6 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni, f'każ ta' debitur li huwa persuna fiżika, jiġi separat ammont mis-sekwestru li huwa ugwali għal darba u nofs il-porzjoni protetta tal-assi fi flus tad-debitur jew propjetà oħra msemmija fl-Artikolu 48, għal perjodu ta' xahar, sakemm id-debitur ma għandux iktar dħul korrispondenti.

Skont il-Kapitolu 4, l-Artikolu 48(3), l-ammont tal-porzjoni protetta jiġi rivedut annwalment b'Digriet tal-Ministeru għall-Ġustizzja, kif provdut fl-Att dwar l-Indiċi tal-Pensjonijiet Nazzjonali (456/2001). L-ammont attwali tal-porzjoni protetta jista' jinstab fuq: https://ulosottolaitos.fi/fi/index/tietoaulosotosta/tietoavelalliselle/mitenulosmitattavamaaralasketaan.html

Konjuġi jfisser sieħeb miżżewweġ jew sieħeb mhux miżżewweġ li jgħix f'relazzjoni ekwivalenti għaż-żwieġ. Dawk li jitqiesu bħala dipendenti fuq id-debitur għall-manteniment huma persuna li għandha dħul li huwa inqas mill-porzjoni protetta ikkalkulata għad-debitur innifsu u għat-tfal f'pożizzjoni simili, irrispettivament minn jekk is-sieħeb l-ieħor iħallas ukoll għall-manteniment tat-tfal. Il-manteniment imħallas mid-debitur jista' jiġi meqjus kif provdut fil-Kapitolu 4, Artikoli 51-53 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni.

L-ammont imsemmi hawn fuq jiġi eżentat mis-sekwestru mingħajr l-ebda talba mid-debitur; il-bailiff responsabbli għall-Ordni ta' Preservazzjoni u għall-eżenzjoni ta' dawn l-ammonti huwa għalhekk meħtieġ, skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament biex jeżenta l-ammont rilevanti mill-preservazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Taħt il-liġi Finlandiża l-banek ma għandhomx dritt jitlobu l-ħlas ta' tariffi biex jimplimentaw ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jagħtu informazzjoni dwar il-kontijiet.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Il-bailiffs iżommu tariffa ta' EUR 225 għall-eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Preservazzjoni. It-tariffa hija regolat mill-Artikolu 2(5) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Eżekuzzjoni (34/1995) u l-Artikolu 5(1) punt 3 tad-Digriet dwar it-Tariffi ta' Eżekuzzjoni (35/1995). Skont l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar it-Tariffi għall-Eżekuzzjoni, it-tariffa trid titħallas biss mir-rikorrent, mhux mid-debitur.

L-ebda tariffa ma għandha titħallas għal miżuri meħuda mill-bailiff matul il-proċedura għall-kisba ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont l-Artiklu 14 tar-Regolament.

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Il-miżuri kawtelatorji skont il-liġi Finlandiża ma jipprovdu l-ebda klassifikazzjoni għas-sekwestru. Il-bażi ġuridika huwa l-Kapitolu 4, l-Artikolu 43 tal-Kodiċi għall-Eżekuzzjoni li jgħid li qbid jew miżuri kawtelatorji oħra ma jwaqqfux is-sekwestru.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

*Artikolu 33(1)*: Qorti Distrettwali ta' Helsinki. Għad-dettalji ta' kuntatt ara l-Artikolu 50(1)(a).

*Artikolu 34(1)*: Il-bailiff. Ir-rikors għal rimedju jista' jintbagħat direttament lill-bailiff jew lill-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar, li tibgħatha lill-bailiff. Għad-dettalji ta' kuntatt ara l-Artikolu 50(1)(b).

*Artikolu 34(2)*: Qorti Distrettwali ta' Helsinki. Għad-dettalji ta' kuntatt ara l-Artikolu 50(1)(a).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Appell mid-deċiżjoni dwar rimedju, meħuda mill-Qorti Distrettwali ta' Helsinki, jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Helsinki. In-notifika tal-appell indirizzata lill-Qorti tal-Appell ta' Helsinki għandha tintbagħat lir-reġistru tal-qorti distrettwali li tat dik id-deċiżjoni, jiġifieri l-Qorti Distrettwali ta' Helsinki.

L-iskadenza għall-preżentata ta' appell huwa 30 ġurnata mid-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni tal-qorti distrettwali jew meta saret disponibbli għall-partijiet. In-notifika tal-appell għandha tintbagħat lir-reġistru tal-qorti distrettwali qabel il-ħinijiet tal-għeluq fl-aħħar data tal-iskadenza. Ir-reġistru jagħlaq fl-16.15pm.

Appell kontra deċiżjoni meħuda minn bailiff dwar rimedju jista' jsir quddiem il-qorti distrettwali li tisma' l-appelli dwar l-eżekuzzjoni skont il-Kapitolu 11, l-Artikolu 2 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni. In-notifika tal-appell indirizzata lill-qorti distrettwali għandha tintbagħat lill-uffiċċju tal-bailiff li ħa d-deċiżjoni b'email lil ulosotto.uo@oikeus.fi jew bil-posta fl-indirizz li ġej: Kaxxa Postali 1, 00067 Ulosottolaitos. Għad-dettalji ta' kuntatt tal-bailiff ara l-Artikolu 50(1)(b).

L-appelli dwar l-eżekuzzjoni jinstemgħu mill-qrati distrettwali tal-Gżejjer Åland, Helsinki, Länsi-Uusimaa, Oulu, Pirkanmaa, Pohjanmaa, Pohjois-Savo, Päijät-Häme u Varsinais-Suomi. L-appell jinstema' mill-qorti distrettwali li fil-ġuriżdizzjoni tagħha twettqet il-miżura ta' eżekuzzjoni. Id-dettalji ta' kuntatt huma disponibbli fis-sit https://oikeus.fi.

Hemm skadenza ta' tliet ġimgħat għall-preżentata tal-appelli. Dan il-perjodu ta' tliet ġimgħat jiġi kkalkulat mid-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni, jekk il-persuna kkonċernata ġiet innotifikata bil-quddiem jew kienet preżenti meta ngħatat. Inkella, il-perjodu għall-preżentata ta' appell jiġi kkalkulat mid-data li fiha l-persuna kkonċernata ġiet infurmata bid-deċiżjoni. Il-Kapitolu 3, l-Artikolu 39(2) tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni jistipula meta r-riċevitur jitqies li ġie infurmat b'deċiżjoni mibgħuta bil-posta normali jew dik elettronika. Sakemm mhux pruvat mod ieħor, in-notifika titqies li saret tliet ijiem wara li jkun ġie mibgħut messaġġ elettroniku jew seba' ijiem wara li d-dokument ikun ġie impustat jew iddepożitat f'post riservat għall-konsenji postali. Id-data tal-impustjar jew tad-depożitu trid tkun tidher fuq id-dokument.

In-notifika tal-appell għandha tintbagħat lill-uffiċċju tal-bailiff li ħa d-deċiżjoni b'email lil ulosotto.uo@oikeus.fi jew bil-posta fl-indirizz li ġej: Kaxxa Postali 1, 00067 Ulosottolaitos, qabel il-ħinijiet tal-għeluq fl-aħħar data tal-iskadenza. Ir-reġistru jagħlaq fl-16.15pm.

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

It-tariffi tal-qorti u t-tariffi għall-appelli huma regolati mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (1455/2015). It-tariffa għar-rikors il-qorti għal Ordni ta' Preservazzjoni hija l-istess bħal dik għall-ipproċessar ta' miżuri kawtelatorji skont il-liġi nazzjonali. It-tariffi li jridu jitħallsu għall-ipproċessar ta' dawn il-miżuri kawtelatorji skont l-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti huma attwalment ibbażati fuq it-tariffa għas-smigħ tal-proċedimenti prinċipali marbuta mar-rikors jew intitolament tar-rikorrent.

L-ammont tat-tariffa għalhekk jiddependi mill-proċedimenti prinċipali li bdew il-kawża għal Ordni ta' Preservazzjoni. Jekk il-proċedimenti prinċipali kienu jinvolvu tilwima, it-tariffa għal proċedimenti fil-qorti distrettwali għal rikors għal Ordni ta' Preservazzjoni hija ta' massimu ta' EUR 500 skont l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti. It-tariffi tal-qorti jistgħu jkunu iktar baxxi, pereżempju, jekk il-proċedimenti ewlenin jinvolvu tilwima sommarja, kif imsemmi fil-Kapitolu 5, l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja: It-tariffa tal-qorti tista' tkun ta' EUR 65.86 jew 250, skont kif jiġu deċiżi il-proċedimenti prinċipali u jekk il-konvenut ikkontestax il-kawża.

It-tariffi tal-qorti għall-qorti tal-appell huma massimu ta' EUR 500.

It-tariffa tal-qorti titħallas mat-tlestija tal-proċedura, jiġifieri meta l-kawża tiġi konkluża l-qorti.

Ma titħallax l-ebda tariffa għall-invokazzjoni ta' rimedju kontra Ordni ta' Preservazzjoni.

Att dwar it-Tariffi tal-Qorti: http://www.finlex.fi/fi/laki/ajantasa/2015/20151455

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Il-Finlandiż, l-Iżvediż u l-Ingliż.

L-aħħar aġġornament: 19/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet - Svezja

**Artikolu 50(1)(a) — Qrati kompetenti biex joħorġu l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

Applikazzjoni għal mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet trid issir lill-qorti distrettwali.

**Artikolu 50(1)(b) — l-awtorità nominata bħala kompetenti biex tikseb informazzjoni dwar il-kontijiet**

L-awtorità tal-informazzjoni hija l-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża.

Swedish Enforcement Authority

Box 1050

SE-172 72 Sundbyberg

Telefown: +46 771-73 73 00

Tel. għal telefonati minn barra l-pajjiż: +46 8 564 851 50

Faks: +46 8 29 2614

Posta elettronika: kontakt@kronofogden.se

**Artikolu 50(1)(c) — Metodi għall-ksib ta' informazzjoni dwar il-kontijiet**

Fuq talba mingħand l-awtorità tal-informazzjoni, il-banek huma mitluba jiddikjaraw jekk id-debitur għandux kont bankarju magħhom, jiġifieri l-metodu stabbilit fl-Artikolu 14(5)(a). Dan huwa skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-preservazzjonijiet tal-kontijiet fl-UE (2016:757).

**Artikolu 50(1)(d) — Qrati li quddiehom jista' jsir appell kontra rifjut li tinħareġ l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet**

Appell kontra deċiżjoni maħruġa minn qorti distrettwali jinstema' mill-qorti tal-appell. Id-deċiżjoni mill-qorti tal-appell jinstema' mill-Qorti Suprema. Madankollu, l-appell irid jitressaq quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata.

**Artikolu 50(1)(e) — Awtoritajiet nominati bħala kompetenti biex jirċievu, jittrażmettu jew iservu l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dokumenti oħra**

L-awtorità kompetenti hija l-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża.

**Artikolu 50(1)(f) — Awtorità kompetenti biex toħroġ l-Ordni Ewropea tal-Preżervazzjoni tal-Kontijiet**

L-awtorità eżekuttiva hija l-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża.

**Artikolu 50(1)(g) — Il-punt sa fejn il-kontijiet konġunti jew ta' mandatarju jistgħu jiġu preżervati**

L-assi mobbli jistgħu jiġu ssekwestrati jekk l-assi jappartjenu b'mod ċar lid-debitur (il-Kapitolu 4, l-Artikolu 17 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn (1981:774); ara l-Kapitolu 16, l-Artikolu 13). Dan japplika wkoll għall-fondi f'kontijiet konġunti u kontijiet ta' mandatarju. Fir-rigward ta' kontijiet bankarji miżmuma b'mod konġunt minn żewġ individwi, it-tnejn li huma jiġu assenjati sjieda ta' nofs il-kontenut tal-kontijiet jekk ma jiġi ddikjarat xejn għall-kuntrarju. Il-kwistjoni ta' jekk l-assi jappartjenux għad-debitur titqies każ b'każ abbażi taċ-ċirkustanzi rilevanti.

**Artikolu 50(1)(h) — Ir-regoli applikabbli għall-ammonti eżenti minn qbid**

Ir-regoli dwar x'jista' jkun eżenti mill-preservazzjoni huma stabbiliti fil-Kapitolu 5 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn (1981:774). Flus, depożiti bankarji, talbiet u oġġetti oħrajn jistgħu jkunu eżenti jekk dawk l-assi huma meħtieġa biex jappoġġjaw lid-debitur sakemm l-introjtu jkun biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż rilevanti, iżda l-eżenzjoni, għajr għal raġunijiet eċċezzjonali, ma għandhiex tkun għal perjodu ta' aktar minn xahar. Ir-regoli dwar proprjetà mhux sekwestrata għandhom jiġu applikati mill-awtorità tal-eżekuzzjoni *ex officio*, jiġifieri d-debitur ma jeħtieġx li jinvokahom b'mod speċifiku.

**Artikolu 50(1)(i) — Tariffi, jekk imposti mill-banek, għall-implimentazzjoni ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti jew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet, u informazzjoni dwar il-parti responsabbli biex iħallas dawk it-tariffi**

Skont id-dritt Żvediż, il-banek ma jistgħux jimponu miżata biex jiggarantixxu s-sekwestru jew miżura ta' sigurtà simili; lanqas ma jistgħu jimponu miżata biex jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji lill-awtorità tal-informazzjoni.

**Artikolu 50(1)(j) – l-iskala ta' tariffi jew sett ieħor ta' regoli li jistabbilixxu t-tariffi applikabbli imposti minn kwalunkwe awtorità jew korp ieħor involut fl-ipproċessar jew l-eżekuzzjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni**

Ir-regoli dwar il-miżati tal-eżekuzzjoni huma stabbiliti fl-Ordinanza dwar il-miżati tal-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża (1992:1094). Fi proċedimenti tal-eżekuzzjoni, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ġestjoni jingħabar fil-forma ta' miżata bażika, miżata ta' preparazzjoni, miżata tal-bejgħ u miżata speċjali. Il-miżata bażika tammonta għal SEK 600. Meta deċiżjoni dwar is-sekwestru tal-kontijiet maħruġa abbażi tar-Regolament tal-UE dwar is-sekwestru tal-kontijiet bankarji tiġi infurzata, tiġi imposta biss il-miżata bażika ta' SEK 600.

Fil-każ ta' ġbir ta' dejta, miżata ta' SEK 300 tista' tiġi imposta mill-awtorità tal-ġbir tad-dejta (l-Awtorità tal-eżekuzzjoni Żvediża).

**Artikolu 50(1)(k) — Gradazzjoni, jekk ikun hemm, ta' ordnijiet nazzjonali ekwivalenti**

Ma hemm l-ebda klassifikazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' sekwestru tal-kontijiet Żvediżi.

**Artikolu 50(1)(l) — Qrati jew awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tagħti rimedju**

Il-qorti kompetenti biex teżamina applikazzjoni għal rimedju skont l-Artikolu 33(1) hija l-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni għas-sekwestru tal-kontijiet (skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu tal-Att dwar is-sekwestru tal-kontijiet fl-UE (2016:757)).

L-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża hija kompetenti biex teżamina applikazzjoni għal rimedju skont l-Artikolu 34(1) (l-Artikolu 10 tal-Att dwar is-sekwestru tal-kontijiet fl-UE (2016:757)).

Il-qorti kompetenti biex teżamina applikazzjoni għal rimedju skont l-Artikolu 34(2) hija l-qorti distrettwali li, skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 18 tal-Kodiċi tal-eżekuzzjoni tad-Dejn, teżamina appelli kontra deċiżjonijiet mill-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża (skont it-tieni subparagrafu tat-Taqsima 10 tal-Att dwar il-preservazzjoni tal-kontijiet fl-UE (2016:757)). It-Taqsima 1 tal-Kapitolu 18 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn tirreferi għat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 17 tal-Ordinanza tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn (1981:981). Skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 17 tal-Ordinanza tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn, il-qrati distrettwali kompetenti huma kif jidher hawn taħt. Il-kelma "konvenut" tfisser id-debitur.

Jekk id-debitur mhuwiex abitwalment residenti fl-Iżvezja, il-qorti distrettwali ta' Nacka hija kompetenti biex teżamina applikazzjoni għal rimedju skont l-Artikolu 34(2).

**Artikolu 50(1)(m) — Qrati li quddiemhom għandhom jiġi ppreżentat appell u l-limitu ta' żmien, jekk ikun il-każ, biex jiġi ppreżentat l-appell**

Appell kontra deċiżjoni maħruġa minn qorti skont l-Artikolu 33 u l-Artikolu 35(1) u (3) jitressaq quddiem il-qorti tal-appell u quddiem il-Qorti Suprema. L-appell irid jitressaq quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata. L-appell irid jitressaq fi żmien tliet ġimgħat mid-data li fiha tkun inħarġet id-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata. Ir-regoli dwar l-appelli huma stabbiliti fil-Kapitoli 49 u 52 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarji.

Appell kontra deċiżjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża skont l-Artikolu 34(1) jew l-Artikolu 35(3) u (4) jitressaq quddiem il-qrati distrettwali segwenti. Il-kelma "konvenut" tfisser id-debitur.

Jekk id-debitur mhuwiex abitwalment residenti fl-Iżvezja, il-qorti distrettwali ta' Nacka hija kompetenti biex teżamina d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża. Madankollu, l-appell irid jitressaq quddiem l-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża. Appell kontra d-deċiżjoni jrid jitressaq fi żmien tliet ġimgħat mid-data li fiha tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni lill-appellant. Ir-regoli dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Eżekuzzjoni Żvediża huma stabbiliti fil-Kapitolu 18 tal-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn (1981:774) u l-Kapitolu 17 tal-Ordinanza tal-Eżekuzzjoni tad-Dejn (1981:981).

Appell kontra deċiżjoni maħruġa minn qorti distrettwali skont l-Artikolu 34(2) titressaq quddiem il-qorti tal-appell. Jekk id-deċiżjoni titressaq quddiem qorti tal-appell, l-appell jitressaq quddiem il-Qorti Suprema. Madankollu, l-appell irid jitressaq quddiem il-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni li tkun qed tiġi appellata. L-appell irid jitressaq fi żmien tliet ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni jekk id-deċiżjoni tfisser li l-kwistjoni tkun ġiet solvuta, jekk id-deċiżjoni tkun inħarġet waqt laqgħa jew jekk tkun saret dikjarazzjoni waqt laqgħa dwar jekk id-deċiżjoni hux se tiġi notifikata. Inkella, l-iskadenza għall-appelli tkun tliet ġimgħat mid-data li fiha l-appellant ikun ġie notifikat bid-deċiżjoni. Ir-regoli dwar l-appelli huma stabbiliti fit-Taqsimiet 38-41 tal-Att dwar Materji tal-Qorti (1996:242).

**Artikolu 50(1)(n) — Tariffi tal-Qorti**

Ir-regoli dwar il-miżati tal-eżekuzzjoni huma stabbiliti fl-Ordinanza dwar il-miżati tal-qrati ġenerali (1987:452). Il-miżata għal applikazzjoni għal preservazzjoni tal-kontijiet hija SEK 2 800.

Il-miżata trid titħallas meta l-applikazzjoni titressaq quddiem il-qorti.

**Artikolu 50(1)(o) — Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet tad-dokumenti**

Ingliż

L-aħħar aġġornament: 30/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.